

Il-Ġurnal Uffiċjali

tal-Unjoni Ewropea

L 337



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 57

25 ta' Novembru 2014

Werrej

II Atti mhux leġiżlattivi

REGOLAMENTI

- ★ **Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1252/2014 tat-28 ta' Mejju 2014 li jissupplimenta d-Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' prinċipji u linji gwida ta' prassi tajba ta' manifattura għas-sustanzi attivi għal prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem ⁽¹⁾** 1
- ★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1253/2014 tas-7 ta' Lulju 2014 li jimplimenta d-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' rekwiżiti għall-ekodisinn tal-unitajiet ta' ventilazzjoni ⁽¹⁾** 8
- ★ **Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1254/2014 tal-11 ta' Lulju 2014 li jissupplimenta d-Direttiva 2010/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tat-tikkettar enerġetiku tal-unitajiet ta' ventilazzjoni residenzjali ⁽¹⁾** 27
- ★ **Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1255/2014 tas-17 ta' Lulju 2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 223/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn billi jistabbilixxi l-kontenut tar-rapporti annwali u finali ta' implimentazzjoni, inkluża l-lista ta' indikaturi komuni** 46
- ★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1256/2014 tal-21 ta' Novembru 2014 li jistabbilixxi projbizzjoni tas-sajd għar-rebekkini u r-raj fl-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni IIa u IV minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Pajjiżi l-Baxxi** 51
- ★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1257/2014 tal-24 ta' Novembru 2014 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2003/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-fertilizzanti bl-iskop li jiġu adattati l-Annessi I u IV ⁽¹⁾** 53
- Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1258/2014 tal-24 ta' Novembru 2014 li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex** 66

⁽¹⁾ Test b'rilevanza għaż-ŻEE

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' DELEGA TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1252/2014

tat-28 ta' Mejju 2014

li jissupplimenta d-Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' prinċipji u linji gwida ta' prassi tajba ta' manifattura għas-sustanzi attivi għal prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem ⁽¹⁾, u b'mod partikolari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 47 tagħha,

Billi:

- (1) Is-sustanzi attivi kollha mmanifatturati fl-Unjoni, inklużi s-sustanzi attivi maħsuba għall-esportazzjoni, għandhom jiġu mmanifatturati skont il-prinċipji u l-linji gwida ta' prassi tajba ta' manifattura għas-sustanzi attivi, li fil-preżent huma stabbiliti fil-linji gwida tekniċi dwar il-manifattura ta' sustanzi attivi, ippubblikati mill-Kummissjoni. Huwa neċessarju li jiġu stabbiliti prinċipji u linji gwida ta' prassi tajba ta' manifattura għas-sustanzi attivi f'att legalment vinkolanti.
- (2) Sabiex jiġi promoss l-użu ta' standards armonizzati fuq livell globali, il-prinċipji u l-linji gwida ta' prassi tajba ta' manifattura għas-sustanzi attivi għandhom jiġu stabbiliti skont il-linji gwida għas-sustanzi attivi stabbiliti mill-Konferenza Internazzjonali dwar l-Armonizzazzjoni tal-Ħtiġiet Tekniċi għar-Reġistrazzjoni ta' Farmaċewtiċi għall-Użu mill-Bniedem.
- (3) Għandhom jiġu stabbiliti prinċipji u linji gwida ta' prassi tajba ta' manifattura fir-rigward tal-kwistjonijiet, l-operazzjonijiet u l-proċessi kollha li huma fundamentali sabiex tiġi determinata l-kwalità tas-sustanzi attivi, bħall-immaniġjar tal-kwalità, il-persunal, il-bini u t-tagħmir, id-dokumentazzjoni, l-immaniġjar tal-materjali, il-produzzjoni, il-kontrolli tal-kwalità waqt il-proċess, l-imballaġġ, it-tikkettar, il-kontrolli fil-laboratorju, ir-ritorn, l-ilmenti u s-sejħiet lura, l-għoti ta' kuntratti u l-imballaġġ mill-ġdid. Sabiex tiġi assicurata l-konformità ma' dawk il-prinċipji u l-linji gwida, il-manifatturi tas-sustanzi attivi għandhom ikunu meħtieġa li jistabbilixxu u jimplimentaw sistema effettiva għall-immaniġjar tal-kwalità ta' dawk is-sustanzi.
- (4) Persunal f'kundizzjonijiet mhux sanitarji, li jilbes ilbies mhux adatt jew li jipprattika attivitajiet potenzjalment kontaminanti fiż-żona tal-manifattura jista' jikkomprometti l-kwalità tas-sustanza attiva. Dan għandu jiġi evitat billi jiġu pprattikati drawwiet sanitarji u tajbin għas-saħħa li jkun xierqa għall-operazzjonijiet tal-manifattura li jsiru. Dawk il-prattiċi għandhom ikunu previsti fis-sistema tal-immaniġjar tal-kwalità stabbilita mill-manifattur tas-sustanza attiva.
- (5) Sabiex tiġi assicurata kwalità adegwata tas-sustanza attiva, huwa neċessarju li tiġi minimizzata l-kontaminazzjoni u l-kontaminazzjoni kroċjata potenzjali billi jkun meħtieġ l-użu ta' faċilitajiet, proċessi ta' produzzjoni u kontenituri maħsuba għal dan il-għan, kif ukoll kontrolli xierqa tal-kontaminazzjoni.

⁽¹⁾ ĠUL 311, 28.11.2001, p. 67.

- (6) Huwa importanti ħafna li tiġi evitata l-kontaminazzjoni kroċjata waqt il-produzzjoni ta' sustanzi attivi li jagħmlu ħsara lis-saħħa tal-bniedem. Il-kontaminazzjoni ta' prodotti oħra b'sustanzi attivi sensitizzanti ħafna tista' toħloq theddida serja għas-saħħa pubblika billi l-esponiment għal dawn is-sustanzi ħafna drabi jirriżulta fl-iżvilupp ta' sensittività eċċessiva u reazzjonijiet allerġiċi. Għal dik ir-raġuni, il-manifattura ta' dawk is-sustanzi attivi għandha tkun permessa li ssir biss f'żoni ta' produzzjoni separati. L-użu ta' żoni ta' produzzjoni separati jista' jkun neċessarju wkoll għall-produzzjoni ta' sustanzi attivi li jistgħu jagħmlu ħsara lis-saħħa tal-bniedem minħabba l-qawwa tagħhom jew in-natura infettiva jew tossika tagħhom. Għal dawk is-sustanzi, il-manifattur għandu jwettaq valutazzjoni tar-riskji għas-saħħa tal-bniedem u l-ħtieġa ta' żoni ta' produzzjoni separati.
- (7) Sabiex jiġu faċilitati t-traċċar, l-identifikazzjoni u s-soluzzjoni ta' problemi potenzjali relatati mal-kwalità kif ukoll sabiex tiġi verifikata l-konformità mal-prassi tajba ta' manifattura, il-manifattur għandu jżomm rekords dettaljati bil-miktub tal-proċessi kollha li jwettaq b'rabta mal-manifattura tas-sustanzi attivi, inkluż tad-devjazzjonijiet minn dawk il-proċessi.
- (8) Sabiex ikun assigurat li l-prodotti mediċinali jkollhom l-istandards xierqa ta' kwalità, sigurtà u effikaċja u sabiex tiġi protetta s-saħħa pubblika, il-manifatturi ta' sustanza attiva għandhom jikkomunikaw mingħajr dewmien kwalunkwe tibdil li jista' jaffettwa l-kwalità tas-sustanza attiva lill-manifatturi ta' prodotti mediċinali li jużaw is-sustanza attiva.
- (9) Huwa neċessarju li jkun hemm fis-seħħ proċeduri xierqa biex jiġu rreġistrati u investigati l-ilmenti relatati mal-kwalità u jitwettqu sejħiet lura tal-prodott sabiex jiġi indirizzat malajr it-tħassib dwar is-sigurtà u jitneħħew mis-suq sustanzi attivi li ma jilħqux l-istandards tal-kwalità jew jippreżentaw theddida serja għas-saħħa pubblika.
- (10) Meta l-manifattur tas-sustanza attiva jiddelega kwalunkwe parti tal-manifattura lil parti oħra, huwa importanti li jiġu ċċarati bil-miktub ir-responsabbiltajiet ta' dik il-parti l-oħra fir-rigward tal-konformità mal-prattiki tajba tal-manifattura u l-miżuri tal-kwalità,
- (11) L-applikazzjoni ta' Prattiki tajba tal-manifattura għall-proċess tal-imballaġġ mill-ġdid u tat-tikkettar mill-ġdid hija neċessarja sabiex ikun evitat li s-sustanzi attivi jiġu tikkettati b'mod żbaljat jew jiġu kontaminati fil-proċess,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Kamp ta' applikazzjoni

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-prinċipji u l-linji gwida ta' prassi tajba ta' manifattura għas-sustanzi attivi għal prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem, inklużi sustanzi attivi maħsuba għall-esportazzjoni.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) "manifattura" tfisser kwalunkwe operazzjoni totali jew parzjali ta' riċeviment tal-materjali, produzzjoni, imballaġġ, imballaġġ mill-ġdid, tikkettar, tikkettar mill-ġdid, kontroll tal-kwalità jew rilaxx tas-sustanzi attivi, u l-kontrolli relatati;
- (2) "materjal tal-bidu ta' sustanza attiva" tfisser kwalunkwe sustanza li minnha tiġi mmanifatturata jew estratta sustanza attiva;
- (3) "sustanza intermedja ta' sustanza attiva" tfisser sustanza li tinkiseb matul il-produzzjoni ta' sustanza attiva u li tkun maħsuba għal aktar ipproċessar;
- (4) "materja prima" tfisser kwalunkwe sustanza, reaġent jew solvent li jkunu maħsubin għall-użu fil-produzzjoni ta' sustanza attiva u li s-sustanza attiva ma tiġix immanifatturata jew estratta direttament minnhom.

*Artikolu 3***Immaniġjar tal-kwalità**

1. Il-manifatturi tas-sustanzi attivi ("il-manifattur") għandhom jistabbilixxu, jiddokumentaw u jimplimentaw sistema effettiva għall-immaniġjar tal-kwalità ta' dawk is-sustanzi matul l-operazzjonijiet tal-manifattura li jwettqu (il-"proċess tal-manifattura"). Is-sistema għandha tipprovdi għall-parteċipazzjoni attiva tal-persunal amministrattiv u tal-manifattura.

Is-sistema għandha tassigura li s-sustanzi attivi jissodisfaw l-ispeċifikazzjonijiet tal-kwalità u l-purità tagħhom stabbiliti skont l-Artikolu 12(1).

Is-sistema għandha tinkludi ġestjoni tar-riskju tal-kwalità.

2. Il-manifattur għandu jaħtar unità tal-kwalità li tkun indipendenti mill-unità tal-produzzjoni u li għandha tkun responsabbli għall-assigurazzjoni tal-kwalità u l-kontroll tal-kwalità.

3. Il-manifattur għandu jwettaq verifiki interni regolari u segwitu fuq is-sejbiet.

*Artikolu 4***Persunal**

1. Il-manifattur għandu jassigura għadd xieraq ta' persunal li jkollhom il-kwalifiki neċessarji miksuba permezz ta' edukazzjoni, taħriġ jew esperjenza sabiex iwettqu u jissorveljaw il-manifattura tas-sustanzi attivi.

2. Il-persunal għandu jipprattika sanità u iġjene tajba fiż-żona tal-manifattura. Il-persunal ma għandux jaċċessa ż-żona tal-manifattura jekk:

- (a) ikollu marda infettiva jew ikollu feriti miftuħa jew kundizzjonijiet dermatoloġiċi oħra fuq is-superfiċje esposta tal-ġisem li jistgħu jaffettwaw b'mod negattiv il-kwalità u l-purità tas-sustanza attiva;
- (b) ikun liebes ilbies li jidher maħmuġ, jew li ma jipproteġix is-sustanza attiva minn kontaminazzjoni potenzjali li tkun ġeġja mill-persunal, jew li ma jipproteġix il-persunal minn esponiment għal sustanzi attivi li jistgħu jagħmlu ħsara lis-saħħa tal-bniedem;
- (c) meta jidħol fiż-żona tal-manifattura, ikun qiegħed iwettaq attivitajiet li jistgħu jikkontaminaw jew jikkompromettu mod ieħor il-kwalità tas-sustanza attiva.

*Artikolu 5***Bini u faċilitajiet**

1. Il-bini u l-faċilitajiet użati fil-manifattura tas-sustanzi attivi għandhom ikunu pożizzjonati, imfassla u mibnija biex jaqdu l-operazzjonijiet maħsuba u sabiex jiffaċilitaw it-tindif u l-manutenzjoni filwaqt li jitqies it-tip u l-istadju tal-manifattura li għalihom jintużaw il-bini u l-faċilitajiet.

Il-faċilitajiet u l-fluss tal-materjal u l-persunal minn ġol-faċilitajiet għandhom ikunu mfassla b'mod li jassigura li s-sustanzi u l-materjali differenti jinżammu separati u ma jikkontaminawx lil xulxin.

2. Għandha ssir manutenzjoni u tiswija sewwa fuq il-bini u għandu jinżamm f'kundizzjoni nadifa.

3. Is-sustanzi attivi sensitizzanti ħafna għandhom jiġu prodotti f'żoni ta' produzzjoni separati.

Meta jwettaq operazzjonijiet tal-produzzjoni, il-manifattur għandu jivvaluta l-ħtieġa ta' żoni ta' produzzjoni separati għal sustanzi attivi oħra li jkollhom il-potenzjal li jagħmlu ħsara lis-saħħa tal-bniedem minħabba l-qawwa tagħhom jew in-natura infettiva jew tossika tagħhom. Din il-valutazzjoni għandha tevalwa r-riskju għas-saħħa tal-bniedem li jippreżentaw dawk is-sustanzi attivi billi jitqiesu l-qawwa, it-tossiċità, l-infettività u l-proċeduri ta' minimizzazzjoni tar-riskju li jkun hemm fis-seħħ. Il-valutazzjoni għandha tiġi dokumentata bil-miktub.

Fejn il-valutazzjoni turi riskju ta' ħsara għas-saħħa tal-bniedem, is-sustanza attiva għandha tiġi prodotta f'żoni ta' produzzjoni separati.

Artikolu 6

Tagħmir

1. It-tagħmir użat fil-manifattura tas-sustanzi attivi għandu jkun iddisinjat, ta' daqs u pożizzjonat b'mod xieraq għall-użu, it-tindif, il-manutenzjoni u, fejn ikun xieraq, għas-sanitizzazzjoni tiegħu.

It-tagħmir għandu jkun mibni u jitħaddem b'mod li l-uċuħ li jiġu f'kuntatt mal-materja prima, il-materjal tal-bidu ta' sustanza attiva, is-sustanzi intermedji ta' sustanza attiva jew is-sustanzi attivi ma jbidlux il-kwalità tal-materja prima, il-materjal tal-bidu tas-sustanza attiva, is-sustanzi intermedji tas-sustanza attiva jew is-sustanzi attivi b'mod li ma jibqgħux jikkonformaw mal-ispeċifikazzjonijiet stabbiliti skont l-Artikolu 12(1).

2. Il-manifattur għandu jistabbilixxi proċeduri bil-miktub għat-tindif tat-tagħmir u l-verifika sussegwenti tal-idoneità tiegħu għall-użu fil-proċess tal-manifattura.

3. It-tagħmir ta' kontroll, użin, kejl, monitoraġġ u ttestjar li jkun essenzjali biex tiġi assicurata l-kwalità tas-sustanza attiva għandu jiġi kkalibrat skont proċeduri bil-miktub u skont skeda stabbilita.

Artikolu 7

Dokumentazzjoni u rekords

1. Il-manifattur għandu jistabbilixxi u jżomm sistema ta' dokumentazzjoni u proċeduri bil-miktub li jkopru l-proċess tal-manifattura.

Id-dokumenti kollha relatati mal-proċess tal-manifattura għandhom jiġu ppreparati, riveduti, approvati u mqasma skont proċeduri bil-miktub.

Il-manifattur għandu jżomm rekords tal-anqas tal-elementi li ġejjin b'rabta mal-proċess tal-manifattura:

- (1) it-tindif u l-użu tat-tagħmir;
- (2) l-oriġini tal-materja prima, il-materjal tal-bidu ta' sustanza attiva u s-sustanzi intermedji ta' sustanza attiva;
- (3) il-kontrolli fir-rigward tal-materja prima, il-materjal tal-bidu ta' sustanza attiva u s-sustanzi intermedji ta' sustanza attiva;
- (4) l-użu tal-materja prima, il-materjal tal-bidu ta' sustanza attiva u s-sustanzi intermedji ta' sustanza attiva;
- (5) it-tikkettar tas-sustanzi attivi u tal-materjal tal-imballaġġ;
- (6) l-istruzzjonijiet dwar il-produzzjoni prinċipali;
- (7) il-produzzjoni u l-kontroll tal-lottijiet;
- (8) il-kontrolli fil-laboratorju.

Il-ħruġ, ir-reviżjoni, is-sostituzzjoni u l-irtirar ta' dokumenti relatati mal-proċess tal-manifattura għandhom ikunu kkontrollati, u għandhom jinżammu rekords tar-reviżjoni, is-sostituzzjoni u l-irtirar tagħhom.

2. L-attivitajiet kollha relatati mal-kwalità li jitwettqu matul il-proċess tal-manifattura għandhom jiġu rreġistrati fil-ħin li jitwettqu. Kwalunkwe devjazzjoni mill-proċeduri bil-miktub imsemmija fl-Artikolu 7(1) għandha tiġi dokumentata u spjegata. Id-devjazzjonijiet li jaffettwaw il-kwalità tas-sustanza attiva jew li jostakolaw lis-sustanza attiva milli tissodisfa l-ispeċifikazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 12(1) għandhom jiġu investigati, u l-investigazzjoni u l-konklużjonijiet tagħha għandhom jiġu dokumentati.

3. Wara li jwettaq l-operazzjonijiet ta' produzzjoni u kontroll, il-manifattur għandu jżomm ir-rekords kollha tal-produzzjoni u kontroll għal tal-anqas sena wara d-data ta' skadenza tal-lott. Għal sustanza attiva b'dati għall-ittestjar mill-ġdid, il-manifattur għandu jżomm rekords għal tal-anqas tliet snin wara li l-lott sħiħ ikun tqiegħed fis-suq.

Artikolu 8

Immaniġjar tal-materjali

1. Il-manifattur għandu jkollu fis-seħħ proċeduri bil-miktub sabiex jassigura l-kwalità tal-materjal li jidħol, li jkopru l-elementi li ġejjin:

- (1) ir-riċeviment;
- (2) l-identifikazzjoni;

- (3) il-kwarantina;
 - (4) il-ħażna;
 - (5) l-immaniġġjar;
 - (6) it-teħid tal-kampjuni;
 - (7) l-ittestjar;
 - (8) l-approvazzjoni;
 - (9) iċ-ċaħda.
2. Il-manifattur għandu jkollu fis-seħħ sistema sabiex jevalwa l-fornituri ta' materjal kritiku.

Artikolu 9

Produzzjoni u kontroll waqt il-proċess

1. L-operazzjonijiet tal-produzzjoni għandhom ikunu soġġetti għal kontrolli sabiex jiġi mmonitorjat u aġġustat il-proċess tal-produzzjoni jew biex jiġi vverifikat li s-sustanza attiva tikkonforma mal-ispeċifikazzjonijiet tal-kwalità u l-purità skont l-Artikolu 12(1). L-operazzjonijiet tal-produzzjoni li jkunu kritiċi sabiex jiġi assigurat li s-sustanza attiva tissodisfa l-ispeċifikazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 12(1) għandhom jitwettqu taħt is-superviżjoni viżwali ta' persunal kwalifikat jew ikunu soġġetti għal kontroll ekwivalenti.
2. L-użin u l-kejl tal-materja prima u tal-materjal tal-bidu ta' sustanza attiva għandu jkun preċiż u għandu jitwettaq b'mod li ma jaffettwax l-idoneità għall-użu tagħhom.
3. L-operazzjonijiet tal-produzzjoni, inkluża kwalunkwe operazzjoni wara l-purifikazzjoni tas-sustanzi intermedji ta' sustanza attiva jew tas-sustanza attiva, għandhom jitwettqu b'mod li l-materja prima, il-materjal tal-bidu ta' sustanza attiva, is-sustanzi intermedji ta' sustanza attiva u s-sustanzi attivi ma jkunux jistgħu jiġu kkontaminati minn materjali oħra.

Artikolu 10

Imballaġġ u tikkettar

1. Il-kontenituri għandhom jipprovdu protezzjoni adegwata kontra d-deterjorament jew il-kontaminazzjoni tas-sustanza attiva mill-mument li tiġi ppakkjata s-sustanza attiva sal-mument li tintuża fil-manifattura ta' prodotti mediċinali.
2. Il-ħażna, l-istampar u l-użu tat-tikketti fuq l-imballaġġ tas-sustanzi attivi għandhom ikunu kkontrollati. It-tikketti għandhom jinkludu l-informazzjoni neċessarja sabiex tiġi assigurata l-kwalità tas-sustanza attiva.

Artikolu 11

Tqegħid fis-suq

Sustanza attiva għandha titqiegħed fis-suq biss wara li tkun ġiet rilaxxata għall-bejgħ mill-unità responsabbli mill-kwalità.

Artikolu 12

Kontrolli fil-laboratorju

1. Il-manifattur għandu jistabbilixxi speċifikazzjonijiet għall-kwalità u l-purità tas-sustanzi attivi li jimmanifattura u għall-materja prima, il-materjal tal-bidu ta' sustanza attiva u s-sustanzi intermedji ta' sustanza attiva użati f'dak il-proċess.
2. Għandhom jitwettqu testijiet fil-laboratorju sabiex tiġi verifikata l-konformità mal-ispeċifikazzjonijiet imsemmija f'paragrafu 1.

Il-manifattur għandu jgħoddi ċertifikati tal-analiżi għal kull lott ta' sustanza attiva fuq talba ta':

- (a) l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru;
- (b) manifatturi ta' sustanzi attivi forniti direttament jew indirettament mas-sustanza attiva għall-iskop ta' aktar ipproċessar, imballaġġ, imballaġġ mill-ġdid, tikkettar jew tikkettar mill-ġdid tas-sustanza attiva;

- (c) distributuri u sensara ta' sustanzi attivi;
- (d) manifatturi ta' prodotti mediċinali forniti direttament jew indirettament mas-sustanza attiva.

3. Il-manifattur għandu jimmonitorja l-istabbiltà tas-sustanza attiva permezz ta' studji dwar l-istabbiltà. Id-dati għall-iskadenza jew l-ittestjar mill-ġdid tas-sustanzi attivi għandhom jiġu stabbiliti abbażi ta' evalwazzjoni tad-dejta miksuba mill-istudji dwar l-istabbiltà. Kampjuni tas-sustanza attiva identifikati b'mod xieraq għandhom jinżammu skont pjan għat-teħid tal-kampjuni li jiġi stabbilit fuq il-bażi taż-żmien kemm iddum tajba s-sustanza attiva.

Artikolu 13

Validazzjoni

Il-manifattur għandu jistabbilixxi u jimplimenta politika ta' validazzjoni għal dawk il-proċessi u l-proċeduri li jkunu kritiċi sabiex jiġi assigurat li s-sustanza attiva tissodisfa l-ispeċifikazzjonijiet tal-kwalità u l-purità stabbiliti skont l-Artikolu 12(1).

Artikolu 14

Kontroll tal-bidliet

1. Il-manifattur għandu jevalwa l-impatt potenzjali fuq il-kwalità tas-sustanza attiva, ta' kwalunkwe bidla fil-proċess tal-manifattura li tista' taffettwa l-produzzjoni u l-kontroll tas-sustanza attiva, qabel ma jimplimenta dawk il-bidliet.
2. Ma għandhomx jiġu implimentati bidliet fil-proċess tal-manifattura li jaffettwaw b'mod negattiv il-kwalità tas-sustanza attiva.
3. Il-manifattur ta' sustanza attiva għandu jinnotifika mingħajr dewmien lill-manifatturi tal-prodotti mediċinali li lil-hom huwa jipprovi s-sustanza attiva, dwar kwalunkwe tibdil fil-proċess tal-manifattura li jista' jaffettwa l-kwalità tas-sustanza attiva.

Artikolu 15

Rifjut u ritorn

1. Il-lottijiet ta' sustanzi attivi u sustanzi intermedji ta' sustanzi attivi li ma jikkonformawx mal-ispeċifikazzjonijiet stabbiliti skont l-Artikolu 12(1) għandhom jiġu rifjutati, tikkettati bħala tali u jitpoġġew fi kwarantana.
2. Il-manifattur li jerġa' jipproċessa jew jerġa' jaħdem lottijiet rifjutati ta' sustanza attiva li ma jikkonformawx mal-ispeċifikazzjonijiet, jew jirkupra materja prima u solventi għall-użu mill-ġdid fil-proċess tal-manifattura, għandu jsegwi l-proċeduri stabbiliti skont l-Artikolu 7(1) u għandu jwettaq kontrolli xierqa biex jassigura li:
 - (a) is-sustanza attiva pproċessata mill-ġdid jew maħduma mill-ġdid tissodisfa l-ispeċifikazzjonijiet stabbiliti skont l-Artikolu 12(1);
 - (b) il-materja prima u s-solventi rkuprati jkunu adatti għall-użu maħsub tagħhom fil-proċess tal-manifattura.
3. Is-sustanzi attivi ritornati għandhom jiġu identifikati bħala tali u jitpoġġew fi kwarantana.

Artikolu 16

Ilmenti u sejħiet lura

1. Il-manifattur għandu jirreġistra u jinvestiga l-ilmenti kollha relatati mal-kwalità.
2. Il-manifattur għandu jistabbilixxi proċeduri għas-sejħa lura ta' sustanzi attivi mis-suq.
3. F'każ li s-sustanza attiva msejħa lura toħloq riskju serju għas-saħħa pubblika, il-manifattur għandu jinforma mingħajr dewmien lill-awtoritajiet kompetenti.

*Artikolu 17***Manifattura b'kuntratt**

1. Operazzjoni tal-manifattura jew operazzjoni marbuta magħha li trid titwettaq fisem il-manifattur tas-sustanza attiva minn parti oħra ("il-manifattur b'kuntratt") għandha tkun is-suġġett ta' kuntratt bil-miktub.

Il-kuntratt għandu jiddefinixxi b'mod ċar ir-responsabbiltajiet tal-manifattur b'kuntratt fir-rigward tal-prassi tajba ta' manifattura.

2. Il-manifattur tas-sustanza attiva għandu jikkontrolla li l-operazzjonijiet imwettqa minn manifattur b'kuntratt jikkonformaw mal-prassi tajba ta' manifattura.

3. Operazzjoni tal-manifattura jew operazzjoni marbuta magħha li tkun ġiet iddelegata lil manifattur b'kuntratt ma għandhiex tiġi subkuntrattata lil parti terza mingħajr il-kunsens bil-miktub tal-manifattur tas-sustanza attiva.

*Artikolu 18***Imballaġġ mill-ġdid**

Fejn is-sustanza attiva tiġi ppakkjata mill-ġdid minn manifattur f'kontenitur li jvarja mill-kontenitur oriġinali fir-rigward tal-volum tiegħu, jew il-materjal li jkun magħmul minnu, jew l-opaċità tiegħu għad-dawl, huwa għandu jwettaq studji tal-istabbiltà fuq is-sustanza attiva u jassenja data ta' skadenza jew tal-ittestjar mill-ġdid għaliha fuq il-bażi ta' daww l-istudji.

*Artikolu 19***Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Huwa għandu japplika mill-25 ta' Mejju 2015.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Mejju 2014.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1253/2014**tas-7 ta' Lulju 2014****li jimplimenta d-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' rekwiżiti għall-ekodisinn tal-unitajiet ta' ventilazzjoni****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva⁽¹⁾ 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti relatati mal-enerġija⁽²⁾, u b'mod partikulari l-Artikolu 15(1) tagħha,

Billi:

- (1) Skont id-Direttiva 2009/125/KE prodotti relatati mal-enerġija li jirrappreżentaw volumi sinifikanti ta' bejgħ u negożju, li għandhom impatt ambjentali sinifikanti fl-Unjoni u li jippreżentaw potenzjal sinifikanti għal titjib f'termini tal-impatt ambjentali tagħhom mingħajr ma jinhtheġu spejjeż eċċessivi, għandhom jiġu koperti minn miżura ta' implimentazzjoni jew minn miżura ta' awtoregolamentazzjoni rigward ir-rekwiżiti għall-ekodisinn.
- (2) Il-Kummissjoni vvalutat l-aspetti tekniċi, ambjentali u ekonomiċi tal-unitajiet tal-ventilazzjoni. Il-valutazzjoni wriet li l-unitajiet ta' ventilazzjoni jitqiegħdu fis-suq tal-Unjoni fi kwantitajiet kbar. Il-konsum tal-enerġija fil-fażi tal-użu hu iktar aspett ambjentali sinifikanti tal-unitajiet ta' ventilazzjoni billi jippreżenta potenzjal sinifikanti għal iffrankar kosteffikaċi fl-użu tal-enerġija u fit-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra.
- (3) Il-fannijiet huma parti importanti tal-unitajiet ta' ventilazzjoni. Ir-rekwiżiti ġeneriċi minimi għall-effiċjenza enerġetika għal fannijiet ġew stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 327/2011⁽³⁾. Il-konsum tal-enerġija mill-funzjonijiet tal-ventilazzjoni ta' fannijiet li jagħmlu parti mill-unitajiet ta' ventilazzjoni hu kopert mir-rekwiżiti minimi għall-prestazzjoni tal-enerġija ta' dak ir-Regolament, imma ħafna unitajiet ta' ventilazzjoni jużaw fannijiet li mhumiex koperti minnu. Għalhekk, huwa neċessarju li jiġu introdotti miżuri ta' implimentazzjoni għall-unitajiet ta' ventilazzjoni.
- (4) Għandha ssir distinzjoni bejn il-miżuri li japplikaw għal unitajiet ta' ventilazzjoni residenzjali u għal unitajiet ta' ventilazzjoni mhux residenzjali abbażi tar-rata individwali tal-fluss tal-arja tagħhom peress li fil-prattika jintużaw żewġ settijiet differenti ta' standards ta' qisien,
- (5) Unitajiet żgħar ta' ventilazzjoni ta' potenza elettrika input ta' inqas minn 30 W għal kull fluss ta' arja għandhom jiġu eżentati mir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, ħlief għar-rekwiżiti ta' informazzjoni. Dawn l-unitajiet huma ddisinjati għal ħafna applikazzjonijiet differenti, u fil-biċċa l-kbira joperaw b'mod intermittenti u b'funzjonijiet supplimentari biss, pereżempju fi kmamar tal-banju. L-inklużjoni tagħhom tirrappreżenta piż amministrattiv konsiderevoli f'termini ta' sorveljanza tas-suq minħabba ammonti kbar ta' bejgħ, filwaqt li tikkontribwixxi biss għal sehem żgħir tal-potenzjal tal-iffrankar ta' enerġija. Madankollu, peress li joffru funzjonalitajiet simili għal dawk ta' unitajiet oħra ta' ventilazzjoni, l-inklużjoni possibbli tagħhom għandha tiġi indirizzata bl-istess mod fil-valutazzjoni ta' dan ir-Regolament. Barra minn hekk, unitajiet ta' ventilazzjoni ddiżinjati speċifikament biex joperaw esklussivament għal finijiet ta' emerġenza jew f'ambjenti eċċezzjonali jew ta' periklu għandhom jiġu eżentati wkoll, peress li jintużaw b'mod rari u għal ftit ħin biss. L-eżenzjonijiet jiċċaraw ukoll li l-unitajiet multifunzjonali li fil-biċċa l-kbira jsaħħnu jew ikessħu u l-estratturi tal-apparat kollu tal-kċina huma esklużi. Il-Kummissjoni wettqet studji ta' thejġija biex tanalizza l-aspetti tekniċi, ambjentali u ekonomiċi tal-apparat tal-unitajiet ta' ventilazzjoni residenzjali u mhux residenzjali. L-istudji thejġew flimkien mal-partijiet interessati mill-Unjoni u mill-pajjiżi terzi, u r-risultati tqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku.

⁽¹⁾ ĠU L 285, 31.10.2009, p. 10.

⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 327/2011 tat-30 ta' Marzu 2011 li jimplimenta d-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti ta' ekodisinn għal fannijiet b'muturi ta' potenza elettrika input bejn 125 W u 500 kW (ĠU L 90, 6.4.2011, p. 8).

- (6) Il-parametru ambjentali ewlieni tal-prodotti koperti li ġie identifikat bħala l-iktar sinifikanti għall-finijiet ta' dan ir-Regolament huwa l-konsum tal-enerġija fil-fażi tal-użu. Ġie stmat li fl-Unjoni, il-konsum annwali tal-elettriku ta' prodotti soġġetti għal dan ir-Regolament kien ta' 77,6 TWh, fl-2010. Fl-istess ħin, dawn il-prodotti jiffrankaw 2 570 PJ ta' enerġija għat-tisħin tal-post. B'kollox, jekk jiġi applikat koeffiċjent ta' konverżjoni ta' enerġija primarja ta' 2,5 għall-elettriku, il-bilanċ ta' enerġija hu ta' 1 872 PJ ta' ffrankar annwali ta' enerġija primarja fl-2010. Min-għajr miżuri speċifiċi, l-iffrankar totali hu mistenni jikber sa 2 829 PJ fl-2025.
- (7) L-istudji ta' thejġija juru li l-konsum tal-enerġija mill-prodotti li huma soġġetti għal dan ir-Regolament jista' jtnaqqas b'mod sinifikanti. L-effett ikkombinat tar-rekwiżiti għall-ekodisinn stipulati f'dan ir-Regolament u fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1254/2014 ⁽¹⁾ mistenni jirriżulta f'żieda totali fl-iffrankar sa 1 300 PJ (45 %) għal livell ta' 4 130 PJ fl-2025.
- (8) L-istudji ta' thejġija juru li r-rekwiżiti fir-rigward tal-parametri l-oħra tal-ekodisinn imsemmija fil-Parti 1 tal-Anness I tad-Direttiva 2009/125/KE mhumiex meħtieġa għall-unitajiet ta' ventilazzjoni minħabba li l-konsum tal-enerġija fil-fażi tal-użu huwa bil-bosta l-iktar aspett ambjentali importanti.
- (9) Ir-rekwiżiti tal-ekodisinn għandhom jiddaħħlu gradwalment sabiex il-manifatturi jingħataw żmien biżżejjed biex jiddisinnjaw mill-ġdid il-prodotti li huma suġġetti għal dan ir-Regolament. Għaż-żmien tal-introduzzjoni ta' dawn ir-rekwiżiti għandu jitqies l-impatt fuq l-ispejjeż għall-utenti finali u l-manifatturi, b'mod partikolari għall-intrapriżi żgħar u medji, filwaqt li jiġi żgurat li titjeb il-prestazzjoni ambjentali tal-unitajiet tal-ventilazzjoni bla dewmien mhux neċessarju.
- (10) Il-parametri tal-prodott għandhom jitkejju u jiġu kkalkulati permezz ta' metodi li jkunu affidabbli, preċiżi u riproduċibbli, u li jqisu l-metodi tal-qisien u tal-kalkolu l-aktar avvanzati rrikonoxxuti, inklużi, fejn ikunu disponibbli, standards armonizzati adottati mill-korpi Ewropej tal-istandardizzazzjoni wara talba mill-Kummissjoni, skont il-proċeduri stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾.
- (11) Fil-miżura ta' implimentazzjoni għandhom jiġu identifikati punti ta' riferiment għal tipi ta' unitajiet ta' ventilazzjoni disponibbli bħalissa li għandhom effiċjenza enerġetika għolja abbażi tal-informazzjoni miġbura waqt il-preparazzjoni tal-miżura, sabiex il-manifatturi jkunu jistgħu jagħmlu użu minn din il-valutazzjoni biex jevalwaw soluzzjonijiet ta' disinn alternattivi u l-prestazzjoni ambjentali miksuba tal-prodott mal-punti ta' riferiment. Dan għandu jgħin sabiex jiġu żgurati disponibbiltà wiesgħa u l-aċċessibbiltà faċli tal-informazzjoni, b'mod partikolari għall-intrapriżi żgħar u medji, u dan għandu jiffaċilita aktar l-integrazzjoni tal-aqwa teknoloġiji ta' disinn u jiffaċilita l-iżvilupp ta' prodotti aktar effiċjenti biex jitnaqqas il-konsum tal-enerġija.
- (12) Ġie kkonsultat il-Forum ta' Konsultazzjoni msemmi fl-Artikolu 18 tad-Direttiva 2009/125/KE.
- (13) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 19(1) tad-Direttiva 2009/125/KE,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Is-suġġett u l-kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament japplika għall-unitajiet ta' ventilazzjoni u jistabbilixxi rekwiżiti għall-ekodisinn għat-tqegħid fis-suq jew għat-tqegħid fis-servizz tagħhom.
2. Dan ir-Regolament m'għandux japplika għal unitajiet ta' ventilazzjoni li:
 - (a) huma unidirezjonali (dħul jew ħruġ tal-arja) b'potenza elettrika input ta' inqas minn 30 W, ħliet għar-rekwiżiti ta' informazzjoni;

⁽¹⁾ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1254/2014 tal-11 ta' Lulju 2014 li jissupplimenta d-Direttiva 2010/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tat-tikkettar enerġetiku tal-unitajiet ta' ventilazzjoni residenzjali (Ara paġna 27 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

⁽²⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea (ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12).

- (b) huma bidirezzjonali, b'potenza elettrika input totali għal fannijiet ta' inqas minn 30 W għal kull fluss ta' arja, ħliet għar-reqwiziti ta' informazzjoni;
- (c) huma fannijiet b'fus jew fannijiet ċentrifugi biss mgħammra b'hawsing f'termini tar-Regolament (UE) Nru 327/2011;
- (d) huma speċifikati esklussivament bħala jitħaddmu f'atmosfera potenzjalment esplożivi kif definit fid-Direttiva 94/9/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾;
- (e) huma speċifikati esklussivament bħala li jitħaddmu fużu ta' emerġenza, għal perijodi qosra ta' żmien, u bħala li huma konformi mar-reqwiziti bażiċi għal xogħlijiet ta' bini fir-rigward tas-sigurtà f'każ ta' nirien kif stipulat fir-Regolament (UE) Nru 305/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾;
- (f) huma speċifikati esklussivament bħala jitħaddmu:
 - (i) meta t-temperatura ta' tħaddim tal-arja li tkun qed tiġi mmexxija tkun ogħla minn 100 °C;
 - (ii) meta t-temperatura tal-ambjent tal-mutur li jħaddem il-fann, jekk dan il-mutur ma jkunx fil-fluss tal-arja, tkun ogħla minn 65 °C waqt it-tħaddim;
 - (iii) meta t-temperatura tal-arja li tkun qed tiġi mmexxija jew it-temperatura tal-ambjent tal-mutur waqt it-tħaddim, jekk dan il-mutur ma jkunx fil-fluss tal-arja, tkun ta' inqas minn - 40 °C;
 - (iv) meta l-provvista tal-vultaġġ taqbeż 1 000 V AC jew 1 500 V DC;
 - (v) f'ambjenti tossiċi, korrużivi ħafna jew li jieħdu n-nar malajr, jew f'ambjenti li jkollhom sustanzi li joborxu;
- (g) jinkludu skambjatur tas-sħana u pompa tas-sħana għall-irkupru tas-sħana jew biex jippermettu t-trasferiment jew l-estrazzjoni tas-sħana li huma addizzjonali għall-għan tas-sistema tal-irkupru ta' sħana, ħliet għat-trasferiment tas-sħana għall-protezzjoni tal-ġlata jew it-tneħħija tagħha;
- (h) huma kklassifikati bħala estratturi tal-apparat kollu tal-kċina koperti mir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 66/2014 ⁽³⁾ dwar l-apparat tal-kċina.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) "unità ta' ventilazzjoni (VU)" tfisser tagħmir li jaħdem bl-elettriku li huwa mgħammar b'ta' mill-inqas skrun wieħed, b'mutur wieħed u b'hawsing estern, maħsub biex jissostitwixxi l-arja użata b'arja minn barra f'bini jew f'parti minn bini;
- (2) "unità ta' ventilazzjoni residenzjali" (RVU) tfisser unità ta' ventilazzjoni li fil-każ tagħha
 - (a) ir-rata tal-fluss massima ma taqbiż il-250 m³/h;
 - (b) ir-rata tal-fluss massima hija ta' bejn 250 u 1 000 m³/h, u li fil-każ tagħha l-manifattur jiddikjara li l-użu maħsub tagħha huwa esklussivament wieħed ta' ventilazzjoni residenzjali;
- (3) "unità ta' ventilazzjoni mhux residenzjali" (NRVU) tfisser unità ta' ventilazzjoni fejn ir-rata massima tal-fluss tal-unità ta' ventilazzjoni taqbeż il-250 m³/h, u, fejn ir-rata massima tal-fluss tal-arja hija ta' bejn 250 u 1 000 m³/h, u l-manifattur ma ddikjarax l-użu maħsub tagħha bħala esklussivament għal applikazzjoni ta' ventilazzjoni mhux residenzjali;
- (4) "rata tal-fluss massima" hija r-rata massima tal-fluss volumetrik tal-arja iddikjarata ta' unità ta' ventilazzjoni li tista' tinkiseb permezz ta' kontrolli integrati jew kontrolli separati li jiġu forniti b'mod konġunt, f'kundizzjonijiet ambjentali standard (20 °C) u f'101 325 Pa, meta l-unità tkun ġiet installata bis-sħiħ (eż. tkun mgħammra b'filtri nodfa) u skont l-istruzzjonijiet tal-manifattur, għal RVUs b'ventilazzjoni il-fluss massimu huwa relatat mal-fluss tal-arja b'100 Pa ta' differenza fil-pressjoni statika esterna, u fil-każ ta' RVUs mingħajr ventilazzjoni, relatata mal-fluss tal-arja bid-differenza fil-pressjoni esterna totali minima li tista' tinkiseb u li għandha tintgħażel minn sett ta' valuri ta' 10 (minimu) -20-50-100-150-200-250 Pa, liema minnhom hija uguali għal jew eżatt taħt il-valur tad-differenza mkejla fil-pressjoni;

⁽¹⁾ Id-Direttiva 94/9/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Marzu 1994 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li jikkonċernaw it-tagħmir u sistemi ta' protezzjoni maħsuba għall-użu f'atmosfera potenzjalment esplożivi (ĠU L 100, 19.4.1994, p. 1).

⁽²⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 305/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2011 li jistabbilixxi kundizzjonijiet armonizzati għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti għall-bini u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE (ĠU L 88, 4.4.2011, p. 5).

⁽³⁾ Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 66/2014 tal-14 ta' Jannar 2014 li jimplimenta d-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsa mar-reqwiziti tal-ekodisinn għall-fran domestiċi, għall-ħobbs domestiċi u għall-estratturi tal-kukers domestiċi (ĠU L 29, 31.1.2014, p. 33).

- (5) “unità ta’ ventilazzjoni unidirezzjonali” (UVU) tfisser unità ta’ ventilazzjoni li tipproduċi fluss ta’ arja f’direzzjoni waħda biss, jew minn ġewwa għal barra (ħruġ) jew minn barra għal ġewwa (dħul), fejn il-fluss tal-arja prodott b’mod mekkaniku jkun ibbilanċjat bi provvista naturali tal-arja jew bi ħruġ;
- (6) “unità ta’ ventilazzjoni bidirezzjonali” (BVU) tfisser unità ta’ ventilazzjoni li tipproduċi fluss ta’ arja minn ġewwa għal barra u li hija mgħammra kemm b’fannijiet għad-dħul kif ukoll b’fannijiet għall-ħruġ tal-arja;
- (7) “mudell ta’ unità ta’ ventilazzjoni ekwivalenti” ifisser unità ta’ ventilazzjoni bl-istess karatteristiċi tekniki skont ir-rekwiżiti applikabbli tal-informazzjoni dwar il-prodott, imma li tqiegħdet fuq is-suq bħala mudell ta’ unità differenti ta’ ventilazzjoni mill-istess manifattur, rappreżentant awtorizzat jew importatur.

Fl-Anness I qed jingħataw iktar definizzjonijiet għall-għanijiet tal-Annessi II sa IX.

Artikolu 3

Rekwiżiti għall-Ekodisinn

1. Mill-1 ta’ Jannar 2016, l-RVUs għandhom iħarsu r-rekwiżiti speċifiċi għall-ekodisinn stipulati fl-Anness II, punt 1.
2. Mill-1 ta’ Jannar 2016, l-NRVUs għandhom iħarsu r-rekwiżiti speċifiċi għall-ekodisinn stipulati fl-Anness III, punt 1.
3. Mill-1 ta’ Jannar 2018, l-RVUs għandhom iħarsu r-rekwiżiti speċifiċi għall-ekodisinn stipulati fl-Anness II, punt 2.
4. Mill-1 ta’ Jannar 2018, l-NRVUs għandhom iħarsu r-rekwiżiti speċifiċi għall-ekodisinn stipulati fl-Anness III, punt 2.

Artikolu 4

Ir-Rekwiżiti għall-Informazzjoni

1. Mill-1 ta’ Jannar 2016 il-manifatturi, ir-rappreżentanti awtorizzati tagħhom u l-importaturi tal-RVUs għandhom iħarsu r-rekwiżiti ta’ informazzjoni stipulati fl-Anness IV.
2. Mill-1 ta’ Jannar 2016 il-manifatturi, ir-rappreżentanti awtorizzati tagħhom u l-importaturi tal-NRVUs għandhom iħarsu r-rekwiżiti ta’ informazzjoni stipulati fl-Anness V.

Artikolu 5

Valutazzjoni tal-konformità

1. Il-manifatturi ta’ unitajiet ta’ ventilazzjoni għandhom iwettqu l-valutazzjoni ta’ konformità stipulata fl-Artikolu 8 tad-Direttiva 2009/125/KE billi jużaw is-sistema ta’ kontroll intern tad-disinn stabbilita fl-Anness IV ta’ dik id-Direttiva jew is-sistema ta’ ġestjoni stabbilita fl-Anness V ta’ dik id-Direttiva.

Għall-finijiet tal-valutazzjoni ta’ konformità tal-RVUs, il-kalkolu tar-rekwiżit tal-konsum tal-enerġija speċifiku għandu jitwettaq b’konformità mal-Anness VIII ta’ dan ir-Regolament.

Għall-finijiet tal-valutazzjoni ta’ konformità ta’ NRVUs, il-kalkoli u l-qisien għar-rekwiżiti speċifiċi għall-ekodisinn għandhom jitwettqu b’konformità mal-Anness IX ta’ dan ir-Regolament.

2. Il-fajl tad-dokumentazzjoni teknika kkompilat b’konformità mal-Anness IV tad-Direttiva 2009/125/KE għandu jinkludi kopja tal-informazzjoni tal-prodott stipulata fl-Annessi IV u V ta’ dan ir-Regolament.

Fejn l-informazzjoni inkluża fid-dokumentazzjoni teknika għal mudell ta’ unità partikolari tal-ventilazzjoni tkun ġiet akkwistata permezz ta’ kalkoli abbażi tad-disinn, jew estrapolazzjoni minn unitajiet oħra ta’ ventilazzjoni, jew mit-tnejn, id-dokumentazzjoni teknika għandha tinkludi l-informazzjoni li ġejja:

- (a) dettalji ta’ tali kalkoli jew estrapolazzjonijiet, jew it-tnejn;
- (b) dettalji tat-testi li jkunu saru minn manifatturi biex jivverifikaw il-preċiżjoni tal-kalkoli u l-estrapolazzjonijiet;

- (c) lista ta' mudelli oħra ta' unitajiet ta' ventilazzjoni fejn l-informazzjoni inkluża fid-dokumentazzjoni teknika ġiet akkwistata fuq l-istess bażi;
- (d) lista ta' mudelli ta' unitajiet ta' ventilazzjoni ekwivalenti.

Artikolu 6

Proċedura ta' verifika għall-finijiet tas-sorveljanza tas-suq

Meta jwettqu s-sorveljanza tas-suq imsemmija fl-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2009/125/KE biex jiżguraw il-konformità mar-rekwiżiti stipulati għal RVUs fl-Anness II ta' dan ir-Regolament u għal NRVUs fl-Anness III ta' dan ir-Regolament, l-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom japplikaw il-proċedura tal-verifika stipulata fl-Anness VI.

Artikolu 7

Punti ta' riferiment

Il-punti ta' riferiment imsemmija fil-punt (2) tal-Parti 3 tal-Anness I tad-Direttiva 2009/125/KE li għandhom jiġu applikati għal unitajiet ta' ventilazzjoni, huma stipulati fl-Anness VII ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 8

Revizzjoni

Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-ħtieġa li tistabbilixxi rekwiżiti dwar tnixxija ta' arja fid-dawl tal-progress teknoloġiku li jkun sar u għandha tippreżenta r-riżultati ta' dik il-valutazzjoni lill-Forum ta' Konsultazzjoni sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2017.

Il-Kummissjoni għandha tirrevedi dan ir-Regolament fid-dawl tal-progress teknoloġiku li jkun sar u għandha tippreżenta r-riżultati ta' din ir-reviżjoni lill-Forum ta' Konsultazzjoni sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2020.

Ir-reviżjoni għandha tinkludi valutazzjoni ta' dan li ġej:

- (a) l-estensjoni possibbli tal-iskop ta' dan ir-Regolament li jkopri unitajiet unidirezzjonali b'potenza elettrika input ta' inqas minn 30 W u unitajiet bidirezzjonali, b'potenza elettrika input totali għall-fannijiet ta' inqas minn 30 W għal kull fluss ta' arja;
- (b) it-tolleranzi ta' verifika stipulati fl-Anness VI;
- (c) l-adegwatezza li jitqiesu l-effetti ta' filtri li jikkunsmaw ftit enerġija fuq l-effiċjenza enerġetika;
- (d) il-ħtieġa li tiġi stabbilita fażi oħra b'rekwiżiti iktar stretti għall-ekodisinn.

Artikolu 9

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Lulju 2014.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

ANNEX I

Definizzjonijiet

Definizzjonijiet applikabbli għall-finijiet tal-Annessi II u IX ta' dan ir-Regolament:

1. Definizzjonijiet:

- (1) "konsum tal-enerġija speċifiku (SEC)" (espress f'kWh/(m².a)) tfisser koeffiċjent li jesprimi l-enerġija kkonsmata għall-ventilazzjoni għal kull m² ta' erja ta' art imsaħħa f'dar jew f'bini, ikkalkulat għal RVUs b'konformità mal-Anness VIII;
- (2) "livell ta' qawwa tal-ħoss (L_{WA})" tfisser il-livell-tal-potenza tal-ħoss b'ponderazzjoni "A" li joħroġ mill-hawsing espress f'decibels (dB) b'referenza għall-potenza tal-ħoss ta' picowatt (1pW), trażmess mill-arja bil-fluss tal-arja ta' referenza;
- (3) "trażmissjoni b'veloċitajiet differenti" tfisser mutur b'fann li jista' jitħaddem fi tliet veloċitajiet fissi jew aktar, u li jkollu wkoll funzjoni ta' veloċità żero ("off");
- (4) "trażmissjoni b'veloċità varjabbli (VSD)" tfisser regolatur elettroniku, li jiffunzjona bħala sistema waħda jew bħala unità separata ta' forniment mal-mutur u l-fann, li jadatta l-enerġija elettrika mogħtija lill-mutur tal-elettriku b'mod kontinwu, sabiex jikkontrolla r-rata tal-fluss;
- (5) "sistema għall-irkupru tas-sħana (HRS)" tfisser dik il-parti ta' unità ta' ventilazzjoni bidirezzjonali mgħammra bi skambjatur tas-sħana ddisinjat biex jittrasferixxi s-sħana li tinsab fl-arja (ikkontaminata) tal-egżost għal ġol-arja (friska) li tkun qed tiġi fornuta;
- (6) "effiċjenza termali ta' HRS residenzjali (η_t)" tfisser il-proporzjon bejn iż-żieda fit-temperatura tal-arja li qed tiġi fornuta u t-telf ta' temperatura tal-arja li tkun qed tiġi espulsa, it-tnejn li huma mqabbla mat-temperatura tal-arja esterna u mkejla f'kundizzjonijiet tal-HRS nexfin, u f'kundizzjonijiet tal-arja standard, bi flux tal-massa bbilanċ-jat, b'rata ta' flux ta' referenza, differenza ta' 13 K bejn it-temperaturi ta' barra u ġewwa, ebda korrezzjoni għal żieda fi sħana termali mill-muturi tal-fannijiet;
- (7) "rata ta' tnixxija interna" tfisser il-frazzjoni ta' arja estratta li tinsab fl-arja tal-provvista ta' unitajiet ta' ventilazzjoni tal-arja b'HRS bħala riżultat ta' tnixxija fil-hawsing bejn il-fluss tal-arja li tkun qed tiġi estratta u l-fluss tal-arja li tkun qed tiġi espulsa meta l-unità titħaddem bi flux tal-volum tal-arja ta' referenza, imkejjel fil-pożizzjoni tal-ventiljiet; it-test għandu jsir fuq RVUs b'100 Pa u fuq NRVUs b'250 Pa;
- (8) "trasferiment" tfisser il-perċentwali tal-arja tal-ħruġ li tintbagħat lura lejn l-arja ta' provvista għal skambjatur tas-sħana riġenerattiv skont il-fluss ta' referenza;
- (9) "rata ta' tnixxija esterna" tfisser il-frazzjoni ta' tnixxija tal-fluss tal-volum tal-arja ta' referenza li tidħol il-ġewwa jew li toħroġ minn ġewwa minn ġol-hawsing ta' unità għall-arja ta' barra jew minnha meta din tkun soġġetta għal test tal-pressjoni; it-test għandu jsir fuq RVUs b'250 Pa u fuq NRVUs b'400 Pa, kemm għal nuqqas ta' pressjoni kif ukoll għal pressjoni eċċessiva;
- (10) "taħlit" tfisser ir-riċirkolazzjoni immedjata jew it-tlaqqiġ ta' flussi bejn il-punt tad-dħul u tal-ħruġ tal-arja kemm fil-punt terminali ta' ġewwa kif ukoll f'dak ta' barra sabiex dawn ma jikkontribwixxux għall-ventilazzjoni effettiva ta' spazju f'bini, meta l-unità titħaddem b'rata ta' volum tal-arja ta' referenza;
- (11) "rata ta' taħlit" tfisser il-frazzjoni tal-fluss tal-arja estratta, bħala parti mill-volum ta' arja ta' referenza totali, li tir-riċirkola bejn il-punt tad-dħul u tal-ħruġ tal-arja kemm fil-punt terminali ta' ġewwa kif ukoll f'dak ta' barra u li b'hekk ma tikkontribwixxix għall-ventilazzjoni effettiva ta' spazju f'bini, meta l-unità titħaddem b'volum tal-arja ta' referenza (imkejjel minn metru bogħod mill-vent tal-forniment ta' ġewwa), wara li titnaqqas ir-rata ta' tnixxija interna;
- (12) "potenza input effettiva" (espressa f'W) tfisser il-potenza input elettrika frata tal-fluss ta' referenza u d-differenza esterna totali tal-pressjoni korrispondenti, u tinkludi d-domanda tal-elettriku għall-fannijiet, l-unitajiet ta' kontroll (inkluż kontrolli mill-bogħod) u l-pompa tas-sħana (jekk tkun integrata);
- (13) "potenza input speċifika (SPI)" (espressa f'W/(m³/h)) tfisser il-proporzjon bejn il-potenza effettiva tad-dħul (f'W) u r-rata tal-fluss ta' referenza (f'm³/h);
- (14) "dijagramma tar-rata tal-fluss/il-pressjoni" tfisser sett ta' kurvi għar-rata tal-fluss (l-assi orizzontali) u d-differenza fil-pressjoni ta' RVU unidirezzjonali, jew in-naħa tal-provvista ta' RVU bidirezzjonali, fejn kull kurva tirrappreżenta veloċità waħda tal-fann b'mill-inqas tmien punti ta' ttestjar ekwidistanti minn xulxin u n-numru ta' kurvi jingħata min-numru ta' alternattivi diskreti relatati mal-veloċità tal-fann (wieħed, tnejn jew tlieta) jew, fil-każ ta' trażmissjoni b'veloċità tal-fann varjabbli, tinkludi mill-inqas kurva intermedja minima, massima u xierqa qrib tal-volum tal-arja ta' referenza u tad-differenza fil-pressjoni għall-ittestjar tal-SPI;

- (15) “rata tal-fluss ta’ referenza” (espressa fm^3/s) hija l-valur abscissa għal punt f’kurva fid-dijagramma tar-rata tal-fluss/il-pressjoni li huwa fuq jew viċin ta’ punt ta’ referenza ta’ mill-inqas 70 % tar-rata massima tal-fluss u ta’ 50 Pa għal unitajiet bil-ventijiet, u bi pressjoni minima għal unitajiet minghajn ventijiet. Fil-każ ta’ unitajiet ta’ ventilazzjoni bidirezzjonali, ir-rata ta’ referenza tal-fluss tal-volum tal-arja tapplika għall-ħruġ tal-provvista tal-arja;
- (16) “fattur ta’ kontroll (CTRL)” tfisser fattur ta’ korrezzjoni għall-kalkolu tal-SEC skont it-tip ta’ kontroll li huwa parti mill-unità ta’ ventilazzjoni, skont id-deskrizzjoni pprovduta fit-Tabella 1 tal-Anness VIII;
- (17) “parametru ta’ kontroll” tfisser parametru jew sett ta’ parametri li jistgħu jitkejlu li huma meqjusa bħala rappreżentattivi tad-domanda għall-ventilazzjoni, eż. il-livell ta’ umdità relattiva (RH), ta’ dijossidu tal-karbonju (CO_2), ta’ komposti organiċi volatili (VOC) jew ta’ gassijiet oħra, id-detezzjoni ta’ preżenza, moviment jew okkupanża permezz tas-sħana infraħmra tal-ġisem jew tar-riflessjoni ta’ mewġ ultrasoniku, sinjali elettriċi minn tħaddim ta’ dwal jew tagħmir mill-bnedmin;
- (18) “kontroll manwali” tfisser kwalunkwe tip ta’ kontroll li ma jagħmilx użu mill-kontroll tad-domanda;
- (19) “kontroll tad-domanda” tfisser apparat jew sett ta’ unitajiet ta’ apparat, li huwa integrat jew unità separata ta’ forniment, li jkejjel parametru ta’ kontroll u juża r-riżultat biex jirregola, b’mod awtomatiku, ir-rata tal-fluss tal-unità u/jew ir-rati tal-fluss tal-ventijiet;
- (20) “kontroll b’arloġġ” tfisser interfaċċja b’arloġġ (ikkontrollata matul il-jum) li titħaddem mill-bniedem sabiex tiġi kkontrollata l-veloċità tal-fann/ir-rata tal-fluss tal-unità ta’ ventilazzjoni, b’mill-inqas seba’ impostazzjonijiet tar-rata tal-fluss regolabbli għal mill-inqas żewġ perjodi ta’ interruzzjoni, jiġifieri perjodi li fihom tapplika rata tal-fluss imnaqqsa, jew meta ma jkun hemm ebda rata tal-fluss;
- (21) “ventilazzjoni kkontrollata mid-domanda (DCV)” tfisser unità ta’ ventilazzjoni li tuża sistema ta’ kontroll skont id-domanda;
- (22) “unità bil-ventijiet” tfisser unità ta’ ventilazzjoni maħsuba biex jiġu vventilati kamra waħda jew spazju magħluq wieħed jew aktar f’bini permezz tal-użu ta’ ventijiet tal-arja, maħsuba biex tiġi mgħammra b’konnessjonijiet għal ventijiet;
- (23) “unità minghajn ventijiet” tfisser unità ċentrali ta’ ventilazzjoni maħsuba biex tiġi vventilata kamra waħda, jew spazju wieħed magħluq, f’bini, u li mhijiex maħsuba biex tkun mgħammra b’konnessjonijiet għal ventijiet;
- (24) “kontroll tad-domanda ċentrali” tfisser kontroll tad-domanda ta’ unità ta’ ventilazzjoni bil-ventijiet li kontinwament jirregola l-veloċità(jiet) tal-fann u r-rata tal-fluss fuq il-bażi ta’ senser wieħed għall-bini kollu ventilat jew għal parti mill-bini f’livell ċentrali;
- (25) “kontroll tad-domanda lokali” tfisser kontroll tad-domanda għal unità ta’ ventilazzjoni li kontinwament jirregola l-veloċità(jiet) tal-fann u r-rati tal-fluss fuq il-bażi ta’ aktar minn senser wieħed għal unità ta’ ventilazzjoni bil-ventijiet jew ta’ senser wieħed għal unità minghajn ventijiet;
- (26) “pressjoni statika (p_{st})” tfisser il-pressjoni totali wara li minnha jitnaqqas il-valur tal-pressjoni dinamika tal-fann;
- (27) “pressjoni totali (p_t)” tfisser id-differenza bejn il-valur tal-pressjoni ta’ staġnar imkejjel fil-ħruġ tal-fann u dak imkejjel fid-dħul tal-fann.
- (28) “pressjoni ta’ staġnar” tfisser il-pressjoni mkejjla f’punt ta’ fluss tal-gass li kellu jitwaqqaf permezz ta’ proċess isoentropiku.
- (29) “pressjoni dinamika” tfisser il-pressjoni kkalkulata mir-rata tal-fluss tal-massa u mid-densità medja tal-gass fil-punt tal-ħruġ u fiż-żona tal-ħruġ tal-unità;
- (30) “skambjatur tas-sħana rikuperattiv” tfisser skambjatur tas-sħana maħsub biex jittrasferixxi l-enerġija termali minn fluss tal-arja għal fluss tal-arja ieħor minghajn partijiet li jiċċaqalqu, bħal pereżempju pjanċa jew skambjatur tas-sħana tubulari bi fluss parallel, fluss tanġenzjali (cross flow) jew b’kontrofluss (counter flow), jew taħlita ta’ dawn, jew pjanċa jew skambjatur tas-sħana tubulari permezz ta’ sistema ta’ diffużjoni tal-fwar;
- (31) “skambjatur tas-sħana riġenerattiv” tfisser skambjatur tas-sħana b’sistema rotatorja li fih stess jinkorpora rota għat-trasferiment tal-enerġija termali minn fluss tal-arja għal fluss tal-arja ieħor, inkluż materjal li jippermetti t-trasferiment ta’ sħana latenti, mekkaniżmu ta’ trażmissjoni, hawsing jew qafas, u siġilli biex jitnaqqsu sitwazzjonijiet fejn l-arja tista’ taqbeż ċerti partijiet taċ-ċirkwit tal-arja jew tnixxi minn fluss għall-ieħor: skambjaturi tas-sħana ta’ dan it-tip għandhom gradi li jvarjaw ta’ rkupru tal-umdità, u dawn iwarjaw skont il-materjal li jkun qed jintuża;
- (32) “sensittività tal-fluss tal-arja għal varjazzjonijiet fil-pressjoni” ta’ RVU minghajn ventijiet hija l-proporzjon bejn id-devjazzjoni massima mir-rata massima tal-fluss tal-RVU $P + 20$ Pa u dik f’differenza fil-pressjoni esterna totali ta’ -20 Pa;

- (33) “impermeabbiltà tal-arja bejn ġewwa u barra” ta’ RVU mingħajr ventijiet hija r-rata tal-fluss (espressa $\text{f m}^3/\text{h}$) bejn ġewwa u barra meta l-fann(ijiet) ikun(u) mitfi(ja);
- (34) “unità ta’ użu doppju” tfisser unità ta’ ventilazzjoni ddisinjata għal skopijiet ta’ ventilazzjoni kif ukoll għall-estrazzjoni tan-nar u tad-duħħan, b’konformità mar-rekwiżiti bażiċi għal xogħol ta’ kostruzzjoni fir-rigward tas-sigurtà f’każ ta’ nirien, kif inhu stipulat fir-Regolament (UE) Nru 305/2011;
- (35) “faċilità ta’ by-pass termali” tfisser kull soluzzjoni li tevita l-iskambjatur tas-sħana jew li tikkontrolla l-prestazzjoni tagħha tal-irkupru tas-sħana b’mod awtomatiku jew b’mod manwali, mingħajr ma tkun teħtieġ by-pass fiżika tal-fluss tal-arja (pereżempju: il-kaxxa tas-sajf, il-kontroll tal-veloċità tal-rotor, u l-kontroll tal-fluss ta’ arja);

2. Definizzjonijiet għall-NRVUs, flimkien mad-definizzjonijiet fl-Anness I, Parti 1:

- (1) “potenza input nominali elettrika (P)” (espressa f’ kW) tfisser l-input effettiv ta’ enerġija elettrika tat-trażmissjoni tal-fann, inkluż kwalunkwe tagħmir b’mutur bil-pressjoni nominali esterna u l-fluss ta’ arja nominali;
- (2) “effiċjenza tal-fann (η_{fan})” tfisser l-effiċjenza statika inkluż l-effiċjenza tal-mutur u tat-trażmissjoni tal-fann(ijiet) individwali fl-unità tal-ventilazzjoni (konfigurazzjoni ta’ referenza) ddeterminata bi fluxx ta’ arja nominali u tnaqqis nominali fil-pressjoni esterna;
- (3) “konfigurazzjoni ta’ referenza ta’ BVU” tfisser prodott ikkonfiguratur b’hawsing b’ta’ mill-inqas żewġ fannijiet b’trażmissjoni b’veloċità varjabbli jew b’trażmissjoni b’veloċitajiet differenti, HRS, filtru fin nadif fuq in-naħa tad-dħul u filtru medju nadif fuq in-naħa tal-ħruġ;
- (4) “konfigurazzjoni ta’ referenza ta’ UVU” tfisser prodott ikkonfiguratur b’hawsing, b’ta’ mill-inqas fann wieħed b’trażmissjoni b’veloċità varjabbli jew b’trażmissjoni b’veloċitajiet differenti, u — fil-każ li l-prodott hu maħsub li jkun mgħammar b’filtru fuq in-naħa tad-dħul — dan il-filtru għandu jkun filtru fin nadif;
- (5) “effiċjenza minima tal-fann (η_{w})” tfisser ir-rekwiżit speċifiku ta’ effiċjenza minima għal VUs fl-ambitu ta’ dan ir-Regolament;
- (6) “rata tal-fluss nominali (q_{nom})” (espressa f’ m^3/s) tfisser ir-rata ta’ fluxx tad-disinn iddikjarata ta’ NRVU f’kundizzjonijiet standard ta’ arja ta’ 20 °C u 101 325 Pa, fejn l-unità tiġi installata b’mod komplut (pereżempju, inkluż il-filtri) u skont l-istruzzjonijiet tal-manifattur;
- (7) “pressjoni esterna nominali ($\Delta p_{\text{s, ext}}$)” (espressa f’ Pa) tfisser id-differenza fil-pressjoni statika esterna tad-disinn iddikjarata b’rata tal-fluss nominali;
- (8) “veloċità massima stmata tal-fann ($v_{\text{fan, rated}}$)” (espressa f’dawriet kull minuta — rpm) hi l-veloċità tal-fann b’rata tal-fluss nominali u pressjoni esterna nominali;
- (9) “tnaqqis fil-pressjoni interna tal-komponenti tal-ventilazzjoni ($\Delta p_{\text{s, int}}$)” (espressa f’ Pa) tfisser is-somma tat-tnaqqis fil-pressjoni statika b’konfigurazzjoni ta’ referenza ta’ BVU jew ta’ UVU b’rata ta’ fluxx nominali;
- (10) “tnaqqis fil-pressjoni interna ta’ komponenti addizzjonali mhux tal-ventilazzjoni ($\Delta p_{\text{s, add}}$)” (espressa f’ Pa) jfisser il-bqija tas-somma tat-tnaqqis kollu fil-pressjoni interna statika b’rata tal-fluss nominali u pressjoni esterna nominali wara t-tnaqqis tat-tnaqqis tal-pressjoni interna tal-komponenti ta’ ventilazzjoni ($\Delta p_{\text{s, int}}$);
- (11) “effiċjenza termali ta’ HRS mhux residenzjali ($\eta_{\text{t, nrvu}}$)” tfisser il-proporzjon bejn iż-żieda fit-temperatura tal-arja tal-provvista u tnaqqis fit-temperatura tal-arja tal-egżost, it-tnejn relattivi għat-temperatura ta’ barra, ikkalkolati f’kundizzjonijiet ta’ referenza fin-niexef, bi fluxx tal-massa ibbalanċjat, b’differenza ta’ 20 K bejn it-temperatura ta’ ġewwa u dik ta’ barra, mingħajr ma tiġi inkluża żieda ta’ sħana termali minn muturi li jaħdmu b’fann u minn tnixxijiet interni;
- (12) “potenza interna speċifika tal-fann ta’ komponenti ta’ ventilazzjoni (SFP_{int})” (espressa f’ $\text{W}/(\text{m}^3/\text{s})$) hija l-proporzjon bejn it-tnaqqis fil-pressjoni interna ta’ komponenti ta’ ventilazzjoni u l-effiċjenza tal-fann, maħsuba għall-konfigurazzjoni ta’ referenza;
- (13) “potenza speċifika interna massima tal-fann ta’ komponenti ta’ ventilazzjoni ($\text{SFP}_{\text{int, limit}}$)” (espressa f’ $\text{W}/(\text{m}^3/\text{s})$) hija r-rekwiżit speċifiku ta’ effiċjenza għal SFP_{int} għal VUs fl-ambitu ta’ dan ir-Regolament;
- (14) “run-around HRS” hija sistema għall-irkupru tas-sħana fejn l-apparat ta’ rkupru ta’ sħana fuq in-naħa tal-egżost u l-apparat li jforni s-sħana rkuprata għall-passaġġ tal-arja fuq in-naħa tal-provvista ta’ spazju ventilat huma kkonnnettjati permezz ta’ sistema ta’ trasferiment ta’ sħana fejn iż-żewġ naħat tal-HRS jistgħu jiġi ppożizzjonati f’partijiet differenti tal-bini;

- (15) “veloċità frontali” (espressa f’ m/s) hija l-ikbar veloċità bejn dik tal-arja tal-provvista u dik tal-arja estratta. Il-veloċitajiet huma l-veloċitajiet tal-arja fil-VU ibbażati fuq l-erja interna tal-unità għall-fluss tal-arja tal-provvista jew dak estrattat-VU. Il-veloċità hi bbażata fuq l-erja tas-sezzjoni tal-filtru tal-unità rispettiva, jew jekk m’hemmx filtru installat, tiġi bbażata fuq l-erja tas-sezzjoni tal-fann;
- (16) “bonus tal-effiċjenza (E)” huwa fattur ta’ korrezzjoni li jqis il-fatt li rkupru ta’ sħana iktar effiċjenti jikkawża iktar tnaqqis fil-pressjoni li jirrekjedi aktar potenza speċifika mill-fann;
- (17) “korrezzjoni tal-filtru (F)” (espressja f’ Pa) hija valur ta’ korrezzjoni li għandu jiġi applikat jekk unità tiddevja mill-konfigurazzjoni ta’ referenza ta’ BVU;
- (18) “filtru fin” tfisser filtru li jissodisfa l-kundizzjonijiet rilevanti deskritti fl-Anness IX;
- (19) “filtru medju” tfisser filtru li jissodisfa l-kundizzjonijiet rilevanti deskritti fl-Anness IX;
- (20) “effiċjenza tal-filtru” tfisser il-proporzjon medju bejn il-frazzjoni ta’ trab maqbud u l-ammont li jiġi mgħoddi mill-filtru, skont il-kundizzjonijiet deskritti għall-filtri fini u medji fl-Anness IX.
-

ANNEX II

Rekwiżiti speċifiċi għall-ekodisinn għall-RVUs, kif imsemmi fl-Artikoli 3(1) u 3(3)

1. Mill-1 ta' Jannar 2016:

- Is-SEC ikkalkulat għal klima medja m'għandux ikun aktar minn 0 kWh/(m².a).
- Unitajiet mingħajr ventijiet, fosthom unitajiet ta' ventilazzjoni maħsuba biex ikunu mgħammra b'konnezzjoni ta' vent waħda jew fuq in-naħa tal-provvista jew fuq in-naħa tal-estrazzjoni għandhom ikollhom massimu ta' L_{WA} ta' 45 dB.
- Il-VUs, ħlief l-unitajiet ta' użu doppju kollha għandhom ikunu mgħammra b'trażmissjoni b'veloċitajiet differenti jew b'trażmissjoni b'veloċità varjabbli.
- Il-BVUs kollha għandhom ikollhom faċilità ta' by-pass termali.

2. Mill-1 ta' Jannar 2018:

- Is-SEC ikkalkulat għal klima medja m'għandux ikun aktar minn – 20 kWh/(m².a).
 - Unitajiet mingħajr ventijiet, fosthom unitajiet ta' ventilazzjoni maħsuba biex ikunu mgħammra b'konnezzjoni ta' vent waħda jew fuq in-naħa tal-provvista jew fuq in-naħa tal-estrazzjoni għandhom ikollhom massimu ta' L_{WA} ta' 40 dB.
 - Il-VUs, ħlief l-unitajiet ta' użu doppju kollha għandhom ikunu mgħammra b'trażmissjoni b'veloċitajiet differenti jew b'trażmissjoni b'veloċità varjabbli.
 - Il-BVUs kollha għandhom ikollhom faċilità ta' by-pass termali.
 - L-unitajiet kollha ta' ventilazzjoni b'filtru għandhom ikunu mgħammra b'sinjal viżwali ta' twissija ta' tibdil tal-filtru.
-

ANNEX III

Rekwiżiti speċifiċi għall-ekodisinn għall-RVUs, kif imsemmi fl-Artikoli 3(2) u 3(4)**1. Mill-1 ta' Jannar 2016:**

- L-unitajiet ta' ventilazzjoni, ħlief l-unitajiet ta' użu doppju kollha għandhom ikunu mgħammra b'trażmissjoni b'veloċitajiet differenti jew bi trażmissjoni b'veloċità varjabbli.
- Il-BVUs kollha għandhom ikollhom HRS.
- L-HRS għandhom ikollhom faċilità ta' by-pass termali.
- L-effiċjenza termali minima $\eta_{t,nrvu}$ tal-HRS kollha ħlief run-around HRS f'BVUs għandha tkun ta' 67 % u l-bonus tal-effiċjenza $E = (\eta_{t,nrvu} - 0,67) * 3\,000$ jekk l-effiċjenza termali $\eta_{t,nrvu}$ hi ta' mill-inqas ta' 67 %, jew inkella $E = 0$.
- L-effiċjenza termali minima $\eta_{t,nrvu}$ ta' run-around HRS f'BVUs għandha tkun ta' 63 % u l-bonus tal-effiċjenza $E = (\eta_{t,nrvu} - 0,63) * 3\,000$ jekk l-effiċjenza termali $\eta_{t,nrvu}$ hi ta' mill-inqas ta' 63 %, jew inkella $E = 0$.
- L-effiċjenza minima tal-fann għall-UVUs (n_{vu}) hija
 - $6,2 \% * \ln(P) + 35,0 \%$ jekk $P \leq 30 \text{ kW}$ u
 - $56,1 \%$ jekk $P > 30 \text{ kW}$.
- Il-potenza interna speċifika massima tal-fann tal-komponenti ta' ventilazzjoni (SFP_{int_limit}) f' $W/(m^3/s)$ hija
 - għal BVU b'run-around HRS hija

$$1\,700 + E - 300 * q_{nom}/2 - F \text{ jekk } q_{nom} < 2 \text{ m}^3/s \text{ u}$$

$$1\,400 + E - F \text{ jekk } q_{nom} \geq 2 \text{ m}^3/s;$$
 - għal BVU b'HRS oħra hija

$$1\,200 + E - 300 * q_{nom}/2 - F \text{ jekk } q_{nom} < 2 \text{ m}^3/s \text{ u}$$

$$900 + E - F \text{ jekk } q_{nom} \geq 2 \text{ m}^3/s;$$
 - 250 jekk UVU hi maħsuba li tintuża b'filtru.

2. Mill-1 ta' Jannar 2018:

- L-unitajiet ta' ventilazzjoni, ħlief l-unitajiet ta' użu doppju kollha għandhom ikunu mgħammra b'trażmissjoni b'veloċitajiet differenti jew bi trażmissjoni b'veloċità varjabbli.
- Il-BVUs kollha għandhom ikollhom HRS.
- L-HRS għandhom ikollhom faċilità ta' by-pass termali.
- L-effiċjenza termali minima $\eta_{t,nrvu}$ tal-HRS kollha ħlief run-around HRS f'BVUs għandha tkun ta' 73 % u l-bonus tal-effiċjenza $E = (\eta_{t,nrvu} - 0,73) * 3\,000$ jekk l-effiċjenza termali $\eta_{t,nrvu}$ hi ta' mill-inqas ta' 73 %, jew inkella $E = 0$.
- L-effiċjenza termali minima $\eta_{t,nrvu}$ ħlief run-around HRS f'BVUs għandha tkun ta' 68 % u l-bonus tal-effiċjenza $E = (\eta_{t,nrvu} - 0,68) * 3\,000$ jekk l-effiċjenza termali $\eta_{t,nrvu}$ hi ta' mill-inqas ta' 68 %, jew inkella $E = 0$.
- L-effiċjenza minima tal-fann għall-UVUs (n_{vu}) hija
 - $6,2 \% * \ln(P) + 42,0 \%$ jekk $P \leq 30 \text{ kW}$ u
 - $63,1 \%$ jekk $P > 30 \text{ kW}$.
- Il-potenza interna speċifika massima tal-fann tal-komponenti ta' ventilazzjoni (SFP_{int_limit}) f' $W/(m^3/s)$ hija
 - għal BVU b'run-around HRS hija

$$1\,600 + E - 300 * q_{nom}/2 - F \text{ jekk } q_{nom} < 2 \text{ m}^3/s \text{ u}$$

$$1\,300 + E - F \text{ jekk } q_{nom} \geq 2 \text{ m}^3/s;$$

- għal BVU b'HRS oħra hija
$$1\,100 + E - 300 * q_{nom}/2 - F \text{ jekk } q_{nom} < 2 \text{ m}^3/\text{s} \text{ u}$$
$$800 + E - F \text{ jekk } q_{nom} \geq 2 \text{ m}^3/\text{s};$$
 - 230 jekk UVU hi maħsuba li tintuża b'filtru.
 - Jekk l-unità tal-filtru tagħmel parti mill-konfigurazzjoni, il-prodott għandu jiġi mgħammar b'sinjalar viżwali jew b'allarm fis-sistema ta' kontroll li għandha tiġi attivata jekk it-tnaqqis fil-pressjoni tal-filtru jaqbeż il-massimu permissibbli tat-tnaqqis fil-pressjoni finali.
-

ANNEX IV

Rekwiżiti ta' informazzjoni għall-RVUs kif imsemmija fl-Artikolu 4(1)

1. Mill-1 ta' Jannar 2016, għandu jingħata dan it-tagħrif dwar il-prodott:
 - (a) isem il-fornitur jew il-marka kummerċjali;
 - (b) l-identifikatur tal-mudell tal-fornitur, jiġifieri l-kodiċi, ġeneralment alfanumeriku, li jintuża biex jiddistingwi mudell residenzjali speċifiku ta' unità ta' ventilazzjoni minn mudelli oħra bl-istess marka kummerċjali jew bl-istess isem tal-fornitur.
 - (c) il-konsum tal-enerġija speċifiku (SEC) f' kWh/(m².a) għal kull żona tal-klima applikabbli; u klassi SEC;
 - (d) tipoloġija ddikjarata skont l-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament (RVU jew NRVU, unidirezżjonali jew bidirezżjonali);
 - (e) tip ta' trażmissjoni installata jew maħsuba biex tiġi installata (trażmissjoni b'veloċitajiet differenti jew trażmissjoni b'veloċitajiet varjabbli);
 - (f) tip ta' sistema għall-irkupru tas-sħana (rikuperattiva, riġenerattiva, ebda);
 - (g) effiċjenza termali tal-irkupru ta' sħana (f' % jew "mhux applikabbli" jekk il-prodott m'għandux sistema ta' rkupru ta' sħana);
 - (h) ir-rata massima tal-fluss f'm³/h;
 - (i) potenza input elettrika tat-trażmissjoni tal-fann, inkluż kwalunkwe tagħmir għall-kontroll tal-mutur, b'rata massima tal-fluss (W);
 - (j) livell ta' qawwa tal-ħoss (L_{WA}), aġġustat għall-eqreb numru sħiħ;
 - (k) rata tal-fluss ta' referenza f'm³/s
 - (l) id-differenza fil-pressure ta' referenza, f'Pa;
 - (m) SPI f'W/(m³/h);
 - (n) il-fattur tal-kontroll u t-tipoloġija tal-kontroll b'konformità mad-definizzjonijiet u mal-klassifikazzjoni rilevanti fit-Tabella 1 tal-Anness VIII;
 - (o) ir-rati ta' tnixxija massimi interni jew esterni ddikjarati (%) għal unitajiet ta' ventilazzjoni bidirezżjonali jew trasferiment (għal skambjaturi ta' sħana riġenerattivi), jew rati ta' tnixxija esterni (%) għal unitajiet ta' ventilazzjoni unidirezżjonali bil-ventilator;
 - (p) rata ta' taħlit ta' unitajiet ta' ventilazzjoni bidirezżjonali mingħajr ventijiet li mhux maħsuba li jkunu mgħammra b'konnezzjoni ta' vent wieħed fuq in-naħa tal-provvista jew tal-ħruġ;
 - (q) pożizzjoni u deskrizzjoni tat-twissija viżwali tal-filtru għal RVUs maħsuba biex jintużaw b'filtri, inkluż test li jindikaw li huwa importanti li l-filtru jinbidel b'mod regolari sabiex l-unità tkun tista' topera b'livell tajjeb ta' prestazzjoni u ta' effiċjenza enerġetika;
 - (r) għal sistemi ta' ventilazzjoni unidirezżjonali, struzzjonijiet għall-installazzjoni ta' xbieki ta' provvista/egżost mal-faċċata għall-provvista/espulsjoni naturali tal-arja/;
 - (s) l-indirizz tal-Internet għal struzzjonijiet dwar passi li għandhom isiru għaż-żarmar kif imsemmi fil-punt 3;
 - (t) għal unitajiet mingħajr ventijiet biss: is-sensittività tal-fluss tal-arja għal varjazzjonijiet fil-pressure f' + 20Pa u - 20 Pa;
 - (u) għal unitajiet mingħajr ventijiet biss: l-impermeabbiltà tal-arja bejn barra u ġewwa f'm³/h;
2. It-tagħrif elenkat f'punt 1.) għandu jkun disponibbli fuq:
 - id-dokumentazzjoni teknika tal-RVUs; kif ukoll
 - il-websajts tal-manifatturi b'aċċess bla ħlas, ir-rappreżentanti awtorizzati tagħhom, jew l-importaturi.
3. Il-websajt tal-manifattur b'aċċess bla ħlas għandu jagħmel disponibbli l-istruzzjonijiet dettaljati li jiddentifika, fost oħrajn, l-għodda meħtieġa għaż-żarmar manwali ta' muturi b'kalamita permanenti, u ta' partijiet elettroniki (printed wiring boards/printed circuit boards (PWBs/PCPs) u displejs > 10 g jew > 10 cm²), batteriji jew partijiet ikbar tal-plastik (> 100 g) għall-iskop tar-reċiklaġġ effiċjenti ta' materjali, ħlief għal mudelli li jkollhom inqas minn 5 unitajiet prodotti kull sena.

ANNEX V

Rekwiżiti ta' informazzjoni għall-NRVUs kif imsemmija fl-Artikolu 4(2)

1. Mill-1 ta' Jannar 2016, għandu jingħata dan it-tagħrif dwar il-prodott:
 - (a) l-isem jew it-trejdmark tal-manifattur;
 - (b) l-identifikatur tal-mudell tal-manifattur, jiġifieri l-kodiċi, ġeneralment alfanumeriku, li jintuża biex jiddistingwi mudell mhux residenzjali speċifiku ta' unità ta' ventilazzjoni minn mudelli oħra bl-istess marka kummerċjali jew bl-istess isem tal-fornitur.
 - (c) it-tipoloġija ddikjarata skont l-Artikolu 2 (RVU jew NRVU, UVU jew BVU);
 - (d) tip ta' trażmissjoni installata jew maħsuba biex tiġi installata (trażmissjoni b'veloċitajiet differenti jew trażmissjoni b'veloċitajiet varjabbli);
 - (e) it-tip ta' HRS (run-around, ieħor, l-ebda);
 - (f) effiċjenza termali tal-irkupru ta' sħana (ϵ % jew "mhux applikabbli" jekk il-prodott m'għandux sistema ta' rkupru ta' sħana);
 - (g) ir-rata ta' fluss nominali NRVU $\dot{V}$ m³/s;
 - (h) potenza elettrika input effettiva (kW);
 - (i) SFP_{int} $\dot{V}W/(m^3/s)$;
 - (j) il-veloċità frontali $\dot{V}$ m/s bir-rata tal-fluss tad-disinn;
 - (k) il-pressjoni esterna nominali ($\Delta p_{s,ext}$) $\dot{V}$ Pa;
 - (l) it-tnaqqis intern fil-pressjoni ta' komponenti ta' ventilazzjoni ($\Delta p_{s,int}$) $\dot{V}$ Pa;
 - (m) fakultattiv: it-tnaqqis intern fil-pressjoni ta' komponenti mhux ta' ventilazzjoni ($\Delta p_{s,add}$) $\dot{V}$ Pa;
 - (n) effiċjenza statika ta' fannijiet użati skont ir-Regolament (UE) Nru 327/2011;
 - (o) ir-rata ta' tnixxija esterna massima ddikjarata (%) tal-hawsing tal-unitajiet ta' ventilazzjoni; u r-rata ta' tnixxija interna massima ddikjarata (%) ta' unitajiet ta' ventilazzjoni bidirezzjonali jew trasferiment (għal skambjaturi ta' sħana riġenerattivi biss); it-tnejn imkejla jew ikkalkolati skont il-metodu tat-test tal-pessurizzazzjoni jew il-metodu tat-test tal-gass tal-intraċċar bil-pressjoni tas-sistema ddikjarata;
 - (p) il-prestazzjoni ta' enerġija, preferibbilment il-klassifikazzjoni tal-enerġija tal-filtri (informazzjoni ddikjarata dwar il-konsum ikkalkolat tal-enerġija annwali);
 - (q) id-deskrizzjoni ta' twissija viżwali tal-filtru għal NRVUs maħsuba għall-użu bil-filtri, inkluż test li jindika li huwa importanti li l-filtru jinbidel b'mod regolari sabiex l-unità tkun tista' topera b'livell tajjeb ta' prestazzjoni u ta' effiċjenza enerġetika;
 - (r) fil-każ ta' NRVUs speċifikati għall-użu ġewwa, il-livell ta' qawwa tal-ħoss mill-hawsing (L_{WA}), aġġustat sal-eqreb numru sħiħ;
 - (s) l-indirizz tal-Internet għal struzzjonijiet dwar passi li għandhom isiru għaż-żarmar kif imsemmi fil-punt 3.
2. L-informazzjoni elenkata fil-punt 1(a) sa (s) għandhom ikunu disponibbli:
 - fid-dokumentazzjoni teknika tal-NRVUs; kif ukoll
 - fuq il-websajts tal-manifatturi b'aċċess bla hłas, ir-rappreżentanti awtorizzati tagħhom, jew l-importaturi.
3. Il-websajt tal-manifattur b'aċċess bla hłas għandu jagħmel disponibbli l-istruzzjonijiet dettaljati li jiddentifikaw, fost oħrajn, l-għodda meħtieġa għaż-żarmar manwali ta' muturi b'kalamita permanenti, u ta' partijiet elettroniki (printed wiring boards/printed circuit boards (PWBs/PCPs) u displejs > 10 g jew > 10 cm²), batteriji jew partijiet ikbar tal-plastik (> 100 g) għall-iskop tar-reċiklaġġ effiċjenti ta' materjali, ħlief għal mudelli li jkollhom inqas minn 5 unitajiet prodotti kull sena.

ANNEX VI

Proċedura ta' verifika għall-finijiet tas-sorveljanza tas-suq

Għall-finijiet ta' verifika tal-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Annessi II sa V, l-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom jittestjaw unità waħda ta' ventilazzjoni. Jekk il-valuri mkejla jew il-valuri kkalkulati abbażi l-valuri mkejla ma jaqblux mal-valuri ddikjarati tal-manifattur fl-ambitu tal-Artikolu 5, soġġett għat-tolleranzi f'Tabella 1;

- għal mudelli li jiġu prodotti fi kwantità ta' inqas minn 5 fis-sena, il-mudell għandu jitqies bħala mhux konformi ma' dan ir-Regolament,
- għal mudelli li jiġu prodotti fi kwantità ta' 5 jew aktar fis-sena, l-awtorità ta' sorveljanza tas-suq għandha tittestja 3 unitajiet addizzjonali magħżula b'mod aleatorju.

Jekk il-medja aritmetika tal-valuri mkejla ma tissodisfax ir-rekwiżiti, suġġett għat-tolleranzi fit-Tabella 1, il-mudell u l-mudelli kollha ekwivalenti għandhom jiġu kkunsidrati bħala mhux konformi mar-rekwiżiti fl-Annessi II sa V.

L-awtoritajiet tal-Istat Membru għandhom jipprovdut t-tagħrif dwar ir-riżultati tat-testijiet u t-tagħrif rilevanti l-ieħor lill-awtoritajiet tal-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni fi żmien xahar minn meta tittieħed id-deċiżjoni dwar il-fatt li l-mudell ma jkunx konformi mar-rekwiżiti.

L-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom jużaw il-metodi tal-kejl u l-kalkolu stipulati fl-Annessi VIII u IX u japplikaw biss dawk it-tolleranzi li huma stipulati fit-Tabella 1.

Tabella 1

Parametru	Tolleranzi tal-verifika
SPI	Il-valur imkejjel m'għandux ikun iktar minn 1,07 drabi tal-valur massimu ddikjarat.
Effiċjenza termali RVU u NRVU	Il-valur imkejjel m'għandux ikun inqas minn 0,93 drabi tal-valur minimu ddikjarat.
SFP _{int}	Il-valur imkejjel m'għandux ikun iktar minn 1,07 drabi tal-valur massimu ddikjarat.
Effiċjenza tal-fann UVU, mhux residenzjali	Il-valur imkejjel m'għandux ikun inqas minn 0,93 drabi tal-valur minimu ddikjarat.
Il-livell ta' qawwa tal-ħoss, RVU	Il-valur imkejjel m'għandux ikun ta' aktar mill-valur massimu ddikjarat, b'żieda ta' 2 dB.
Il-livell ta' qawwa tal-ħoss, NRVU	Il-valur imkejjel m'għandux ikun ta' aktar mill-valur massimu ddikjarat, b'żieda ta' 5 dB.

It-tolleranzi tal-verifika m'għandhomx jintużaw mill-manifattur jew mill-importatur fl-istabbiliment tal-valuri fid-dokumentazzjoni teknika jew fl-interpretazzjoni ta' dawk il-valuri bil-għan li tinkiseb konformità.

ANNEX VII

Punti ta' riferiment

Unitajiet ta' ventilazzjoni residenzjali:

(a) SEC: $-42 \text{ kWh}/(\text{m}^2 \cdot \text{a})$ għal BVUs, u $-27 \text{ kWh}/(\text{m}^2 \cdot \text{a})$ għal UVUs.

(b) Irkupru ta' sħana η_i : 90 % għal BVUs.

Unitajiet ta' ventilazzjoni mhux residenzjali:

(a) SFP_{int} : $150 \text{ W}/(\text{m}^3/\text{s})$ inqas mil-limitu tal-Fażi 2 għal NRVUs b'rata ta' fluss ta' $\geq 2 \text{ m}^3/\text{s}$, u $250 \text{ W}/(\text{m}^3/\text{s})$ inqas mil-limitu tal-Fażi 2 għal NRVUs b'rata tal-fluss ta' $< 2 \text{ m}^3/\text{s}$

(b) Irkupru ta' sħana η_{t_nrvu} : 85 %, u b'sistemi ta' rkupru ta' sħana run-around 80 %.

ANNEX VIII

Kalkolu tar-reqwizit għall-konsum tal-enerġija speċifiku

Il-konsum tal-enerġija speċifiku SEC huwa kkalkolat bl-ekwazzjoni li ġejja:

$$SEC = t_a \cdot p_{ef} \cdot q_{net} \cdot MISC \cdot CTRL^x \cdot SPI - t_h \cdot \Delta T_h \cdot \eta_h^{-1} \cdot c_{air} \cdot (q_{ref} - q_{net} \cdot CTRL \cdot MISC \cdot (1 - \eta_t)) + Q_{defr}$$

fejn

- SEC huwa l-Konsum tal-Enerġija Speċifiku għall-ventilazzjoni għal kull m² ta' erja ta' art imsaħħna f'dar jew f'bini [kWh/(m².a)];
- t_a hija s-sigħat annwali ta' tħaddim [h/a];
- p_{ef} hija l-fattur tal-enerġija primarja għall-ġenerazzjoni u d-distribuzzjoni tal-enerġija elettrika [-];
- q_{net} hija d-domanda tar-rata netta ta' ventilazzjoni għal kull m² ta' erja ta' art imsaħħna [m³/h.m²];
- MISC hija fattur aggregat ta' tipoloġija ġenerali, li jinkorpora fatturi għall-effettività tal-ventilazzjoni, tnixxigh mill-ventiliet u infiltrazzjoni żejda [-];
- CTRL hija l-fattur ta' kontroll tal-ventilazzjoni [-];
- x hija esponent li jqis in-nuqqas ta' linearità bejn l-enerġija termali u l-iffrankar tal-elettriku, skont il-karatteristiċi tal-mutur u tat-trażmissjoni [-];
- SPI hija l-Potenza Input Speċifika [kW/(m³/h)];
- t_h hija s-sigħat totali tal-istaġun tat-tisħin [h];
- ΔT_h hija d-differenza medja bejn it-temperatura ta' ġewwa (19 °C) u t-temperatura ta' barra tul staġun tat-tisħin, wara li jitnaqqsu 3K bħala korrezzjoni għal żidiet minħabba x-xemx u minħabba żidiet interni [K];
- η_h hija l-effiċjenza medja għat-tisħin tal-post [-];
- c_{air} hija l-kapaċità termika speċifika tal-arja bi pressjoni kostanti u b'densità kostanti [kWh/(m³ K)];
- q_{ref} hija r-rata ta' ventilazzjoni naturali ta' referenza għal kull m² ta' erja ta' art imsaħħna [m³/h.m²];
- η_t hija l-effiċjenza termali tal-irkupru tas-sħana [-];
- Q_{defr} hija l-enerġija annwali tat-tisħin għal kull m² ta' erja ta' art imsaħħna [kWh/m².a] għat-tneħħija tas-silġ, fuq il-bażi ta' tisħin permezz ta' reżistenza elettrika varjabbli.

$$Q_{defr} = t_{defr} \cdot \Delta T_{defr} \cdot c_{air} \cdot q_{net} \cdot p_{ef},$$

fejn

- t_{defr} hija t-tul ta' żmien tal-perjodu għat-tneħħija tas-silġ, jiġifieri, meta t-temperatura ta' barra tkun taħt - 4 °C [h/a], u
- ΔT_{defr} hija d-differenza medja f'K bejn it-temperatura ta' barra u - 4 °C waqt il-perjodu tat-tneħħija tas-silġ.

Q_{defr} japplika biss għal unitajiet bidirezzjonali bi skambjatur ta' sħana rikuperattiv; għal unitajiet unidirezzjonali jew għal unitajiet bi skambjatur tas-sħana riġenerattiv din hi $Q_{defr} = 0$.

SPI and η_t huma valuri meħuda minn testijiet u metodi ta' kalkolu.

Fit-Tabella 1 jintwerew parametri oħra, flimkien mal-valuri awtomatiċi tagħhom.

Tabella 1

Parametri għall-kalkolu tal-SEC

<i>tipoloġija ġenerali</i>					MISC
Unitajiet bil-ventijiet					1,1
Unitajiet mingħajr ventijiet					1,21
<i>kontroll tal-ventilazzjoni</i>					CTRL
Kontroll manwali (mingħajr DCV)					1
Kontroll bil-ħin (mingħajr DCV)					0,95
Kontroll tad-domanda ċentrali					0,85
Kontroll tad-domanda lokali					0,65
<i>mutur u trażmissjoni</i>					valur x
mixgħul/mitfi (on/off) u veloċità unika					1
veloċità 2					1,2
veloċitajiet differenti					1,5
veloċità varjabbli					2
<i>Il-klima</i>	t_h f° h	ΔT_h f° K	t_{defr} f° h	ΔT_{defr} f° K	$Q_{defr}^{(*)}$ f° kWh/m ² .a
Kiesħa	6 552	14,5	1 003	5,2	5,82
Medja	5 112	9,5	168	2,4	0,45
Shuna	4 392	5	—	—	—
(*) It-tneħħija tas-silġ tapplika biss għal unitajiet bidirezzjonali bi skambjatur tas-sħana rikuperattiv u tiġi kkalkolata bħala $Q_{defr} = t_{defr} \cdot \Delta t_{defr} \cdot c_{air} \cdot q_{net} \cdot p_{ef}$. Għal unitajiet unidirezzjonali jew għal unità bi skambjatur tas-sħana riġenerattiv din hi $Q_{defr} = 0$					
<i>Valuri awtomatiċi</i>					valur
kapaċità termika speċifika tal-arja, c_{air} f°kWh/(m ³ K)					0,000344
ventilazzjoni netta meħtieġa għal kull m ² ta' erja ta' art imsaħħna, q_{net} f°m ³ /h.m ²					1,3
rata ta' ventilazzjoni naturali ta' referenza għal kull m ² ta' erja ta' art imsaħħna, q_{ref} f°m ³ /h.m ²					2,2
sigħat ta' tħaddim annwali, t_a f°sigħat (h)					8 760
fattur tal-enerġija primarja għall-ġenerazzjoni u d-distribuzzjoni tal-enerġija elettrika, p_{ef}					2,5
effiċjenza għat-tisħin tal-post, η_h					75 %

ANNEX IX

Kejl u kalkoli għal NRVUs

L-NRVUs għandhom jiġu ttestjati u kkalkolati permezz ta' "konfigurazzjoni ta' referenza" tal-prodott.

Unitajiet ta' użu doppju għandhom jiġu ttestjati u kkalkolati fil-modalità ta' ventilazzjoni.

1. EFFIĊJENZA TERMALI TA' SISTEMA TA' RKUPRU TA' SĦANA MHUX RESIDENZJALI

L-effiċjenza termali ta' sistema ta' rkupru ta' sħana mhux residenzjali hija ddefinita bħala

$$\eta_{t_nrvu} = (t_2'' - t_2') / (t_1' - t_2')$$

fejn

- η_t hija l-effiċjenza termali tal-HRS [-];
- t_2'' hija t-temperatura tal-arja ta' provvista ħierġa mill-HRS u dieħla fil-kamra [°C];
- t_2' hija t-temperatura tal-arja ta' barra [°C];
- t_1' hija t-temperatura tal-arja tal-egżost, ħierġa mill-kamra u dieħla fl-HRS [°C];

2. KORREZZJONIJIET FIR-RIGWARD TAL-FILTRI

Fil-każ li unità jkollha filtru wieħed jew tnejn inqas milli indikat fil-konfigurazzjoni ta' referenza, għandha tintuża din il-korrezzjoni fir-rigward tal-filtri:

Mill-1 ta' Jannar 2016:

- F = 0 fil-każ li l-konfigurazzjoni ta' referenza hi kompluta;
- F = 160 jekk hemm filtru medju nieqes;
- F = 200 jekk hemm filtru fin nieqes;
- F = 360 jekk kemm il-filtru medju kif ukoll il-filtru fin huma neqsin.

Mit-1 ta' Jannar 2018

- F = 150 jekk hemm filtru medju nieqes;
- F = 190 jekk hemm filtru fin nieqes;
- F = 340 jekk kemm il-filtru medju kif ukoll il-filtru fin huma neqsin.

"filtru fin" ifisser filtru li jissodisfa r-reqwiziti għall-effiċjenza tal-filtri fit-test u fil-metodi ta' kalkolu li ġejjin, li għandu jiġi ddikjarat mill-fornitur tal-filtru. Il-filtri fini huma ttestjati bi fluss tal-arja ta' 0,944 m³/s u b'wiċċ ta' filtru ta' 592 × 592 mm (frejm tal-installazzjoni 610 × 610 mm) (veloċità frontali ta' 2,7 m/s). Wara li ssir il-preparazzjoni xierqa, jitwettqu l-kalibrazzjoni u l-verifika għall-uniformità tal-passaġġ ta' arja, u jiġu kkalkolati l-effiċjenza inizjali tal-filtru u t-tnaqqis fil-pressjoni tal-filtru nadif. Il-filtru jiġi mgħobbi gradwalment bi trab xieraq sakemm it-tnaqqis finali fil-pressjoni tal-filtru jilħaq 450 Pa. Għall-ewwel jitgħabba 30 g fil-ġeneratur tat-trab, u sussegwentament irid ikun hemm ta' mill-inqas 4 proċessi ekwidistanti ta' tagħbija ta' trab qabel ma tintlaħaq il-pressjoni finali. It-trab jiddaħħal fil-filtru b'konċentrazzjoni ta' 70 mg/m³. L-effiċjenza tal-filtru titkejjel permezz ta' qtar ta' daqs ta' 0,2 sa 3 µm ta' aerosol tat-test (DEHS DiEthylHexylSebacate) b'rata ta' madwar 0,39 dm³/s (1,4 m³/h), il-partikli jingħaddu 13-il darba, suċċessivament qabel u wara l-filtru f'intervalli minimi ta' 20 sekonda permezz ta' apparat ottiku li jgħodd il-partikoli (OPC). Hekk jiġu stabbiliti l-valuri tal-effiċjenza gradwali tal-filtru u tat-tnaqqis fil-pressjoni. Tiġi kkalkolata l-effiċjenza medja tal-filtru tul it-test għad-diversi tal-klassijiet tad-daqs tal-partikolu. Biex jitqies bħala "filtru fin", l-effiċjenza medja għal daqs tal-partikoli ta' 0,4 µm għandha tkun iktar minn 80 % u l-effiċjenza minima għandha tkun iktar minn 35 %. L-effiċjenza minima hi l-effiċjenza l-iktar baxxa bejn l-effiċjenza tal-filtru bla ċarġ, l-effiċjenza inizjali u l-effiċjenza l-iktar baxxa tul il-proċedura tat-tagħbija tat-test. It-test tal-effiċjenza tal-filtru bla ċarġ, fil-parti kbira tiegħu, huwa identiku għat-test tal-effiċjenza medja imsemmi aktar 'il fuq, ħlief li l-folja ċatta li tiffurma l-kampjun tal-filtru medju tiġi ddisċarġjata elettrostatikament bl-isopropanol (IPA) qabel l-ittestjar.

'filtru medju' tfisser filtru li jissodisfa l-kundizzjonijiet li ġejjin għall-effiċjenza tal-filtri: "Filtru medju" hu filtru tal-arja għal unità ta' ventilazzjoni li l-prestazzjoni tiegħu tiġi ttestjata u kkalkolata bħalma jiġri għall-filtru fin, imma li jissodisfa l-kundizzjonijiet li l-effiċjenza medja għal daqs tal-partikolu ta' 0,4 µm għandu jkun ta' aktar minn 40 %, li għandu jiġi ddikjarat mill-fornitur tal-filtru.

REGOLAMENT TA' DELEGA TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1254/2014**tal-11 ta' Lulju 2014****li jissupplimenta d-Direttiva 2010/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tat-tikkettar enerġetiku tal-unitajiet ta' ventilazzjoni residenzjali****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2010/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2010 dwar l-indikazzjoni permezz ta' ttikkettar u l-informazzjoni standard dwar il-prodott dwar il-konsum tal-enerġija u rizzorsi oħra minn prodotti marbutin mal-enerġija ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 10 tagħha,

Billi:

- (1) Id-Direttiva 2010/30/UE tistipula li l-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati għat-tikkettar ta' prodotti marbutin mal-enerġija. L-atti delegati għandhom jiġu adottati f'każijiet fejn il-prodotti jirrappreżentaw potenzjal sostanzjali għall-iffrankar enerġetiku u fejn dawn jippreżentaw differenzi kbar fil-livelli ta' prestazzjoni għalkemm ikollhom funzjonalità ekwivalenti u l-ebda leġiżlazzjoni jew awtoregolamentazzjoni oħra tal-Unjoni ma tkun mistennija tilħaq l-għanijiet ta' politika iktar malajr jew bi spiża iżgħar mir-rekwiżiti obbligatorji.
- (2) Il-Kummissjoni vvalutat l-aspetti tekniċi, ambjentali u ekonomiċi ta' unitajiet ta' ventilazzjoni residenzjali. Il-valutazzjoni wriet li l-enerġija li tintuża mill-unitajiet ta' ventilazzjoni residenzjali tammonta għal parti sinifikanti mid-domanda totali tad-djar fl-Unjoni Ewropea għall-enerġija. Diġà nkiseb titjib fl-effiċjenza enerġetika ta' daww il-prodotti, iżda hemm lok sostanzjali għal aktar tnaqqis fil-konsum tal-enerġija ta' unitajiet ta' dan it-tip. Il-valutazzjoni kkonfermat ukoll li hemm differenza wiesgħa fil-livelli ta' prestazzjoni, u ma sabet ebda ftehimiet ta' awtoregolamentazzjoni jew volontarji li jistgħu jiksibu l-oġettivi tal-politika.
- (3) Unitajiet ta' ventilazzjoni żgħar b'potenza input ta' elettriku ta' inqas minn 30 W għal kull fluss tal-arja għandhom jiġu eżentati mill-ambitu ta' dan ir-Regolament. Dawn l-unitajiet huma ddisinjati għal ħafna applikazzjonijiet differenti, u fil-biċċa l-kbira joperaw b'mod intermittenti u b'funzjonijiet supplimentari biss, pereżempju fi kmar tal-banju. L-inklużjoni ta' daww l-unitajiet ta' ventilazzjoni għandha tirrappreżenta piż amministrattiv konsiderevoli f'termini ta' sorveljanza tas-suq minħabba l-bejgħ kbir ta' unitajiet, filwaqt li tikkontribwixxi biss sehem żgħir tal-potenzjal għall-iffrankar ta' enerġija. Madankollu, peress li joffru funzjonalitajiet simili għal daww ta' unitajiet oħra ta' ventilazzjoni, l-inklużjoni possibbli tagħhom għandha tiġi indirizzata bl-istess mod fil-valutazzjoni ta' dan ir-Regolament. L-unitajiet ta' ventilazzjoni mhux residenzjali (NRVUs) għandhom jiġu esklużi mit-tikkettar minħabba li dawn il-prodotti jintgħażlu minn min jiddisinja l-bini u mill-periti, u li huma fil-biċċa l-kbira tagħhom indipendenti mill-imġiba tal-konsumaturi u mill-imġiba tas-suq. Anki unitajiet ta' ventilazzjoni li jkunu ġew iddisinjati b'mod speċifiku biex jaħdmu għal finijiet ta' emerġenza jew f'ambjenti eċċezzjonali jew perikolużi biss għandhom ikunu eżentati, għaliex dawn jintużaw f'każijiet rari u għal żmien qasir. L-eżenzjonijiet jiċċaraw ukoll il-fatt li unitajiet multifunzjonali li fil-biċċa l-kbira jintużaw għat-tisħin jew għat-tkessiħ huma esklużi, kif inhuma esklużi wkoll l-estratturi tal-apparat kollu tal-kċina. Għandhom jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet armonizzati dwar it-tikkettar u l-informazzjoni standard dwar il-prodott fir-rigward tal-konsum tal-enerġija speċifiku tal-unitajiet ta' ventilazzjoni residenzjali sabiex il-manifatturi jkollhom inċentivi biex itejbu l-effiċjenza enerġetika ta' dawn l-unitajiet, u sabiex l-utenti aħħarin jiġu mhegħa jixtru prodotti li jkunu effiċjenti fil-konsum tal-enerġija u jikkontribwixxu għall-funzjonament tas-suq intern.
- (4) Minħabba li l-livell ta' qawwa tal-ħoss ta' unità ta' ventilazzjoni residenzjali jista' jkun fattur importanti li jikkunsidraw il-konsumaturi, it-tikketta għandha tinkludi informazzjoni dwaru.
- (5) L-effett ikkombinat ta' dan ir-Regolament u tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1253/2014 ⁽²⁾ huwa mistenni li jżid l-iffrankar aggregat b'1 300 PJ (45 %) sa 4 130 PJ fl-2025.

⁽¹⁾ ĠUL 153, 18.6.2010, p. 1.⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1253/2014 tas-7 ta' Lulju 2014 li jimplementa d-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi rekwiżiti tal-ekodisinn għal unitajiet ta' ventilazzjoni (Ara paġna 8 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

- (6) It-tagħrif mogħti fuq it-tikketta għandu jinkiseb permezz ta' metodi affidabbli, preċiżi u riproduċibbli li jqisu l-metodi tal-kejl u tal-kalkolu l-aktar avvanzati rrikonoxxuti, inklużi, fejn ikunu disponibbli, standards armonizzati adottati mill-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni, skont il-proċeduri stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾,
- (7) Dan ir-Regolament għandu jispeċifika r-rekwiżiti dwar id-disinn u l-kontenut uniformi għat-tikketta, kif ukoll dawk dwar id-dokumentazzjoni teknika u l-iskeda. Għandhom jiġu stabbiliti wkoll rekwiżiti fir-rigward tal-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta fil-każ ta' kwalunkwe tip ta' bejgħ mill-bogħod, reklamar u materjali tekniċi promozzjonali għal unitajiet ta' ventilazzjoni, minħabba li l-importanza tal-informazzjoni murija lill-konsumenturi finali permezz tal-Internet qed tiżdied,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi rekwiżiti dwar it-tikkettar enerġetiku għal unitajiet ta' ventilazzjoni residenzjali.
2. Dan ir-Regolament m'għandux japplika għal unitajiet ta' ventilazzjoni residenzjali li huma:
 - (a) unidirezżjonali (dħul jew ħruġ tal-arja) b'potenza input ta' elettriku ta' inqas minn 30 W;
 - (b) speċifikati esklussivament bħala li jitħaddmu f'atmosfera potenzjalment esplożivi kif stabbilit fid-Direttiva 94/9/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾;
 - (c) speċifikati esklussivament bħala li jitħaddmu fużu ta' emerġenza, għal perjodi qosra ta' żmien, u bħala li huma konformi mar-rekwiżiti bażiċi għal xogħlijiet ta' bini fir-rigward tas-sigurtà f'każ ta' niriien kif stipulat fir-Regolament (UE) Nru 305/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾;
 - (d) huma speċifikati esklussivament bħala:
 - (i) meta t-temperatura ta' tħaddim tal-arja li tkun qed tiġi mmexxija tkun ogħla minn 100 °C;
 - (ii) meta t-temperatura tal-ambjent tal-mutur li jħaddem il-fann, jekk dan il-mutur ma jkunx fil-fluss tal-arja, tkun ogħla minn 65 °C waqt it-tħaddim;
 - (iii) li jitħaddmu meta t-temperatura tal-arja li tkun qed tiġi mmexxija jew it-temperatura tal-ambjent tal-mutur waqt it-tħaddim, jekk dan il-mutur ma jkunx fil-fluss tal-arja, tkun ta' inqas minn - 40 °C;
 - (iv) meta l-provvista tal-vultaġġ taqbeż 1 000 V AC jew 1 500 V DC;
 - (v) f'ambjenti tossiċi, korrużivi ħafna jew li jieħdu n-nar malajr, jew f'ambjenti li jkollhom sustanzi li joborxu;
 - (e) li jinkludu skambjatur tas-sħana jew pompa tas-sħana għall-irkupru tas-sħana, jew li jippermettu t-trasferiment jew l-estrazzjoni tas-sħana bħala funzjoni addizzjonali għas-sistema tal-irkupru tas-sħana, bl-eċċezzjoni tat-trasferiment tas-sħana għall-protezzjoni mill-ġlata jew għat tneħħija tas-silġ;
 - (f) Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 65/2014 ⁽⁴⁾.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) "unità ta' ventilazzjoni (VU)" tfisser tagħmir li jaħdem bl-elettriku li huwa mgħammar b'mill-inqas skrun wieħed, mutur wieħed u b'hawsing estern, maħsub biex jissostitwixxi l-arja użata b'arja minn barra f'bini jew f'parti minn bini;

⁽¹⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea (ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12).

⁽²⁾ Id-Direttiva 94/9/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Marzu 1994 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li jikkonċernaw it-tagħmir u sistemi ta' protezzjoni maħsuba għall-użu f'atmosfera potenzjalment espussivi (ĠU L 100, 19.4.1994, p. 1).

⁽³⁾ Regolament (UE) Nru 305/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2011 li jistabbilixxi kondizzjonijiet armonizzati għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti għall-bini u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE (ĠU L 88, 4.4.2011, p. 5).

⁽⁴⁾ Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 65/2014 tal-1 ta' Ottubru 2013 li jissupplimenta lid-Direttiva 2010/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fejn jidħol it-tikkettar enerġetiku tal-fran domestiċi u l-estratturi tal-kukers Test b'relevanza għaż-ŻEE (ĠU L 29, 31.1.2014, p. 1).

- (2) “unità ta’ ventilazzjoni residenzjali” (RVU) tfisser unità ta’ ventilazzjoni li fil-każ tagħha
- (a) ir-rata tal-fluss massima ma taqbiżx il-250 m³/h;
 - (b) ir-rata tal-fluss massima hija ta’ bejn 250 u 1 000 m³/h, u li fil-każ tagħha l-manifattur jiddikjara li l-użu maħsub tagħha huwa esklussivament wieħed ta’ ventilazzjoni residenzjali;
- (3) “rata tal-fluss massima” hija r-rata massima tal-fluss volumetrik tal-arja iddikjarata ta’ unità ta’ ventilazzjoni li tista’ tinkiseb permezz ta’ kontrolli integrati jew kontrolli separati li jiġu forniti b’mod konġunt, f’kundizzjonijiet ambjentali standard (20 °C) u f’101 325 Pa, meta l-unità tkun ġiet installata bis-sħiħ (eż. tkun mgħammra b’filtri nodfa) u skont l-istruzzjonijiet tal-manifattur, għal unitajiet b’ventilazzjoni ir-rata tal-fluss massima hija relatata mal-fluss tal-arja b’100 Pa ta’ differenza fil-pressjoni statika esterna, filwaqt li għal unitajiet mingħajr ventilazzjoni, ir-rata tal-fluss massima hija relatata mal-fluss tal-arja bid-differenza fil-pressjoni esterna totali li tista’ tinkiseb u li għandha tintgħażel minn sett ta’ valuri ta’ 10 (minimu) -20-50-100-150-200-250 Pa, liema minnhom hija uguali għal jew eżatt taħt il-valur tad-differenza mkejla fil-pressjoni;
- (4) “unità ta’ ventilazzjoni unidirezżjonali (UVU)” tfisser unità ta’ ventilazzjoni li tipproduċi fluss ta’ arja f’direzzjoni waħda biss, jew minn ġewwa għal barra (ħruġ) jew minn barra għal ġewwa (dħul) fejn il-fluss tal-arja prodott b’mod mekkaniku jkun ibbilanċjat bi dħul jew ħruġ naturali tal-arja;
- (5) “unità ta’ ventilazzjoni bidirezżjonali (BVU)” tfisser unità ta’ ventilazzjoni li tipproduċi fluss ta’ arja minn ġewwa għal barra (ħruġ) u li hija mgħammra kemm b’fannijiet għad-dħul kif ukoll b’fannijiet għall-ħruġ tal-arja.
- (6) “mudell ekwivalenti ta’ unità ta’ ventilazzjoni” tfisser unità ta’ ventilazzjoni bl-istess karatteristiċi tekniċi skont ir-rekwiżiti applikabbli fir-rigward tal-informazzjoni dwar il-prodott, iżda li tqiegħdet fis-suq bħala mudell ta’ unità ta’ ventilazzjoni differenti mill-istess manifattur, rappreżentant jew importatur awtorizzat.

Fl-Anness I qed jingħataw iktar definizzjonijiet għall-għanijiet tal-Annessi II sa IX.

Artikolu 3

Responsabbiltajiet tal-fornituri

1. Fornituri li jqiegħdu fis-suq unitajiet ta’ ventilazzjoni residenzjali għandhom jiżguraw li r-rekwiżiti li ġejjin jibdwu jiġu ssodisfati mill-1 ta’ Jannar 2016:
 - (a) kull unità ta’ ventilazzjoni residenzjali għandu jkollha magħha tikketta stampata fil-format stabbilit fl-Anness III, u din għandha tinkludi l-informazzjoni stabbilita fl-istess Anness III; it-tikketta għandha mill-inqas tiġi pprovduta fl-imballaġġ tal-unità. Għal kull mudell ta’ unità ta’ ventilazzjoni residenzjali għandha tkun magħmula disponibbli għan-negozjanti tikketta elettronika fil-format stabbilit fl-Anness III, li tinkludi fuqha l-informazzjoni stabbilita fl-istess Anness III;
 - (b) għandha tkun disponibbli skeda tal-prodott kif stipulat fl-Anness IV. L-iskeda għandha tiġi pprovduta mill-inqas fl-imballaġġ tal-unità. Għal kull mudell ta’ unità ta’ ventilazzjoni residenzjali għandha tkun magħmula disponibbli għan-negozjanti skeda elettronika tal-prodott, kif stipulat fl-Anness IV. Din għandha tkun magħmula disponibbli wkoll fuq siti tal-Internet b’aċċess mingħajr ħlaq;
 - (c) dokumentazzjoni teknika kif stipulat fl-Anness V għandha tkun magħmula disponibbli fuq talba għall-awtoritajiet tal-Istati Membri u għall-Kummissjoni;
 - (d) għandhom ikunu magħmula disponibbli l-istruzzjonijiet għall-użu;
 - (e) kull reklam għal mudell speċifiku ta’ unitajiet ta’ ventilazzjoni residenzjali li jiżvela informazzjoni marbuta mal-enerġija jew mal-prezz għandu jinkludi l-klassi speċifika tal-konsum tal-enerġija ta’ dak il-mudell;
 - (f) kull materjal tekniku promozzjonali li jikkonċerna mudell speċifiku ta’ unità ta’ ventilazzjoni residenzjali li jiddeskrivi l-parametri tekniċi speċifiċi tiegħu jiddikjara l-klassi speċifika tal-konsum ta’ enerġija ta’ dak il-mudell.
2. Mill-1 ta’ Jannar 2016, l-unitajiet ta’ ventilazzjoni residenzjali li jitqiegħdu fis-suq għandhom jiġu pprovduti b’tikketta mfassla skont il-format stabbilit fil-punt 1 tal-Anness III jekk ikunu unitajiet ta’ ventilazzjoni residenzjali unidirezżjonali, u b’tikketta mfassla skont il-format stabbilit fil-punt 2 tal-Anness III, jekk ikunu unitajiet ta’ ventilazzjoni bidirezżjonali.

*Artikolu 4***Responsabbiltajiet tal-bejjiegħa**

Il-bejjiegħa għandhom jiżguraw li:

- (a) kull unità ta' ventilazzjoni, fil-punt tal-bejgħ, ikollha fuqha t-tikketta pprovduta mill-fornituri skont l-Artikolu 3(1)(a) fuq il-faċċata jew fuq il-wiċċ ta' fuq tat-tagħmir, b'tali mod li tkun tidher b'mod ċar;
- (b) unitajiet ta' ventilazzjoni residenzjali offruti għall-bejgħ, kiri jew xiri bin-nifs-fejn l-utent finali ma jkunx mistenni jara l-prodott għall-wiri għandhom jiġu kkummerċjalizzati bl-informazzjoni mogħtija mill-fornituri skont l-Anness VI, ħlief fejn l-offerta ssir permezz tal-Internet, f'liema każ għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Anness VII;
- (c) kull reklam għal mudell speċifiku ta' unità ta' ventilazzjoni residenzjali li jiżvela informazzjoni marbuta mal-enerġija jew mal-prezz għandu jinkludi referenza għall-klassi speċifika tal-konsum ta' enerġija tal-unità;
- (d) kwalunkwe materjal tekniku promozzjonali dwar mudell speċifiku li jiddeskrivi l-parametri tekniċi ta' unitajiet ta' ventilazzjoni residenzjali għandu jinkludi l-klassi speċifika tal-konsum ta' enerġija tal-unità tal-mudell, kif ukoll l-istruzzjonijiet għall-użu mogħtija mill-fornitur.

*Artikolu 5***Metodi ta' kejl**

Għall-finijiet ta' informazzjoni li għandha tingħata skont l-Artikoli 3 u 4, il-klassi speċifika tal-konsum ta' enerġija tal-unità għandha tiġi ddeterminata skont it-tabella li tinsab fl-Anness II. Il-konsum ta' enerġija speċifiku, il-konsum annwali ta' elettriku, l-iffrankar ta' tisħin, ir-rata massima tal-fluss u l-livell ta' qawwa tal-ħoss għandhom jiġu kollha ddeterminati skont il-metodi ta' kejl u ta' kalkolu kif stabbilit fl-Anness VIII, u għandhom iqisu l-metodi tal-kejl u tal-kalkolu l-aktar avvanzati rrikonoxxuti.

*Artikolu 6***Proċedura ta' verifika għall-finijiet tas-sorveljanza tas-suq**

Meta jivvalutaw il-konformità tal-unità ta' ventilazzjoni, l-Istati Membri għandhom japplikaw il-proċedura stipulata fl-Anness IX.

*Artikolu 7***Reviżjoni**

Il-Kummissjoni għandha tirrevedi dan ir-Regolament fid-dawl tal-progress teknoloġiku li jkun sar u għandha tippreżenta r-riżultati ta' din ir-reviżjoni lill-Forum ta' Konsultazzjoni sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2020.

Ir-reviżjoni għandha tivvaluta b'mod partikolari l-inklużjoni possibbli ta' unitajiet oħra ta' ventilazzjoni, b'mod partikolari dik ta' unitajiet mhux residenzjali, unitajiet b'potenza input totali ta' elettriku ta' inqas minn 30 W, u l-kalkolu u l-klassijiet speċifiċi tal-konsum tal-enerġija fir-rigward ta' unitajiet ta' ventilazzjoni unidirezżjonali u bidirezżjonali b'domanda kkontrollata.

*Artikolu 8***Entry into force**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Lulju 2014.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

ANNEX I

Definizzjonijiet li japplikaw għall-Annessi II sa IX

- (1) “konsum tal-enerġija speċifiku (SEC)” (espress f'kWh/(m².a)) tfisser koeffiċjent li jesprimi l-enerġija kkonsmata għall-ventilazzjoni għal kull m² ta' erja ta' art imsaħħna f'dar jew f'bini f'[kWh/m².a], ikkalkulat għal RVUs b'konformità mal-Anness VIII;
- (2) “livell ta' qawwa tal-ħoss (L_{WA})” tfisser il-livell tal-potenza tal-ħoss b'ponderazzjoni “A” li joħroġ mill-hawsing espress f'decibels (dB) b'referenza għall-potenza tal-ħoss ta' picowatt (1pW), trażmess mill-arja bil-fluss tal-arja ta' referenza;
- (3) “trażmissjoni b'veloċitajiet differenti” tfisser mutur b'fann li jista' jitħaddem fi tliet veloċitajiet fissi jew aktar, u li jkollu wkoll funzjoni ta' veloċità zero (“off”);
- (4) “trażmissjoni b'veloċità varjabbli (VSD)” tfisser kontrollur elettroniku integrat, jew li jiffunzjona b'ħala sistema waħda jew b'ħala unità separata ta' forniment mal-mutur u l-fann, li jadatta l-enerġija elettrika mogħtija lill-mutur tal-elettriku b'mod kontinwu, sabiex jikkontrolla r-rata tal-fluss;
- (5) “sistema għall-irkupru tas-sħana (HRS)” tfisser dik il-parti ta' unità ta' ventilazzjoni bidirezzjonali mgħammra bi skambjatur tas-sħana ddisinjat biex jittrasferixxi s-sħana li tinsab fl-arja (ikkontaminata) tal-egżost għal ġol-arja (friska) li tkun qed tiġi fornuta;
- (6) “effiċjenza termali ta' HRS residenzjali (η_r)” tfisser il-proporzjon bejn iż-żieda fit-temperatura tal-arja li qed tiġi fornuta u t-telf ta' temperatura tal-arja li tkun qed tiġi espulsa, it-tnejn li huma mqabbla mat-temperatura tal-arja esterna u mkejla f'kundizzjonijiet tal-HRS nexfin, u f'kundizzjonijiet tal-arja standard, bi fluxs tal-massa bbilanċjat, f'rata tal-fluss ta' referenza, differenza ta' 13 K, ebda korrezzjoni għal żieda fi sħana termali mill-muturi tal-fannijiet;
- (7) “rata ta' tnixxija interna” tfisser il-frazzjoni ta' arja estratta li tinsab fl-arja tal-provvista ta' unitajiet ta' ventilazzjoni tal-arja b'HRS b'ħala riżultat ta' tnixxija fil-hawsing bejn il-fluss tal-arja li tkun qed tiġi estratta u l-fluss tal-arja li tkun qed tiġi espulsa meta l-unità titħaddem bi fluxs tal-volum tal-arja ta' referenza, imkejjel fil-pożizzjoni tal-ventilazzjoni, it-test għandu jitwettagħ f'100 Pa;
- (8) “trasferiment” tfisser il-perċentwali tal-arja tal-ħruġ li tintbagħat lura lejn l-arja ta' provvista għal skambjatur tas-sħana riġenerattiv skont il-fluss ta' referenza;
- (9) “rata ta' tnixxija esterna” tfisser il-frazzjoni tal-fluss tal-volum tal-arja ta' referenza li toħroġ minn ġol-hawsing ta' unità meta din tkun soġġetta għal test tal-pressjoni, it-test għandu jitwettagħ f'250 Pa kemm għal nuqqas ta' pressjoni kif ukoll għal pressjoni eċċessiva;
- (10) “taħlit” tfisser ir-riċirkolazzjoni immedjata jew it-tlaqqigħ ta' flussi bejn il-punt tad-dħul u tal-ħruġ tal-arja kemm fil-punt terminali ta' ġewwa kif ukoll f'dak ta' barra sabiex dawn ma jikkontribwixxux għall-ventilazzjoni effettiva ta' spazju f'bini, meta l-unità titħaddem b'rata ta' volum tal-arja ta' referenza;
- (11) “rata ta' taħlit” tfisser il-frazzjoni tal-fluss tal-arja estratta, b'ħala parti mill-volum ta' arja ta' referenza totali, li tirriċ-ċirkola bejn il-punt tad-dħul u tal-ħruġ tal-arja kemm fil-punt terminali ta' ġewwa kif ukoll f'dak ta' barra u li b'hekk ma tikkontribwixxix għall-ventilazzjoni effettiva ta' spazju f'bini, meta l-unità titħaddem b'volum tal-arja ta' referenza (imkejjel minn metru bogħod mill-vent tal-forniment ta' ġewwa), wara li titnaqqas ir-rata ta' tnixxija interna.
- (12) “potenza input effettiva” (espressa f'W) tfisser il-potenza input elettrika f'rata tal-fluss ta' referenza u d-differenza esterna totali tal-pressjoni korrispondenti, u tinkludi d-domanda tal-elettriku għall-fannijiet, l-unitajiet ta' kontroll (inkluż kontrolli mill-bogħod) u l-pompa tas-sħana (jekk tkun integrata);
- (13) “potenza input speċifika (SPI)” (espressa f'W/(m³/h)) tfisser il-proporzjon bejn il-potenza effettiva tad-dħul (f'W) u r-rata tal-fluss ta' referenza (f'm³/h);
- (14) “dijagramma tar-rata tal-fluss/il-pressjoni” tfisser sett ta' kurvi għar-rata tal-fluss (l-assi orizzontali) u d-differenza fil-pressjoni ta' RVU unidirezzjonali, jew in-naħa tal-provvista ta' RVU bidirezzjonali, fejn kull kurva tirrappreżenta veloċità waħda tal-fann b'mill-inqas tmien punti ta' ttestjar ekwidistanti minn xulxin u n-numru ta' kurvi jingħata min-numru ta' alternattivi diskreti relatati mal-veloċità tal-fann (wieħed, tnejn jew tlieta) jew, fil-każ ta' trażmissjoni b'veloċità tal-fann varjabbli, tinkludi mill-inqas kurva intermedja minima, massima u xierqa qrib tal-volum tal-arja ta' referenza u tad-differenza fil-pressjoni għall-ittestjar tal-SPI;

- (15) “rata tal-fluss ta’ referenza” (espressa fm^3/s) hija l-valur abscissa għal punt f’kurva fid-dijagramma tar-rata tal-fluss/il-pressjoni li huwa fuq jew viċin ta’ punt ta’ referenza ta’ mill-inqas 70 % tar-rata massima tal-fluss u ta’ 50 Pa għal unitajiet bil-ventijiet, u bi pressjoni minima għal unitajiet mingħajr ventijiet. Fil-każ ta’ unitajiet ta’ ventilazzjoni bidirezjonali, ir-rata ta’ referenza tal-fluss tal-volum tal-arja tapplika għall-ħruġ tal-provvista tal-arja;
- (16) “fattur ta’ kontroll (CTRL)” tfisser fattur ta’ korrezzjoni għall-kalkolu tal-SEC skont it-tip ta’ kontroll li huwa parti mill-unità ta’ ventilazzjoni, skont id-deskrizzjoni pprovduta fit-Tabella 1 tal-Anness VIII;
- (17) “parametru ta’ kontroll” tfisser parametru jew sett ta’ parametri li jistgħu jitkejlu li huma meqjusa bħala rappreżentattivi tad-domanda għall-ventilazzjoni, eż. il-livell ta’ umdità relattiva (RH), ta’ dijossidu tal-karbonju (CO_2), ta’ komposti organiċi volatili (VOC) jew ta’ gassijiet oħra, id-detezzjoni ta’ preżenza, moviment jew okkupanza permezz tas-sħana infrahmra tal-ġisem jew tar-riflessjoni ta’ mewġ ultrasoniku, sinjali elettriċi minn tħaddim ta’ dwal jew tagħmir mill-bnedmin;
- (18) “kontroll manwali” tfisser kwalunkwe tip ta’ kontroll li ma jagħmilx użu mill-kontroll tad-domanda;
- (19) “kontroll tad-domanda” tfisser apparat integrat jew sett ta’ unitajiet ta’ apparat integrati, jew bħala unità separata ta’ forniment, li jkejjel parametru ta’ kontroll u juża r-riżultat biex jirregola, b’mod awtomatiku, ir-rata tal-fluss tal-ventijiet;
- (20) “kontroll b’arloġġ” tfisser interfaċċja b’arloġġ (ikkontrollata matul il-jum) li titħaddem mill-bniedem sabiex tiġi kkontrollata l-veloċità tal-fann/ir-rata tal-fluss tal-unità ta’ ventilazzjoni, b’mill-inqas seba’ impostazzjonijiet tar-rata tal-fluss regolabbli għal mill-inqas żewġ perjodi ta’ interruzzjoni, jiġifieri perjodi li fihom tapplika rata tal-fluss imnaqqa, jew meta ma jkun hemm ebda rata tal-fluss;
- (21) “ventilazzjoni kkontrollata mid-domanda (DCV)” tfisser unità ta’ ventilazzjoni li tuża sistema ta’ kontroll skont id-domanda;
- (22) “unità bil-ventijiet” tfisser unità ta’ ventilazzjoni maħsuba biex tiġi vventilata kamra waħda jew aktar, jew biex jiġi vventilat spazju magħluq wieħed jew aktar f’bini permezz tal-użu ta’ ventijiet tal-arja, u maħsuba biex tiġi mgħammra b’konnessjonijiet għal ventijiet;
- (23) “unità mingħajr ventijiet” tfisser unità ċentrali ta’ ventilazzjoni maħsuba biex tiġi vventilata kamra waħda jew spazju wieħed magħluq, f’bini, u li mhijiex maħsuba biex tkun mgħammra b’konnessjonijiet għal ventijiet;
- (24) “kontroll tad-domanda ċentrali” tfisser kontroll tad-domanda ta’ unità ta’ ventilazzjoni bil-ventijiet li jirregola kontinwament il-veloċità(jiet) tal-fann u r-rata tal-fluss fuq il-bażi ta’ senser wieħed għall-bini vventilat kollu jew għal parti minnu f’livell ċentrali;
- (25) “kontroll tad-domanda lokali parzjali” tfisser kontroll tad-domanda għal unità ta’ ventilazzjoni li jirregola kontinwament il-veloċità(jiet) tal-fann u r-rati individwali tal-fluss fuq il-bażi ta’ aktar minn senser wieħed għal unità ta’ ventilazzjoni bil-ventijiet, jew fuq il-bażi ta’ senser wieħed għal unità mingħajr ventijiet;
- (26) “pressjoni statika (p_{st})” tfisser il-pressjoni totali wara li minnha jitnaqqas il-valur tal-pressjoni dinamika tal-fann;
- (27) “pressjoni totali (p_t)” tfisser id-differenza bejn il-valur tal-pressjoni ta’ staġnar imkejjel fil-ħruġ tal-fann u dak imkejjel fid-dħul tal-fann.
- (28) “pressjoni ta’ staġnar” tfisser il-pressjoni mkejla f’punt ta’ fluss tal-gass li kellu jitwaqqaf permezz ta’ proċess isoenotropiku.
- (29) “pressjoni dinamika” tfisser il-pressjoni kkalkulata mir-rata tal-fluss tal-massa u mid-densità medja tal-gass fil-punt tal-ħruġ u fiż-żona tal-ħruġ tal-unità;
- (30) “skambjatur tas-sħana rikuperattiv” tfisser skambjatur tas-sħana maħsub biex jittrasferixxi l-enerġija termali minn fluss tal-arja għal fluss tal-arja ieħor mingħajr partijiet li jiċċaqalqu, bħal pereżempju pjanċa jew skambjatur tas-sħana tubulari bi fluss parallel, fluss tanġenzjali (cross flow) jew b’kontrofluss (counter flow), jew taħlita ta’ dawn, jew pjanċa jew skambjatur tas-sħana tubulari permezz ta’ sistema ta’ diffużjoni tal-fwar;
- (31) “skambjatur tas-sħana riġenerattiv” tfisser skambjatur tas-sħana b’sistema rotatorja li fih stess jinkorpora rota għat-trasferiment tal-enerġija termali minn fluss tal-arja għal fluss tal-arja ieħor, inkluż materjal li jippermetti t-trasferiment ta’ sħana latenti, mekkaniżmu ta’ trażmissjoni, hawsing jew qafas, u siġilli biex jitnaqqsu sitwazzjonijiet fejn l-arja tista’ taqbeż ċerti partijiet taċ-ċirkwit tal-arja jew tnixxi minn fluss għall-ieħor; skambjaturi tas-sħana ta’ dan it-tip għandhom gradi li jvarjaw ta’ rkupru tal-umdità, u dawn iwarjaw skont il-materjal li jkun qed jintuża;

- (32) “sensittività tal-fluss tal-arja għal varjazzjonijiet fil-pressjoni” ta’ RVU mingħajr ventijiet hija l-proporzjon bejn id-devjazzjoni massima mir-rata massima tal-fluss tal-RVU $f + 20$ Pa u dik f’differenza fil-pressjoni esterna totali ta’ -20 Pa;
- (33) “impermeabbiltà tal-arja bejn ġewwa u barra” ta’ RVU mingħajr ventijiet hija r-rata tal-fluss (espressa $f m^3/h$) bejn ġewwa u barra meta l-fann(ijiet) ikun(u) mitfi(ja).

ANNEX II

Klassijiet ta’ konsum tal-enerġija speċifiku

Klassijiet tal-konsum tal-enerġija speċifiku (SEC) ta’ unitajiet ta’ ventilazzjoni residenzjali ikkalkulati għall-klima medja:

Tabella 1


Il-klassifikazzjoni mill-1 ta’ Jannar 2016

Klassi SEC	SEC $f kWh/a.m^2$
A+ (l-iktar effiċjenti)	$SEC < -42$
A	$-42 \leq SEC < -34$
B	$-34 \leq SEC < -26$
C	$-26 \leq SEC < -23$
D	$-23 \leq SEC < -20$
E	$-20 \leq SEC < -10$
F	$-10 \leq SEC < 0$
G (l-inqas effiċjenti)	$0 \leq SEC$

ANNEX III

It-tikketta


1. It-tikketta għal UVUs ikkummerċjalizzati wara l-1 ta' Jannar 2016:



It-tikketta għandha tipprovdi l-informazzjoni li ġejja:

- I. isem il-fornitur jew il-marka kummerċjali tiegħu;
- II. l-identifikatur tal-mudell tal-fornitur;
- III. l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija; it-tarf tal-vleġġa li fih tidher il-klassi tal-effiċjenza enerġetika tat-tagħmir għandu jit-poġġa fl-istess livell bħat-tarf tal-vleġġa li fih tidher il-klassi tal-effiċjenza enerġetika rilevanti. L-effiċjenza enerġetika hija indikata għal klima "medja";


- IV. il-livell ta' qawwa tal-ħoss (L_{WA}) f'dB aġġustat għall-eqreb numru sħiħ
- V. ir-rata massima tal-fluss $f\text{ m}^3/\text{h}$ aġġustata għall-eqreb numru sħiħ, akkumpanjata minn vleġġa waħda li tirrappreżenta UVUs;
2. Tikketta għal BVUs ikkummerċjalizzati wara l-1 ta' Jannar 2016:



It-tikketta għandha tipprovdi l-informazzjoni li ġejja:

- I. isem il-fornitur jew il-marka kummerċjali tiegħu;
- II. l-identifikatur tal-mudell tal-fornitur;
- III. l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija; it-tarf tal-vleġġa li fih tidher il-klassi tal-effiċjenza enerġetika tat-tagħmir għandu jit-poġġa fl-istess livell bħat-tarf tal-vleġġa li fih tidher il-klassi tal-effiċjenza enerġetika rilevanti. L-effiċjenza enerġetika hija indikata għal klima "medja";

- IV. il-livell ta' qawwa tal-ħoss (L_{WA}) f'dB aġġustat għall-eqreb numru sħiħ;
- V. ir-rata massima tal-fluss m^3/h aġġustata għall-eqreb numru sħiħ, akkumpanjata minn żewġ vleġġ jippuntaw f'direz-
zjonijiet opposti li jirrappreżentaw BVUs;
3. Id-disinn tat-tikketti għal unitajiet ta' ventilazzjoni residenzjali stabbiliti fil-punti 1 sa 2 għandu jkun dan li ġej:



Fejn:

It-tikketta għandu jkollha wisa' ta' mill-inqas 75 mm u għoli ta' 150 mm. F'każ li t-tikketta tiġi stampata f'format akbar, il-kontenut tagħha xorta waħda għandu jibqa' proporzjonat fir-rigward tal-ispeċifikazzjonijiet imsemmija hawn fuq.

L-isfond għandu jkun ta' lewn abjad.

Il-kuluri huma kodifikati bħala CMYK — cyan, maġenta, isfar, u iswed, skont dan l-eżempju: 00-70-X-00: 0 % cyan, 70 % maġenta, 100 % isfar, 0 % iswed;

It-tikketta għandha tissodisfa r-rekwiżiti kollha li ġejjin (in-numri jirreferu għad-dijagramma li tidher hawn fuq):

❶ **Il-linja tal-bordura tat-tikketta tal-UE:** 3,5 pt — kulur: Cyan 100 % — truf fit-tond: 2,5 mm.

❷ **Logo tal-UE:** Kuluri: X-80-00-00 u 00-00-X-00.

❸ **Logo tal-enerġija:** Kulur: X-00-00-00.

Pittogramma kif murija: Il-logo tal-UE + il-logo tal-enerġija: wisa': 62 mm, għoli: 12 mm.

❹ **Linja tal-bordura tal-logos sekondarji:** 1 pt — kulur: cyan 100 % — tul: 62 mm.

❺ **skali A+–G:**

— Vleġġa: għoli: 6 mm, spazju bejn vleġġa u oħra: 1 mm — kuluri:

— L-ogħla klassi: X-00-X-00,

— It-tieni klassi: 70-00-X-00,

— It-tielet klassi: 30-00-X-00,

— Ir-raba' klassi: 00-00-X-00,

— Il-ħames klassi: 00-30-X-00,

— Is-sitt klassi: 00-70-X-00,

— Is-seba' klassi 00-X-X-00,

— L-aħħar klassi: 00-X-X-00,

— Test: Calibri tipa grassa 13 pt, kapitali, abjad;

❻ **Klassi tal-konsum tal-enerġija speċifiku**

— Vleġġa: wisa': 17 mm, għoli: 9 mm, 100 % iswed;

— Test: Calibri tipa grassa 18,5 pt, kapitali, abjad. simboli "+": Calibri tipa grassa 11 pt, bojod allinjati fuq ringiela waħda.

❼ **Il-livell ta' qawwa tal-ħoss f'dB:**

— Bordura: 1,5 pt — kulur: cyan 100 % — truf ittundjati: 2,5 mm;

— Valur: Calibri tipa grassa 16 pt, 100 % iswed;

— "dB": Calibri tipa regolari 10 pt, 100 % sewda

❽ **Ir-rata massima tal-fluss f m³/h:**

— Bordura: 1,5 pt — kulur: cyan 100 % — truf ittundjati: 2,5 mm;

— Valur: Calibri tipa grassa 16 pt, 100 % iswed;

— "m³/siegħa": Calibri tipa grassa 16 pt, 100 % iswed;

— Vleġġa waħda jew tnejn

— wisa' ta' kull waħda: 10 mm, għoli ta' kull waħda: 10 mm.

— Kulur: cyan 100 %.

9 Enerġija:

— Test: Calibri normali 6 pt, kapitali, iswed.

10 Perjodu ta' referenza:

— Test: Calibri tipa grassa 8-il pt.

11 Isem il-fornitur jew il-marka kummerċjali tiegħu**12 L-identifikatur tal-mudell tal-fornitur****13 Isem il-fornitur jew il-marka kummerċjali tiegħu u l-identifikatur tal-mudell għandhom joqgħodu fi spazju ta' 62 × 10 mm**

ANNEX IV

Skeda tal-prodott

L-informazzjoni fl-iskeda tal-prodott tal-unità ta' ventilazzjoni msemija fl-Artikolu 3(1)(b) għandha tingħata fl-ordni li ġej u għandha tkun inkluża fil-fuljett tal-prodott jew f'dokumenti oħra fornuti mal-prodott:

- (a) Isem il-fornitur jew il-marka kummerċjali;
- (b) l-identifikatur tal-mudell tal-fornitur, jiġifieri l-kodiċi, ġeneralment alfanumeriku, li jintuża biex jiddistingwi mudell residenzjali speċifiku ta' unità ta' ventilazzjoni minn mudelli oħra bl-istess marka kummerċjali jew bl-istess isem tal-fornitur.
- (c) Konsum tal-enerġija speċifiku (SEC) $\text{f kWh}/(\text{m}^2 \cdot \text{a})$ għal kull żona klimatika u klassi SEC applikabbli;
- (d) tipoloġija ddikjarata skont l-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament (unidirezzjonali jew bidirezzjonali);
- (e) tip ta' trażmissjoni installata jew maħsuba biex tiġi installata (trażmissjoni b'veloċitajiet differenti jew trażmissjoni b'veloċitajiet varjabbli);
- (f) tip ta' sistema għall-irkupru tas-sħana (rikuperattiva, riġenerattiva, ebda);
- (g) effiċjenza termali tal-irkupru ta' sħana ($\text{f} \%$ jew "mhux applikabbli" jekk il-prodott m'għandux sistema ta' rkupru ta' sħana);;
- (h) ir-rata massima tal-fluss $\text{f m}^3/\text{h}$;
- (i) potenza input elettrika tat-trażmissjoni tal-fann, inkluż kwalunkwe tagħmir għall-kontroll tal-mutur, b'rata massima tal-fluss (W);
- (j) il-livell ta' qawwa tal-ħoss (L_{WA}), aġġustat għall-eqreb numru sħiħ;
- (k) rata tal-fluss ta' referenza $\text{f m}^3/\text{s}$
- (l) id-differenza fil-pressure ta' referenza, f Pa ;
- (m) SPI $\text{f W}/(\text{m}^3/\text{h})$;
- (n) il-fattur tal-kontroll u t-tipoloġija tal-kontroll b'konformità mad-definizzjonijiet u mal-klassifikazzjoni rilevanti fit-Tabella 1 tal-Anness VIII;
- (o) rati ta' tnixxigh intern u estern (%) massimi ddikjarati għal unitajiet ta' ventilazzjoni bidirezzjonali jew trasferiment (għal skambjaturi tas-sħana riġenerattivi biss), u rati ta' tnixxigh estern (%) għal unitajiet ta' ventilazzjoni unidirezzjonali bil-ventilijiet;
- (p) rata ta' taħlit għal unitajiet ta' ventilazzjoni bidirezzjonali mingħajr ventilijiet mhux maħsuba biex ikunu mgħammra b'konnessjoni waħda għal vent fuq in-naħa tal-provvista jew fuq in-naħa tal-ħruġ;
- (q) pożizzjoni u deskrizzjoni tat-twissija viżwali tal-filtru għal RVUs maħsuba biex jintużaw b'filtri, inkluż test li jindika li huwa importanti li l-filtru jinbidel b'mod regolari sabiex l-unità tkun tista' topera b'livell tajjeb ta' prestazzjoni u ta' effiċjenza enerġetika;
- (r) għal sistemi ta' ventilazzjoni unidirezzjonali, struzzjonijiet għall-installazzjoni ta' xbieki ta' provvista/egżost mal-faċ-ċata għall-provvista/espulsjoni naturali tal-arja/;
- (s) indirizz tal-Internet għal struzzjonijiet dwar passi li għandhom isiru għall-immuntar minn qabel/għaż-żarmar;
- (t) għal unitajiet mingħajr ventilijiet biss: is-sensittività tal-fluss tal-arja għal varjazzjonijiet fil-pressure $\text{f} + 20 \text{ Pa}$ u $- 20 \text{ Pa}$;
- (u) għal unitajiet mingħajr ventilijiet biss: l-impermeabbiltà tal-arja bejn barra u ġewwa $\text{f m}^3/\text{h}$;
- (v) il-konsum annwali ta' elettriku (AEC) (f kWh elettriku fis-sena);
- (w) it-tisħin iffrankat fis-sena (AHS) (f kWh enerġija primarja/a) għal kull tip ta' klima ("medju", "sħun", "kiesaħ");

ANNEX V

Dokumentazzjoni teknika

Id-dokumentazzjoni teknika msemmija fl-Artikolu 3(1)(c) għandha tinkludi mill-inqas dan li ġej:

- (a) l-isem u l-indirizz tal-fornitur,
- (b) l-identifikatur tal-mudell tal-fornitur, jiġifieri l-kodiċi, ġeneralment alfanumeriku, li jintuża biex jiddistingwi mudell residenzjali speċifiku ta' unità ta' ventilazzjoni minn mudelli oħra bl-istess marka kummerċjali jew bl-istess isem tal-fornitur.
- (c) fejn ikun xieraq, ir-referenzi tal-istandards armonizzati applikati;
- (d) fejn ikun xieraq, il-metodi tal-kalkolu, l-istandards tal-kejl u l-ispeċifikazzjonijiet oħra użati;
- (e) identifikazzjoni u firma tal-persuna mogħtija s-setgħa li torbot lill-fornitur;
- (f) fejn ikun xieraq, il-parametri tekniċi għall-kejl, stabbiliti skont l-Anness VIII;
- (g) qisien ġenerali;
- (h) speċifikazzjoni dwar it-tip ta' RVU;
- (i) il-klassi tal-konsum tal-enerġija speċifiku tal-mudell, kif definita fl-Anness II;
- (j) Il-konsum tal-enerġija speċifiku (SEC) għal kull żona klimatika applikabbli;
- (k) il-livell ta' qawwa tal-ħoss (L_{WA});
- (l) ir-riżultati tal-kalkoli mwettqa b'konformità mal-Anness VIII.

Fi tmiem il-lista ta' informazzjoni ta' hawn fuq, il-fornituri jistgħu jinkludu xi informazzjoni addizzjonali.

ANNEX VI


Informazzjoni li għandha tiġi pprovduta fejn l-utent finali ma jkunx mistenni jara l-prodott għall-wiri, ħlief fuq l-Internet

1. F'każijiet fejn l-utent finali ma jkunx mistenni jara l-prodott għall-wiri, ħlief fuq l-Internet, l-informazzjoni għandha tiġi pprovduta fl-ordni li ġejja:
 - (a) il-klassi tal-konsum tal-enerġija speċifiku tal-mudell, kif definita fl-Anness II;
 - (b) il-konsum tal-enerġija speċifiku (SEC) $\text{kWh}/(\text{m}^2 \cdot \text{a})$ għal kull żona klimatika applikabbli;
 - (c) ir-rata massima tal-fluss (m^3/h);
 - (d) il-livell ta' qawwa tal-ħoss (L_{WA}) dB(A) aġġustat għall-eqreb numru shh.
 2. Fejn tingħata wkoll informazzjoni oħra li tinsab fl-iskeda tal-informazzjoni dwar il-prodott, din għandha tkun fil-forma u fl-ordni speċifikati fl-Anness IV.
 3. Id-daqs u t-tipa li bihom jiġi stampat jew muri t-tagħrif kollu msemmi f'dan l-Anness għandhom ikunu ta' tip li jista' jinqara.
-

ANNEX VII

Informazzjoni li għandha tiġi pprovduta f'każ ta' bejgħ, kiri jew xiri bin-nifs permezz tal-Internet

1. Għall-finijiet tal-punti 2 sa 5 ta' dan l-Anness, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:
 - (a) "mekkaniżmu tad-displej" tfisser kwalunkwe skrin, inkluż skrins tattili, jew teknoloġija viżiva oħra wżata biex jintwera kontenut tal-Internet lill-utenti;
 - (b) "displej f'ieħor (nested display)" tfisser interfaċċa viżiva fejn immaġni jew sett ta' dejta jistgħu jiġu aċċessati permezz ta' klikk tal-maws, ċaqliqa tal-maws jew permezz tat-tkabbir fuq l-iskrin tattili ta' immaġni oħra jew ta' sett ta' dejta ieħor;
 - (c) "skrin tattili" tfisser skrin li jirreaġixxi meta tmissu, bħal pereżempju dak ta' tablet kompjuter, slate kompjuter jew smartphone;
 - (d) "test alternattiv" tfisser test provdut bħala alternattiva għal grafika li jippermetti li l-informazzjoni tiġi ppreżentata f'forma mhux grafika meta l-apparat tad-displej ma jkunx jista' jtellja l-grafika, jew bħala għajnuna għall-aċċessibbiltà bħal pereżempju fejn jakkumpanja applikazzjonijiet b'leħen ta' sinjeżi.
2. It-tikketta x-xierqa tal-prodott li l-fornituri jqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku skont l-Artikolu 3(1)(a) għandha tintwera fuq il-mekkaniżmu tad-displej qrib il-prezz tal-prodott skont l-iskedi taż-żmien stabbiliti fl-Artikolu 3(2) u (3). Id-daqs tat-tikketta għandu jkun tali li t-tikketta tkun tidher u tinqara b'mod ċar, u għandu jkun proporzjonat mad-daqs speċifikat fl-Anness III. It-tikketta tista' tintwera bħala immaġni f'oħra, f'liema każ l-immaġni li għandha tintuża biex wieħed jaċċessa t-tikketta għandha tkun konformi mal-ispeċifikazzjonijiet stabbiliti fil-punt 3 ta' dan l-Anness. Jekk tiġi applikata s-sistema ta' immaġni f'oħra, it-tikketta għandha tidher mal-ewwel klikk tal-maws, ċaqliqa tal-maws jew tkabbir tal-immaġni fuq l-iskrin tattili.
3. L-immaġni wżata biex tiġi aċċessata t-tikketa fil-każ ta' wiri ta' immaġni f'oħra għandha:
 - (a) tkun vleġġa li jkollha l-istess kulur bħal dak tal-klassi tal-effiċjenza enerġetika tal-prodott muri fuq it-tikketta;
 - (b) tindika l-klassi tal-effiċjenza enerġetika tal-prodott bl-abjad, fl-istess daqs tat-tipa li jintuża għall-prezz; kif ukoll
 - (c) tkun f'wieħed minn dawn iż-żewġ formati:


4. F'każ li tintuża s-sistema ta' wiri ta' immaġni f'oħra, is-sekwenza tad-displej fuq it-tikketta għandha tkun kif ġej:
 - (a) l-immaġni msemmija fil-punt 3 ta' dan l-Anness għandha tintwera fuq il-mekkaniżmu tad-displej qrib il-prezz tal-prodott.
 - (b) l-immaġni għandha tkun marbuta mat-tikketta;
 - (c) it-tikketta għandha tintwera bi klikk tal-maws, ċaqliqa tal-maws jew tkabbir tal-immaġni fuq l-iskrin tattili;
 - (d) it-tikketta għandha tintwera permezz ta' pop up, tab ġdida, paġna ġdida jew permezz tal-ftuħ ta' skrin ieħor fuq l-istess skrin;
 - (e) biex titkabbar it-tikketta fuq skrins tattili, għandhom japplikaw il-konvenzjonijiet tal-apparat għat-tkabbir tattili;
 - (f) l-immaġni tat-tikketta għandha tingħalaq permezz tal-għoti ta' għażla biex tingħalaq, jew permezz ta' mekkaniżmu għall-għeluq standard ieħor;
 - (g) it-test alternattiv għall-grafika, li għandu jintwera jekk it-tikketta ma tintweriex, għandu jkun il-klassi tal-effiċjenza enerġetika tal-prodott, muri b'tipa tal-istess daqs li tintuża għall-prezz.
5. L-iskeda tal-prodott ix-xierqa li l-fornituri jqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku skont l-Artikolu 3(1)(b) għandha tintwera fuq il-mekkaniżmu tad-displej qrib il-prezz tal-prodott. Id-daqs għandu jkun tali li l-iskeda tal-prodott tidher b'mod ċar u li jista' jinqara. L-iskeda tal-prodott tista' tintwera billi tintuża s-sistema tal-wiri ta' skrin f'ieħor, f'liema każ il-link li għandha tintuża biex wieħed jaċċessa l-iskeda għandha tkun immarkata b'mod ċar u li jista' jinqara bil-kliem "Skeda tal-prodott". Jekk tintuża s-sistema tal-wiri ta' skrin f'ieħor, l-iskeda tal-prodott għandha tidher mal-ewwel klikk tal-maws, ċaqliqa tal-maws jew tkabbir tal-immaġni fuq l-iskrin tattili.

ANNEX VIII

Kejl u kalkoli

1. Il-konsum tal-enerġija speċifiku (SEC) jiġi kkalkulat permezz tal-ekwazzjoni li ġejja:

$$SEC = t_a \cdot p_{ef} \cdot q_{net} \cdot MISC \cdot CTRL^x \cdot SPI - t_h \cdot \Delta T_h \cdot \eta_h^{-1} \cdot c_{air} \cdot (q_{ref} - q_{net} \cdot CTRL \cdot MISC \cdot (1 - \eta_i)) + Q_{defr}$$

fejn

- SEC hija l-konsum tal-enerġija speċifiku għall-ventilazzjoni għal kull m² ta' erja ta' art imsaħħna f'dar jew f'bini f[kWh/m².a];
- t_a hija s-sigħat annwali ta' tħaddim [h/a];
- p_{ef} hija l-fattur tal-enerġija primarja għall-ġenerazzjoni u d-distribuzzjoni tal-enerġija elettrika [-];
- q_{net} hija d-domanda tar-rata netta ta' ventilazzjoni għal kull m² ta' erja ta' art imsaħħna [m³/h.m²];
- MISC hija fattur aggregat ta' tipoloġija ġenerali, li jinkorpora fatturi għall-effettività tal-ventilazzjoni, tnixxigh mill-ventiliet u infiltrazzjoni żejda [-];
- CTRL hija l-fattur ta' kontroll tal-ventilazzjoni [-];
- x hija esponent li jqis in-nuqqas ta' linearità bejn l-enerġija termali u l-iffrankar tal-elettriku, skont il-karatteristiċi tal-mutur u tat-trażmissjoni [-];
- SPI hija l-potenza input speċifika f[kW/(m³/h)];
- t_h hija s-sigħat totali tal-istaġun tat-tisħin [h];
- ΔT_h hija d-differenza medja bejn it-temperatura ta' ġewwa (19 °C) u t-temperatura ta' barra tul staġun tat-tisħin, wara li jiġnaqqsu 3K bħala korrezzjoni għal żidiet minħabba x-xemx u minħabba żidiet interni [K];
- η_h hija l-effiċjenza medja għat-tisħin tal-post [-];
- c_{air} hija l-kapaċità termika speċifika tal-arja bi pressjoni kostanti u b'densità kostanti [kWh/(m³ K)];
- q_{ref} hija r-rata ta' ventilazzjoni naturali ta' referenza għal kull m² ta' erja ta' art imsaħħna [m³/h.m²];
- η_i hija l-effiċjenza termali tal-irkupru tas-sħana [-];
- Q_{defr} hija l-enerġija annwali tat-tisħin għal kull m² ta' erja ta' art imsaħħna [kWh/m².a] għat-tneħħija tas-silġ, fuq il-bażi ta' tisħin permezz ta' reżistenza elettrika varjabbli.

$$Q_{defr} = t_{defr} \cdot \Delta T_{defr} \cdot c_{air} \cdot q_{net} \cdot p_{ef},$$

fejn

- t_{defr} hija t-tul ta' żmien tal-perjodu għat-tneħħija tas-silġ, jiġifieri meta t-temperatura ta' barra tkun taħt - 4 °C [h/a], u
- ΔT_{defr} hija d-differenza medja f'K bejn it-temperatura ta' barra u - 4 °C waqt il-perjodu tat-tneħħija tas-silġ.

Q_{defr} tapplika biss għal unitajiet bidirezzjonali mgħammra bi skambjatur tas-sħana rikuperattiv; għal unitajiet unidirezzjonali jew unitajiet mgħammra bi skambjaturi tas-sħana riġenerattivi, $Q_{defr} = 0$.

SPI u η_i huma valuri meħuda minn testijiet u metodi ta' kalkolu.

Fit-Tabella 1 jintwerew parametri oħra, flimkien mal-valuri awtomatiċi tagħhom. L-SEC għall-klassifikazzjoni tat-tikketti hija bbażata fuq il-klima "medja".

2. Il-konsum annwali tal-elettriku għal kull 100 m² ta' erja ta' art (AEC) (f'kWh/a elettriku fis-sena); u t-tisħin iffrankat fis-sena ((AHS), li tfisser l-iffrankar annwali tal-konsum tal-enerġija għat-tisħin (f'valur kalorifiku gross tal-karburant f'kWh fis-sena) jiġu kkalkulati kif ġej, permezz tad-definizzjonijiet tal-punt 1, u l-valuri awtomatiċi mogħtija fit-Tabella 1, għal kull tip ta' klima (medja, sħuna u kiesħa):

$$AEC = t_a \cdot q_{net} \cdot MISC \cdot CTRL^x \cdot SPI + Q_{defr};$$

$$AHS = t_h \cdot \Delta T_h \cdot \eta_h^{-1} \cdot c_{air} \cdot (q_{ref} - q_{net} \cdot CTRL \cdot MISC \cdot (1 - \eta_i)).$$

Tabella 1

Parametri għall-kalkolu tal-SEC

Tipoloġija ġenerali					MISC
Unitajiet ta' ventilazzjoni bil-ventijiet					1,1
Unitajiet ta' ventilazzjoni mingħajr ventijiet					1,21
kontroll tal-ventilazzjoni					CTRL
Kontroll manwali (mingħajr DCV)					1
Kontroll bil-ħin (mingħajr DCV)					0,95
Kontroll tad-domanda ċentrali					0,85
Kontroll tad-domanda lokali					0,65
Mutur u trażmissjoni					valur x
mixgħul/mitfi (on/off) u veloċità unika					1
b'2 veloċitajiet					1,2
bi 3 veloċitajiet					1,5
b'veloċità varjabbli					2
Il-klima	t_h f'sigħat (h)	ΔT_h f'K	t_{defr} f'sigħat (h)	ΔT_{defr} f'K	$Q_{defr}^{(*)}$ f'kWh/a.m ²
Kiesħa	6 552	14,5	1 003	5,2	5,82
Medja	5 112	9,5	168	2,4	0,45
Shuna	4 392	5	—	—	—
(*) It-tneħħija tas-silġ tapplika biss għal unitajiet bidirezzjonali mgħammra bi skambjatur tas-sħana rikuperattiv, u tiġi kkalkulata bħala $Q_{defr} = t_{defr} * \Delta T_{defr} * c_{air} * q_{net} * p_{ef}$. Għal unitajiet unidirezzjonali jew unitajiet mgħammra bi skambjaturi tas-sħana riġenerattivi, $Q_{defr} = 0$					
Valuri awtomatiċi					valur
kapaċità termika speċifika tal-arja, c_{air} f'kWh/(m ³ K)					0,000344
ventilazzjoni netta meħtieġa għal kull m ² ta' erja ta' art imsaħħna, q_{net} f'm ³ /h.m ²					1,3
rata ta' ventilazzjoni naturali ta' referenza għal kull m ² ta' erja ta' art imsaħħna, q_{ref} f'm ³ /h.m ²					2,2
sigħat ta' tħaddim annwali, t_a f'sigħat (h)					8 760
fattur tal-enerġija primarja għall-ġenerazzjoni u d-distribuzzjoni tal-enerġija elettrika, p_{ef}					2,5
effiċjenza għat-tisħin tal-post, η_h					75 %

ANNEX IX

Proċedura ta' verifika għall-finijiet tas-sorveljanza tas-suq

Għall-finijiet ta' verifika tal-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness I, l-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom jittestjaw unità RVU waħda. Jekk il-valuri mkejla jew il-valuri kkalkulati fuq il-bażi ta' valuri mkejla ma jaqblux mal-valuri ddikjarati mill-manifattur skont it-tifsira tal-Artikolu 3, soġġett għat-tolleranzi indikati fit-Tabella 1, għandu jitwettaq kejl fuq tliet unitajiet oħra.

Jekk il-medja aritmetika tal-valuri mkejla għal dawn l-unitajiet ma tissodisfax ir-rekwiżiti, soġġett għat-tolleranzi indikati fit-Tabella 1, il-mudell u l-mudelli kollha l-oħra ekwivalenti għandhom jitqiesu bħala mudelli li mhumiex konformi mar-rekwiżiti tal-Anness II.

L-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom jipprovdut tagħrif dwar ir-riżultati tat-testijiet u t-tagħrif rilevanti l-ieħor lill-awtoritajiet tal-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni fi żmien xahar minn meta tittieħed id-deċiżjoni dwar il-fatt li l-mudell ma jkunx konformi mar-rekwiżiti.

L-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom jużaw il-metodi tal-kejl u tal-kalkolu msemmija fl-Anness VIII.

Tabella 1

Parametru	Tolleranzi tal-verifika
SPI	Il-valur imkejjet m'għandux ikun iktar minn 1,07 drabi tal-valur massimu ddikjarat.
Effiċjenza termali tal-RVU	Il-valur imkejjet m'għandux ikun inqas minn 0,93 drabi tal-valur minimu ddikjarat.
Livell tal-qawwa tal-ħoss:	Il-valur imkejjet m'għandux ikun ta' aktar mill-valur massimu ddikjarat, b'żieda ta' 2 dB.

It-tolleranzi tal-verifika definiti f'dan l-Anness jirreferu biss għall-verifika tal-parametri mkejla mill-awtoritajiet tal-Istat Membru u ma għandhomx jintużaw mill-fornitur bħala tolleranza permessa biex jiġi stabbiliti valuri fid-dokumentazzjoni teknika. Il-valuri u l-klassijiet fuq it-tikketta jew fl-iskeda (elettronika) tal-prodott ma għandhomx jiffavorixxu lill-fornitur iktar mill-valuri rrapportati fid-dokumentazzjoni teknika.

REGOLAMENT TA' DELEGA TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1255/2014**tas-17 ta' Lulju 2014**

li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 223/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn billi jistabbilixxi l-kontenut tar-rapporti annwali u finali ta' implimentazzjoni, inkluża l-lista ta' indikaturi komuni

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 223/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 dwar il-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn ⁽¹⁾ u b'mod partikolari l-Artikolu 13(6) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) Nru 223/2014 jeżiġi li l-Kummissjoni tadotta atti delegati li jissupplimentaw l-elementi mhux essenzjali fir-rigward tal-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (FEAD)
- (2) Ir-Regolament (UE) Nru 223/2014 jeżiġi li l-Istati Membri jissottomettu lill-Kummissjoni r-rapporti annwali u finali li fihom informazzjoni dwar l-implimentazzjoni ta' Programmi Operazzjonali (PO), inkluża d-dejta marbuta ma' indikaturi komuni u, fejn applikabbli, indikaturi speċifiċi tal-programm.
- (3) Sabiex jiġi żgurat monitoraġġ xieraq tal-implimentazzjoni tal-PO u l-kontribuzzjoni tagħhom għall-oġġettivi speċifiċi tal-FEAD, għandhom jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet rigward il-kontenut tar-rapporti annwali u finali ta' implimentazzjoni, kif ukoll il-lista ta' indikaturi komuni li jridu jiġu rrapportati.
- (4) Ir-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament iridu jkunu limitati għal dak li huwa meħtieġ, b'kunsiderazzjoni tad-dispożizzjonijiet stabbiliti skont ir-Regolament (UE) Nru 223/2014, kif ukoll il-liġi tal-Unjoni applikabbli dwar il-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali u dwar il-moviment liberu ta' tali dejta, b'mod partikolari d-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾.
- (5) Sabiex titqies in-natura differenti tal-operazzjonijiet appoġġjati mill-PO I u l-PO II u skont id-dispożizzjonijiet differenti li japplikaw għal kull PO kif stabbilit fir-Regolament (UE) Nru 223/2014, għandhom japplikaw rekwiżiti differenti rigward il-kontenut tar-rapporti annwali u finali ta' implimentazzjoni, kif ukoll il-lista ta' indikaturi komuni li għandhom jiġu rrapportati għal kull PO. Sabiex titqies il-ħtieġa speċifika li titħares id-dinjità tal-individwi appoġġjati mill-FEAD u bil-għan li jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-benefiċjarji għall-minimu meħtieġ b'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 223/2014, il-valuri ta' ċerti indikaturi jiġu ddeterminati fuq il-bażi ta' stima informata tal-organizzazzjonijiet imsieħba minflok fuq l-informazzjoni pprovduta mir-riċevituri aħharja.

Sabiex il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament ikunu jistgħu jiġu applikati mill-aktar fis, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu *f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1***Suġġett**

Dan ir-Regolament jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet li jissupplimentaw ir-Regolament (UE) Nru 223/2014 rigward il-kontenut tar-rapporti annwali u finali ta' implimentazzjoni, inkluża l-lista ta' indikaturi komuni.

⁽¹⁾ ĠUL 72, 12.3.2014, p. 1.

⁽²⁾ Id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (ĠUL 281, 23.11.1995, p. 31).

Artikolu 2

Il-kontenut tar-rapporti annwali u finali ta' implimentazzjoni u l-lista ta' indikaturi
(l-Artikolu 13(6) tar-Regolament (UE) Nru 223/2014)

1. Ir-rapporti annwali u finali ta' implimentazzjoni għandhom jistabbilixxu l-elementi li ġejjin:
 - (a) L-informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-programm b'referenza għall-indikaturi komuni għall-operazzjonijiet li tlestew parzjalment jew kompletament.
 - (b) Informazzjoni dwar l-azzjonijiet li jqisu l-prinċipji stabbiliti fl-Artikoli 5(6), 5(11) u, fejn xieraq, l-Artikolu 5(13) tar-Regolament (UE) Nru 223/2014, kif ukoll valutazzjoni ta' dawk l-istess azzjonijiet.

Minbarra l-informazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, ir-rapporti annwali u finali tal-implimentazzjoni dwar il-PO II għandhom jipprovdu informazzjoni dwar id-dejta fir-rigward ta' indikaturi speċifiċi tal-programm u l-valuri kwantifikati tal-miri u dwar il-bidliet fl-indikaturi tar-risultati, kif ukoll l-informazzjoni dwar il-progress lejn il-kisba tal-oġettivi speċifiċi tal-programm operazzjonali u l-valutazzjoni ta' dan il-progress.

2. L-indikaturi msemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 1 huma elenkati fl-Anness.
3. Minbarra l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, ir-rapport ta' implimentazzjoni finali u, fl-2017 u fl-2022, ir-rapport annwali ta' implimentazzjoni għandu jistabbilixxi informazzjoni dwar u valutazzjoni tal-kontribuzzjoni biex jint-laħqu l-oġettivi globali u speċifiċi tal-FEAD, speċifikati fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) Nru 223/2014.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmula fi Brussell, is-17 ta' Lulju 2014.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO

ANNEX

L-INDIKATURI KOMUNI GĦALL-PO I U L-PO II

L-indikaturi ta' input

- (1) L-ammont totali tan-nefqa pubblika eliġibbli approvata fid-dokumenti li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet għall-appoġġ tal-operazzjonijiet
- (2) L-ammont totali tan-nefqa pubblika eliġibbli mġarrba mill-benefiċjarji u mħallsa fl-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet

Li minnu, fejn rilevanti:

- (a) L-ammont totali tan-nefqa pubblika eliġibbli mġarrba mill-benefiċjarji u mħallsa fl-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet marbuta mal-ġhotti tal-għajnuna alimentari
 - (b) L-ammont totali tan-nefqa pubblika eliġibbli mġarrba mill-benefiċjarji u mħallsa fl-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet marbuta mal-ġhotti ta' għajnuna materjali bażika
- (3) L-ammont totali tan-nefqa pubblika eliġibbli ddikjarata lill-Kummissjoni

Din id-dejta trid tkun espressa f'Euro.

L-INDIKATURI KOMUNI GĦALL-PO I

L-indikaturi ta' output fuq id-distribuzzjoni tal-għajnuna alimentari ⁽¹⁾

- (4) Kwantità ta' frott u ħaxix
- (5) Kwantità ta' laħam, bajd, ħut, frott tal-baħar
- (6) Kwantità ta' dqiq, ħobż, patata, ross u prodotti oħra li fihom il-lamtu
- (7) Kwantità ta' zokkor
- (8) Kwantità ta' prodotti tal-ħalib
- (9) Kwantità ta' xaħam, żejt
- (10) Kwantità ta' ikel konvenjenti, oġġetti tal-ikel oħrajn (li ma jaqgħux taħt il-kategoriji msemmija qabel)
- (11) Kwantità totali ta' għajnuna alimentari distribwita

li minnha:

- (a) Sehem tal-ikel li għalih tħallsu biss it-trasport, id-distribuzzjoni u l-ħżin mill-PO (f' %)
 - (b) Proporzjon ta' prodotti tal-ikel kofinanzjati tal-FEAD fil-volum totali tal-ikel distribwit mill-organizzazzjonijiet imsieħba (f' %) ⁽²⁾
- (12) In-numru totali ta' ikljet distribwiti u ffinanzjati parzjalment jew totalment mill-PO ⁽³⁾
 - (13) In-numru totali ta' pakketti tal-ikel distribwiti u ffinanzjati parzjalment jew totalment mill-PO ⁽⁴⁾

⁽¹⁾ L-indikaturi (4) sa (11) jinkludu kull forma ta' dawn il-prodotti eż. oġġetti tal-ikel friski, fil-laned u ffriżati u għandhom jiġu espressi f'tunnellati.

⁽²⁾ Il-valuri għal dan l-indikatur għandhom jiġu stabbiliti permezz ta' stima informata tal-organizzazzjonijiet imsieħba.

⁽³⁾ Id-definizzjoni ta' x'għandu jiġi mifhum bħala ikla tista' tingħata fil-livell tal-organizzazzjoni msieħba/l-operazzjoni/l-awtorità ta' ġestjoni. Il-valuri għal dan l-indikatur għandhom jiġu stabbiliti permezz ta' stima mill-organizzazzjonijiet imsieħba.

⁽⁴⁾ Id-definizzjoni ta' x'għandu jiġi mifhum bħala pakkett tal-ikla tista' tingħata fil-livell tal-organizzazzjoni msieħba/l-operazzjoni/l-awtorità ta' ġestjoni. Il-pakketti ma għandhomx bżonn ikunu standardizzati fid-daqs jew fil-kontenut. Il-valuri għal dan l-indikatur għandhom jiġu stabbiliti permezz ta' stima mill-organizzazzjonijiet imsieħba.

L-indikaturi tar-riżultat dwar id-distribuzzjoni tal-għajnuna alimentari ⁽⁵⁾

(14) In-numru totali ta' persuni li jirċievu l-għajnuna alimentari

li minnhom:

- (a) In-numru ta' tfal li għandhom 15-il sena jew inqas
- (b) In-numru ta' tfal li għandhom 65 sena jew aktar
- (c) In-numru ta' nisa
- (d) In-numru ta' migranti, parteċipanti bi sfond barrani, minoritajiet (inklużi komunitajiet marġinalizzati bħar-Rom)
- (e) In-numru ta' persuni b'diżabbiltajiet
- (f) In-numru ta' persuni mingħajr dar

L-indikaturi ta' output dwar id-distribuzzjoni tal-assistenza materjali bażika

(15) Il-valur monetarju totali tal-beni distribwiti

li minnhom:

- (a) Il-valur monetarju totali tal-beni għat-tfal
- (b) Il-valur monetarju totali tal-beni għall-persuni mingħajr dar
- (c) Il-valur monetarju totali tal-beni għal gruppi oħra fil-mira

(16) Lista tal-aktar kategoriji rilevanti ta' beni distribwiti lit-tfal ⁽⁶⁾

- (a) Layette
- (b) Basktijiet tal-iskola
- (c) Kartolerija, pitazzi, pinen, materjal tat-tpiġġja u materjal ieħor meħtieġ fl-iskola (mhux tal-ħwejjeġ)
- (d) Tagħmir sportiv (żraben tal-isport, leotard, malja tal-għawm...)
- (e) Ħwejjeġ (kowt tax-xitwa, żraben, uniformi tal-iskola...)
- (f) Kategorija oħra — li trid tiġi speċifikata

(17) Lista tal-aktar kategoriji rilevanti ta' beni distribwiti lil persuni mingħajr dar ⁽⁶⁾

- (a) Sleeping bags/kutri
- (b) Tagħmir tal-kċina (borom, taġnijiet, pożati...)
- (c) Ħwejjeġ (kowt tax-xitwa, żraben...)
- (d) Bjankerija (xugamani, kutri)
- (e) Oġġetti tal-iġjene (kaxxa għall-ewwel għajnuna, sapun, xkupilja tas-snien, xafra riutilizzabbli għat-tqaxxir tal-leħja ...)
- (f) Kategorija oħra — li trid tiġi speċifikata

(18) Lista tal-aktar kategoriji rilevanti ta' beni distribwiti lil gruppi oħra fil-mira ⁽⁶⁾

- (a) Kategorija oħra li trid tiġi speċifikata

L-indikaturi tar-riżultat dwar id-distribuzzjoni tal-assistenza materjali bażika ⁽⁵⁾

(19) In-numru totali ta' persuni li jirċievu assistenza materjali bażika

li minnhom:

- (a) In-numru ta' tfal li għandhom 15-il sena jew inqas
- (b) In-numru ta' tfal li għandhom 65 sena jew aktar

⁽⁵⁾ Il-valuri għal dawn l-indikaturi għandhom jiġu ddeterminati abbażi tal-istima informata tal-organizzazzjonijiet imsieħba. La huwa mis-tenni u lanqas meħtieġ li jkunu bbażati fuq l-informazzjoni pprovduta mir-riċevituri aħħarija.

⁽⁶⁾ Il-lista għandha tinkludi l-kategoriji kollha rilevanti li jkopru mill-inqas 75 % tal-beni distribwiti.

- (c) In-numru ta' nisa
- (d) In-numru ta' migranti, parteċipanti bi sfond barrani, minoritajiet, inklużi komunitajiet marġinalizzati bħar-Rom)
- (e) In-numru ta' persuni b'diżabbiltajiet
- (f) In-numru ta' persuni mingħajr dar

INDIKATURI KOMUNI GĦALL-PO II

Indikaturi tal-output dwar l-assistenza għall-inklużjoni soċjali

- (20) In-numru totali ta' persuni li jirċievu assistenza għall-inklużjoni soċjali

li minnhom:

- (a) In-numru ta' tfal li għandhom 15-il sena jew inqas
- (b) In-numru ta' tfal li għandhom 65 sena jew aktar
- (c) In-numru ta' nisa
- (d) In-numru ta' migranti, parteċipanti bi sfond barrani, minoritajiet (inklużi komunitajiet marġinalizzati bħar-Rom)
- (e) In-numru ta' persuni b'diżabbiltajiet
- (f) In-numru ta' persuni mingħajr dar

Din id-dejta għall-PO II hija dejta personali skont l-Artikolu 7 tad-Direttiva 95/46/KE. L-ipproċessar tagħha jkun meħtieġ għall-konformità mal-obbligu legali li għalih il-kontrollur huwa soġġett (l-Artikolu 7(c) tad-Direttiva 95/46/KE). Għad-definizzjoni ta' kontrollur, ara l-Artikolu 2 tad-Direttiva 95/46/KE.

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1256/2014**tal-21 ta' Novembru 2014****li jistabbilixxi projbizzjoni tas-sajd għar-rebekkini u r-raj fl-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni IIa u IV minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Pajjiżi l-Baxxi**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-politika komuni tas-sajd ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 36(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 43/2014 ⁽²⁾, jistabbilixxi l-kwoti għall-2014.
- (2) Mill-informazzjoni li waslet għand il-Kummissjoni, jirriżulta li l-qabdiet li saru mill-istokk imsemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk jew irreġistrati fih, eżawrew il-kwota allokata għall-2014.
- (3) Għalhekk, jeħtieġ li jiġu pprojbiti l-attivitàjiet tas-sajd għal dak l-istokk,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1***Eżawriment tal-kwota**

Il-kwota tas-sajd allokata lill-Istati Membri msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament għall-istokk imsemmi hemmhekk għall-2014 għandha titqies bħala eżawrita mid-data stipulata f'dak l-Anness.

*Artikolu 2***Projbizzjonijiet**

L-attivitàjiet tas-sajd għall-istokk imsemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk jew irreġistrati fih, għandhom jiġu pprojbiti mid-data stipulata f'dak l-Anness. B'mod partikolari, għandu jkun ipprojbit li jinżamm abbord, jiġi trażbordat, jiġi trasportat jew jinħatt l-art, ħut minn dak l-istokk li jaqbdaw il-bastimenti wara dik id-data.

*Artikolu 3***Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Novembru 2014.

Għall-Kummissjoni,

F'isem il-President,

Lowri EVANS

Direttur Ġenerali għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd

⁽¹⁾ ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 43/2014 tal-20 ta' Jannar 2014 li jiffissa għall-2014 l-oportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni (ĠU L 24, 28.1.2014, p. 1).

ANNEX

Nru	74/TQ43
L-Istat Membru	Il-Pajjiżi l-Baxxi
L-istokk	SRX/2AC4-C
L-ispeċi	Rebekkini u raj (<i>Rajiformes</i>)
Iż-żona	L-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni IIa u IV
Id_data tal-għeluq	10.11.2014

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1257/2014**tal-24 ta' Novembru 2014****li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2003/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-fertilizzanti bl-iskop li jiġu adattati l-Annessi I u IV****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 2003/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 dwar il-fertilizzanti ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 31(1) u (3) tiegħu,

Billi:

- (1) L-imluħ tal-potassju greġġi huma materjali miksuba mir-riżorsi naturali permezz tax-xogħol fil-minjieri. Għall-prodotti naturali bħal dawn, ir-rekwiżiti għall-kontenut nutrittiv minimu stipulati fl-entrata 1 tat-Tabella A.3 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 2003/2003 ġew stabbiliti bi qbil ma' prassi industrijali tajba. Madankollu, billi l-grad tal-potassju minerali qed jonqos b'mod naturali, il-produtturi qed jiltaqgħu ma' diffikultajiet dejjem akbar biex jikkonformaw mal-limiti attwali, u dan jipperikola l-provvista kontinwa tal-fertilizzanti miksuba mill-imluħ tal-potassju greġġ lill-bdiewa professjonali. Għalhekk, dawn il-limiti għandhom jitnaqqsu kemxejn bl-emendar tal-entrata 1 tat-Tabella A.3 ta' dak l-Anness, sabiex il-produtturi jkun jistgħu jkomplu jbiegħu l-prodott tagħhom fis-suq bħala "fertilizzant KE". Din l-emenda tqis li l-valuri ta' limitu riveduti, jiġifieri kemxejn iktar baxxi, jippermettu wkoll li ssir fertilizzazzjoni effiċjenti u, għalhekk, jistgħu jitqiesu bħala progress tekniku bi qbil mal-Artikolu 31(3) tar-Regolament (KE) Nru 2003/2003.
- (2) It-3,4-dimetil-1H-pirażol fosfat (minn hawn 'il quddiem "DMPP") huwa inibitur tan-nitrifikazzjoni tajjeb għall-użu mal-fertilizzanti tan-nitroġenu komuni (solidi jew likwidi). Id-DMPP inaqqas ir-riskju li n-nitroġenu jiġi rilaxxat fil-ħamrija u fl-atmosfera u, għalhekk, ittejjeb l-effiċjenza fl-użu tan-nitroġenu.
- (3) Ir-reazzjoni tat-taħlita tal-N-butyl-tijofosforiku-triammid u l-N-propil-tijofosforiku-triammid (minn hawn 'il quddiem "NBPT/NPPT") hija inibitur tal-ureażi. L-NBPT/NPPT inaqqas ir-riskju li n-nitroġenu jintilef fil-forma ta' emissjonijiet tal-ammonja wara l-applikazzjoni ta' fertilizzanti li fihom l-urea u b'hekk ittejjeb l-effiċjenza fl-użu tan-nitroġenu.
- (4) Sabiex dawn isiru aktar disponibbli għall-bdiewa madwar l-Unjoni, id-DMPP u l-NBPT/NPPT għandhom jiżdiedu mal-listi tal-inibituri tan-nitrifikazzjoni u tal-ureażi awtorizzati fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 2003/2003 skont l-Artikolu 31(1) tar-Regolament (KE) Nru 2003/2003.
- (5) Il-fertilizzanti sempliċi, solidi jew fluwidi, abbażi tal-urea formaldeid, kif ukoll il-fertilizzanti NPK, NP u NK solidi li fihom l-urea formaldeid, huma elenkati bħala tipi ta' fertilizzant fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 2003/2003. Għalkemm il-kondensati tal-urea formaldeid huma stabbli f'soluzzjoni u f'sospensjoni, il-fertilizzanti NPK, NP u NK likwidi li fihom l-urea formaldeid għadhom mhux elenkati fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 2003/2003 bħala tip ta' prodott individwali. Billi l-interess fil-kummerċjalizzazzjoni tal-fertilizzanti NPK, NP u NK likwidi li fihom ċertu ammont ta' urea formaldeid bħala sors tan-nitroġenu qiegħed kull ma jmur jikber, l-urea formaldeid għandu jkun permess fil-preparazzjoni tal-fertilizzanti NPK, NP u NK likwidi. Għalhekk, għandhom jiżdiedu sitt deżinjazzjonijiet tat-tip ġodda mat-Tabella C.2 tal-Anness I ta' dak ir-Regolament.
- (6) Minbarra li jiġu inklużi d-DMPP u l-NBPT/NPPT fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 2003/2003, għandhom jiġu miżjudha l-metodi analitiċi li għandhom jiġu applikati għall-kontroll uffiċjali ta' dawn il-fertilizzanti mal-Anness IV ta' dak ir-Regolament.
- (7) Ir-Regolament (KE) Nru 2003/2003 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.
- (8) Sabiex jiġi żgurat li l-metodu għall-analiżi tal-NBPT/NPPT, li bħalissa qed jiġi vvalidat, jiġi ppubblikat mill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni qabel iż-żieda tal-NBPT/NPPT mal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 2003/2003 u l-metodu analitiku l-ġdid għal dak it-tip ta' fertilizzant fl-Anness IV tiegħu, l-applikazzjoni għandha tkun differita fir-rigward ta' dawk l-emendi.
- (9) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit permezz tal-Artikolu 32 tar-Regolament (KE) Nru 2003/2003,

⁽¹⁾ ĠUL 304, 21.11.2003, p. 1.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi

Ir-Regolament (KE) Nru 2003/2003 huwa emendat kif ġej:

- (1) L-Anness I huwa emendat skont l-Anness I ta' dan ir-Regolament.
- (2) L-Anness IV huwa emendat skont l-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Id-dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-Anness I, il-punt (4) u l-Anness II, il-punt (2), għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2016.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Novembru 2014.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 2003/2003 huwa emendat kif ġej:

(1) fit-Tabella A.3, l-entrata 1 fit-tabella tinbidel b'dan li ġej:

"1	Melħ tal-potassju greġġ	Prodott miksub mill-imluħ tal-potassju greġġi	9 % K_2O Potassju espress bħala K_2O li jinħall fl-ilma 2 % MgO Manjeżju fl-għamla ta' mluħ li jinħallu fl-ilma, espress bħala ossidu tal-manjeżju	Jistgħu jiżiedu l-ismijiet kummerċjali tas-soltu	Ossidu tal-potassju li jinħall fl-ilma Ossidu tal-manjeżju li jinħall fl-ilma Ossidu tas-sodju totali Il-kontenut tal-klorur għandu jiġi ddikjarat
----	-------------------------	---	---	--	---

(2) It-Tabella C.2 hija emendata kif ġej:

(a) l-entrati C.2.2 sa C.2.8 jinbidlu b'dan li ġej:

“C.2.2	Deżinjazzjoni tat-tip:		Soluzzjoni tal-fertilizzant NPK li fih l-urea formaldeid			
	Dejta dwar il-metodu tal-produzzjoni:		Il-prodott jinkiseb b'mod kimiku u billi jinħall fl-ilma, f'forma stabbli fi pressjoni atmosferika, mingħajr iż-żieda ta' nutrijenti organiċi ta' oriġini mill-annimali jew veġetali u li fih l-urea formaldeid			
	Kontenut minimu ta' nutrijenti (perċentwal skont il-piż) u rekwiżiti oħra:		— Total 15 % (N + P ₂ O ₅ + K ₂ O)			
			— Għal kull wieħed min-nutrijenti: — 5 % N, mill-anqas 25 % mill-kontenut iddikjarat tan-nitroġenu totali għandu jkun ġej min-nitroġenu tal-forma (5) — 3 % P ₂ O ₅ — 3 % K ₂ O			
		Kontenut massimu ta' bjuret: (N ureiku+ urea formaldeid N) × 0,026				
Il-forom, is-solubilitajiet u l-kontenut tan-nutrijenti għandhom jiġu ddikjarati kif speċifikat fil-kolonna 4, 5 u 6 — Daqs tal-partikola			Dejta għall-identifikazzjoni tal-fertilizzanti — Rekwiżiti oħra			
N		P ₂ O ₅	K ₂ O	N	P ₂ O ₅	K ₂ O
1		2	3	4	5	6
(1) Nitroġenu totali (2) Nitroġenu nitriku (3) Nitroġenu ammono- niaku (4) Nitroġenu ureiku (5) Nitroġenu mill-urea formaldeid		P ₂ O ₅ li jinħall fl-ilma	K ₂ O li jinħall fl-ilma	(1) Nitroġenu totali (2) Jekk kwalunkwe waħda mill-forom tan-nitroġenu (2), (3) u (4) tammonta għal mhux inqas minn 1 % tal-piż, dan għandu jiġi ddikjarat (3) Nitroġenu mill-urea formaldeid (4) Jekk il-kontenut ta' bjuret ikun inqas minn 0,2 %, tista' tiżdied il-frażi 'kontenut baxx ta' bjuret'	P ₂ O ₅ li jinħall fl-ilma	(1) Ossidu tal-potassju li jinħall fl-ilma (2) Il-frażi 'kontenut baxx ta' klorur' tista' tintuża biss meta l-kontenut ta' Cl ma jkunx iktar minn 2 % (3) Il-kontenut ta' klorur jista' jiġi ddikjarat

C.2.3	Deżinjazzjoni tat-tip:	Sospensjoni tal-fertilizzant NPK			
	Dejta dwar il-metodu tal-produzzjoni:	Prodott fil-forma likwida, li fih in-nutrijenti nkisbu minn sustanzi kemm f'soluzzjoni kif ukoll f'sospensjoni fl-ilma, mingħajr żieda ta' nutrijenti organiċi ta' oriġini mill-annimali jew veġetali			
	Kontenut minimu ta' nutrijenti (perċentwal skont il-piż) u rekwiżiti oħra:	— Total: 20 %, (N + P ₂ O ₅ + K ₂ O) — Għal kull wieħed min-nutrijenti: 3 % N, 4 % P ₂ O ₅ , 4 % K ₂ O — Kontenut massimu ta' bjuret: N ureiku × 0,026			
Il-forom, is-solubilitajiet u l-kontenut tan-nutrijenti għandhom jiġu ddikjarati kif speċifikat fil-kolonni 4, 5 u 6 — Daqs tal-partikola			Dejta għall-identifikazzjoni tal-fertilizzanti — Rekwiżiti oħra		
N	P ₂ O ₅	K ₂ O	N	P ₂ O ₅	K ₂ O
1	2	3	4	5	6
(1) Nitroġenu totali (2) Nitroġenu nitriku (3) Nitroġenu ammono- niaku (4) Nitroġenu ureiku	(1) P ₂ O ₅ li jinħall fl-ilma (2) P ₂ O ₅ li jinħall fiċ-ċitrat tal-ammonju newtrali (3) P ₂ O ₅ li jinħall fiċ-ċitrat tal-ammonju newtrali u l-ilma	K ₂ O li jinħall fl-ilma	(1) Nitroġenu totali (2) Jekk kwalunkwe waħda mill-forom tan-nitroġenu (2), (3) u (4) tammonta għal mhux inqas minn 1 % tal-piż, dan għandu jiġi ddikjarat (3) Jekk il-kontenut ta' bjuret ikun inqas minn 0,2 %, tista' tiżdied il-frażi 'kontenut baxx ta' bjuret'	Il-fertilizzanti ma għandux ikun fihom gagazza Thomas, fosfat tal-kalċju-aluminju, fosfati kalċinati, fosfati parzjalment solubilizzati jew fosfati tal-blat (1) Jekk il-P ₂ O ₅ li jinħall fl-ilma jkun inqas minn 2 %, għandha tiġi ddikjarata solubilità ta' 2 biss (2) Jekk il-P ₂ O ₅ li jinħall fl-ilma jkun mill-inqas 2 %, għandhom jiġu ddikjarati solubilità ta' 3 u l-kontenut tal-P ₂ O ₅ li jinħall fl-ilma	(1) Ossidu tal-potassju li jinħall fl-ilma (2) Il-frażi 'kontenut baxx ta' klorur' tista' tintuża biss meta l-kontenut ta' Cl ma jkunx iktar minn 2 % (3) Il-kontenut ta' klorur jista' jiġi ddikjarat
C.2.4	Deżinjazzjoni tat-tip:	Sospensjoni tal-fertilizzant NPK li fih il-formaldeid tal-urea			
	Dejta dwar il-metodu tal-produzzjoni:	Il-prodott f'forma likwida, li fih in-nutrijenti nkisbu minn sustanzi f'soluzzjoni kif ukoll f'sospensjoni fl-ilma, mingħajr żieda ta' nutrijenti organiċi ta' oriġini mill-annimali jew veġetali, u li fih il-urea formaldeid			

	Kontenut minimu ta' nutrijenti (perċentwal skont il-piż) u rekwiżiti oħra:		— Total 20 % (N + P₂O₅ + K₂O) — Għal kull wieħed min-nutrijenti: — 5 % N, mill-anqas 25 % mill-kontenut iddikjarat tan-nitroġenu totali għandu jkun ġej min-nitroġenu tal-forma (5) Mill-inqas 3/5 tal-kontenut iddikjarat tan-nitroġenu (5) għandu jkun jinħall fil-misħun — 4 % P₂O₅ — 4 % K₂O Kontenut massimu ta' bjuret: (N ureiku + N mill-urea formaldeid) × 0,026		
Il-forom, is-solubilitajiet u l-kontenut tan-nutrijenti għandhom jiġu ddikjarati kif speċifikat fil-kolonna 4, 5 u 6 — Daqs tal-partikola			Dejta għall-identifikazzjoni tal-fertilizzanti — Rekwiżiti oħra		
N	P ₂ O ₅	K ₂ O	N	P ₂ O ₅	K ₂ O
1	2	3	4	5	6
(1) Nitroġenu totali (2) Nitroġenu nitriku (3) Nitroġenu ammono- niaku (4) Nitroġenu ureiku (5) Nitroġenu mill-urea formaldeid	(1) P ₂ O ₅ li jinħall fl-ilma (2) P ₂ O ₅ li jinħall fiċ-ċitrat tal-ammonju newtrali (3) P ₂ O ₅ li jinħall fiċ-ċitrat tal-ammonju newtrali u fl-ilma	K ₂ O li jinħall fl-ilma	(1) Nitroġenu totali (2) Jekk kwalunkwe waħda mill-forom tan-nitroġenu (2), (3) u (4) tammonta għal mhux inqas minn 1 % tal-piż, dan għandu jiġi ddikjarat (3) Nitroġenu mill-urea for- maldeid (4) Jekk il-kontenut ta' bjuret ikun inqas minn 0,2 %, tista' tiżdied il-frażi 'kon- tenut baxx ta' bjuret'	Il-fertilizzanti ma għandux ikun fihom gagazza Thomas, fosfat tal-kalċju-aluminju, fosfati kalċinati, fosfati parz- jalment solubilizzati jew fos- fati tal-blat (1) Jekk il-P ₂ O ₅ li jinħall fl- ilma jkun inqas minn 2 %, għandha tiġi ddikja- rata solubilità ta' (2) biss (2) Jekk il-P ₂ O ₅ li jinħall fl- ilma jkun mill-inqas 2 %, għandhom jiġu ddikjarati solubilità ta' (3) u l-kon- tenut tal-P ₂ O ₅ li jinħall fl- ilma	(1) Ossidu tal-potassju li jin- hall fl-ilma (2) Il-frażi 'kontenut baxx ta' klorur' tista' tintuża biss meta l-kontenut ta' Cl ma jkunx iktar minn 2 % (3) Il-kontenut tal-klorur jista' jiġi ddikjarat
C.2.5	Deżinjazzjoni tat-tip:		Soluzzjoni tal-fertilizzant NP		
	Dejta dwar il-metodu tal-produzzjoni:		Il-prodott jinkiseb b'mod kimiku u billi jinħall fl-ilma, f'forma stabbli fi pressjoni atmosferika, mingħajr iż- żieda ta' nutrijenti organiċi ta' oriġini mill-annimali jew veġetali		
	Kontenut minimu ta' nutrijenti (perċentwal skont il-piż) u rekwiżiti oħra:		— Total: 18 %, (N + P₂O₅) — Għal kull wieħed min-nutrijenti: 3 % N, 5 % P₂O₅ — Kontenut massimu ta' bjuret: N ureiku × 0,026		

Il-forom, is-solubilitajiet u l-kontenut tan-nutrijenti għandhom jiġu ddikjarati kif speċifikat fil-kolonni 4, 5 u 6 — Daqs tal-partikola			Dejta għall-identifikazzjoni tal-fertilizzanti — Rekwiżiti oħra		
N	P ₂ O ₅	K ₂ O	N	P ₂ O ₅	K ₂ O
1	2	3	4	5	6
(1) Nitroġenu totali (2) Nitroġenu nitriku (3) Nitroġenu ammoniaku (4) Nitroġenu ureiku	P ₂ O ₅ li jinħall fl-ilma		(1) Nitroġenu totali (2) Jekk kwalunkwe waħda mill-forom tan-nitroġenu (2), (3) u (4) tammonta għal mhux inqas minn 1 % tal-piż, dan għandu jiġi ddikjarat (3) Jekk il-kontenut ta' bjuret ikun inqas minn 0,2 %, tista' tiżdied il-frażi 'kontenut baxx ta' bjuret'	P ₂ O ₅ li jinħall fl-ilma	

C.2.6	Deżinjazzjoni tat-tip:	Soluzzjoni tal-fertilizzant NP li fih l-urea formaldeid
	Dejta dwar il-metodu tal-produzzjoni:	Il-prodott jinkiseb b'mod kimiku u billi jinħall fl-ilma, f'forma stabbli fi pressjoni atmosferika, mingħajr iż-żieda ta' nutrijenti organiċi ta' oriġini mill-annimali jew veġetali, u li fih l-urea formaldeid
	Kontenut minimu ta' nutrijenti (perċentwal skont il-piż) u rekwiżiti oħra:	— Total 18 % (N + P₂O₅) — Għal kull wieħed min-nutrijenti: — 5 % N, mill-anqas 25 % mill-kontenut iddikjarat tan-nitroġenu totali għandu jkun ġej min-nitroġenu tal-forma (5) — 5 % P₂O₅ Kontenut massimu ta' bjuret: (N ureiku + N mill-urea formaldeid) × 0,026

Il-forom, is-solubilitajiet u l-kontenut tan-nutrijenti għandhom jiġu ddikjarati kif speċifikat fil-kolonni 4, 5 u 6 — Daqs tal-partikola			Dejta għall-identifikazzjoni tal-fertilizzanti — Rekwiżiti oħra		
N	P ₂ O ₅	K ₂ O	N	P ₂ O ₅	K ₂ O
1	2	3	4	5	6
(1) Nitroġenu totali (2) Nitroġenu nitriku (3) Nitroġenu ammoniaku (4) Nitroġenu ureiku (5) Nitroġenu mill-urea formaldeid	P ₂ O ₅ li jinħall fl-ilma		(1) Nitroġenu totali (2) Jekk kwalunkwe waħda mill-forom tan-nitroġenu (2), (3) u (4) tammonta għal mhux inqas minn 1 % tal-piż, dan għandu jiġi ddikjarat (3) Nitroġenu mill-urea formaldeid (4) Jekk il-kontenut ta' bjuret ikun inqas minn 0,2 %, tista' tiżdied il-frażi 'kontenut baxx ta' bjuret'	P ₂ O ₅ li jinħall fl-ilma	

C.2.7	Deżinjazzjoni tat-tip:	Sospensjoni tal-fertilizzant NP			
	Dejta dwar il-metodu tal-produzzjoni:	Il-prodott f'forma likwida, li fih in-nutrijenti nkisbu minn sustanzi f'soluzzjoni kif ukoll f'sospensjoni fl-ilma, mingħajr żieda ta' nutrijenti organiċi ta' oriġini mill-annimali jew veġetali			
	Kontenut minimu ta' nutrijenti (perċentwal skont il-piż) u rekwiżiti oħra:	— Total: 18 %, (N + P ₂ O ₅) — Għal kull wieħed min-nutrijenti: 3 % N, 5 % P ₂ O ₅ — Kontenut massimu ta' bjuret: N ureiku × 0,026			
Il-forom, is-solubilitajiet u l-kontenut tan-nutrijenti għandhom jiġu ddikjarati kif speċifikat fil-kolonni 4, 5 u 6 — Daqs tal-partikola			Dejta għall-identifikazzjoni tal-fertilizzanti. Rekwiżiti oħra		
N	P ₂ O ₅	K ₂ O	N	P ₂ O ₅	K ₂ O
1	2	3	4	5	6
(1) Nitroġenu totali (2) Nitroġenu nitriku (3) Nitroġenu ammo- niaku (4) Nitroġenu ureiku	(1) P ₂ O ₅ li jinħall fl-ilma (2) P ₂ O ₅ li jinħall fiċ-ċitrat tal-ammonju newtrali (3) P ₂ O ₅ li jinħall fiċ-ċitrat tal-ammonju newtrali u l-ilma		(1) Nitroġenu totali (2) Jekk kwalunkwe waħda mill-forom tan-nitroġenu (2), (3) u (4) tammonta għal mhux inqas minn 1 % tal-piż, dan għandu jiġi ddikjarat (3) Jekk il-kontenut ta' bjuret ikun inqas minn 0,2 %, tista' tiżdied il-frażi 'kontenut baxx ta' bjuret'	Il-fertilizzanti ma għandux ikun fihom gagazza Thomas, fosfat tal-kalċju-alu-minju, fosfati kalċinati, fosfati parzjalment solubilizzati jew fosfati tal-blat (1) Jekk il-P ₂ O ₅ li jinħall fl-ilma jkun inqas minn 2 %, għandha tiġi ddikjarata solubilità ta' (2) biss (2) Jekk il-P ₂ O ₅ li jinħall fl-ilma jkun mill-inqas 2 %, għandhom jiġu ddikjarati solubilità ta' (3) u l-kontenut tal-P ₂ O ₅ li jinħall fl-ilma	
C.2.8	Deżinjazzjoni tat-tip:	Sospensjoni tal-fertilizzant NP li fih il-urea formaldeid			
	Dejta dwar il-metodu tal-produzzjoni:	Il-prodott f'forma likwida, li fih in-nutrijenti nkisbu minn sustanzi f'soluzzjoni kif ukoll f'sospensjoni fl-ilma, mingħajr żieda ta' nutrijenti organiċi ta' oriġini mill-annimali jew veġetali, u li fih il-urea formaldeid			
	Kontenut minimu ta' nutrijenti (perċentwal skont il-piż) u rekwiżiti oħra:	— Total 18 % (N + P ₂ O ₅) — Għal kull wieħed min-nutrijenti: — 5 % N, mill-anqas 25 % mill-kontenut iddikjarat tan-nitroġenu totali għandu jkun ġej min-nitroġenu tal-forma (5) Mill-inqas 3/5 tal-kontenut iddikjarat tan-nitroġenu (5) għandu jkun jinħall fil-misħun — 5 % P ₂ O ₅ Kontenut massimu ta' bjuret: (N ureiku + N mill-urea formaldeid) × 0,026			

Il-forom, is-solubilitajiet u l-kontenut tan-nutrijenti għandhom jiġu ddikjarati kif speċifikat fil-kolonna 4, 5 u 6 — Daqs tal-partikola			Dejta għall-identifikazzjoni tal-fertilizzanti — Rekwiżiti oħra		
N	P ₂ O ₅	K ₂ O	N	P ₂ O ₅	K ₂ O
1	2	3	4	5	6
(1) Nitroġenu totali (2) Nitroġenu nitriku (3) Nitroġenu ammo-niaku (4) Nitroġenu ureiku (5) Nitroġenu mill-urea formaldeid	(1) P ₂ O ₅ li jinħall fl-ilma (2) P ₂ O ₅ li jinħall fiċ-ċitrat tal-ammonju newtrali (3) P ₂ O ₅ li jinħall fiċ-ċitrat tal-ammonju newtrali u fl-ilma		(1) Nitroġenu totali (2) Jekk kwalunkwe waħda mill-forom tan-nitroġenu (2), (3) jew (4) tammonta għal mhux inqas minn 1 % skont il-piż, dan għandu jiġi ddikjarat. (3) Nitroġenu mill-urea formaldeid (4) Jekk il-kontenut ta' bjuret ikun inqas minn 0,2 %, tista' tiżdied il-frażi 'kontenut baxx ta' bjuret'	Il-fertilizzanti ma għandux ikun fihom gagazza Thomas, fosfat tal-kalċju-aluminju, fosfati kalċinati, fosfati parzjalment solubilizzati jew fosfati tal-blat (1) Jekk il-P ₂ O ₅ li jinħall fl-ilma jkun inqas minn 2 %, għandha tiġi ddikjarata solubilità ta' (2) biss (2) Jekk il-P ₂ O ₅ li jinħall fl-ilma jkun mill-inqas 2 %, għandhom jiġu ddikjarati solubilità ta' (3) u l-kontenut tal-P ₂ O ₅ li jinħall fl-ilma	

(b) jizziedu l-entrati C.2.9 sa C.2.14 li ġejjin:

"C.2.9	Deżinjazzjoni tat-tip:	Soluzzjoni tal-fertilizzant NK			
	Dejta dwar il-metodu tal-produzzjoni:	Il-prodott jinkiseb b'mod kimiku u billi jinħall fl-ilma, f'forma stabbli fi pressjoni atmosferika, mingħajr iż-żieda ta' nutrijenti organiċi ta' oriġini mill-annimali jew veġetali			
	Kontenut minimu ta' nutrijenti (perċentwal skont il-piż) u rekwiżiti oħra:	— Total: 15 % (N + K ₂ O) — Għal kull wieħed min-nutrijenti: 3 % N, 5 % K ₂ O — Kontenut massimu ta' bjuret: N ureiku × 0,026			
Il-forom, is-solubilitajiet u l-kontenut tan-nutrijenti għandhom jiġu ddikjarati kif speċifikat fil-kolonna 4, 5 u 6 — Daqs tal-partikola			Dejta għall-identifikazzjoni tal-fertilizzanti — Rekwiżiti oħra		
N	P ₂ O ₅	K ₂ O	N	P ₂ O ₅	K ₂ O
1	2	3	4	5	6
(1) Nitroġenu totali (2) Nitroġenu nitriku (3) Nitroġenu ammo-niaku (4) Nitroġenu ureiku		K ₂ O li jinħall fl-ilma	(1) Nitroġenu totali (2) Jekk kwalunkwe waħda mill-forom tan-nitroġenu (2), (3) u (4) tammonta għal mhux inqas minn 1 % tal-piż, dan għandu jiġi ddikjarat (3) Jekk il-kontenut ta' bjuret ikun inqas minn 0,2 %, tista' tiżdied il-frażi 'kontenut baxx ta' bjuret'		(1) Ossidu tal-potassju li jinħall fl-ilma (2) Il-frażi 'kontenut baxx ta' klorur' tista' tintuża biss meta l-kontenut ta' Cl ma jkunx iktar minn 2 % (3) Il-kontenut tal-klorur jista' jiġi ddikjarat

C.2.10	Deżinjazzjoni tat-tip:	Soluzzjoni tal-fertilizzant NK li fiha l-urea formaldeid			
	Dejta dwar il-metodu tal-produzzjoni:	Il-prodott jinkiseb b'mod kimiku u billi jinħall fl-ilma, f'forma stabbli fi pressjoni atmosferika, mingħajr iż-żieda ta' nutrijenti organiċi ta' oriġini mill-annimali jew veġetali, u li fih l-urea formaldeid			
	Kontenut minimu ta' nutrijenti (perċentwal skont il-piż) u rekwiżiti oħra:	— Total 15 % (N + K₂O) — Għal kull wieħed min-nutrijenti: — 5 % N, mill-anqas 25 % mill-kontenut iddikjarat tan-nitroġenu totali għandu jkun ġej min-nitroġenu tal-forma (5) — 5 % K₂O Kontenut massimu ta' bjuret: (N ureiku + N mill-urea formaldeid) × 0,026			
Il-forom, is-solubilitajiet u l-kontenut tan-nutrijenti għandhom jiġu ddikjarati kif speċifikat fil-kolonna 4, 5 u 6 — Daqs tal-partikola			Dejta għall-identifikazzjoni tal-fertilizzanti — Rekwiżiti oħra		
N	P ₂ O ₅	K ₂ O	N	P ₂ O ₅	K ₂ O
1	2	3	4	5	6
(1) Nitroġenu totali (2) Nitroġenu nitriku (3) Nitroġenu ammono- niaku (4) Nitroġenu ureiku (5) Nitroġenu mill-urea formaldeid		K ₂ O li jinħall fl-ilma	(1) Nitroġenu totali (2) Jekk kwalunkwe waħda mill-forom tan-nitroġenu (2), (3) u (4) tammonta għal mhux inqas minn 1 % tal-piż, dan għandu jiġi ddikjarat (3) Nitroġenu mill-urea formaldeid (4) Jekk il-kontenut ta' bjuret ikun inqas minn 0,2 %, tista' tiżdied il-frażi 'kontenut baxx ta' bjuret'		(1) Ossidu tal-potassju li jinħall fl-ilma (2) Il-frażi 'kontenut baxx ta' klorur' tista' tintuża biss meta l-kontenut ta' Cl ma jkunx iktar minn 2 % (3) Il-kontenut tal-klorur jista' jiġi ddikjarat
C.2.11	Deżinjazzjoni tat-tip:	Sospensjoni tal-fertilizzant NK			
	Dejta dwar il-metodu tal-produzzjoni:	Il-prodott f'forma likwida, li fih in-nutrijenti nkisbu minn sustanzi f'soluzzjoni kif ukoll f'sospensjoni fl-ilma, mingħajr żieda ta' nutrijenti organiċi ta' oriġini mill-annimali jew veġetali			
	Kontenut minimu ta' nutrijenti (perċentwal skont il-piż) u rekwiżiti oħra:	— Total: 18 % (N + K₂O) — Għal kull wieħed min-nutrijenti: 3 % N, 5 % K₂O — Kontenut massimu ta' bjuret: N ureiku × 0,026			

Il-forom, is-solubilitajiet u l-kontenut tan-nutrijenti għandhom jiġu ddikjarati kif speċifikat fil-kolonna 4, 5 u 6 — Daqs tal-partikola			Dejta għall-identifikazzjoni tal-fertilizzanti — Rekwiżiti oħra		
N	P ₂ O ₅	K ₂ O	N	P ₂ O ₅	K ₂ O
1	2	3	4	5	6
(1) Nitroġenu totali (2) Nitroġenu nitriku (3) Nitroġenu ammo-niaku (4) Nitroġenu ureiku		K ₂ O li jinħall fl-ilma	(1) Nitroġenu totali (2) Jekk kwalunkwe waħda mill-forom tan-nitroġenu (2), (3) u (4) tammonta għal mhux inqas minn 1 % tal-piż, dan għandu jiġi ddikjarat (3) Jekk il-kontenut ta' bjuret ikun inqas minn 0,2 %, tista' tiżdied il-frażi 'kontenut baxx ta' bjuret'		(1) Ossidu tal-potassju li jinħall fl-ilma (2) Il-frażi 'kontenut baxx ta' klorur' tista' tintuża biss meta l-kontenut ta' Cl ma jkunx iktar minn 2 % (3) Il-kontenut tal-klorur jista' jiġi ddikjarat

C.2.12	Deżinjazzjoni tat-tip:	Sospensjoni tal-fertilizzant NK li fih il-urea formaldeid
	Dejta dwar il-metodu tal-produzzjoni:	Il-prodott f'forma likwida, li fih in-nutrijenti nkisbu minn sustanzi f'soluzzjoni kif ukoll f'sospensjoni fl-ilma, mingħajr żieda ta' nutrijenti organiċi ta' oriġini mill-annimali jew veġetali, u li fih il-urea formaldeid
	Kontenut minimu ta' nutrijenti (perċentwal skont il-piż) u rekwiżiti oħra:	— Total 18 % (N + K ₂ O) — Għal kull wieħed min-nutrijenti: — 5 % N, mill-anqas 25 % mill-kontenut iddikjarat tan-nitroġenu totali għandu jkun ġej min-nitroġenu tal-forma (5) Mill-inqas 3/5 tal-kontenut iddikjarat tan-nitroġenu (5) għandu jkun jinħall fil-misħun — 5 % K ₂ O Kontenut massimu ta' bjuret: (N ureiku + N mill-urea formaldeid) × 0,026

Il-forom, is-solubilitajiet u l-kontenut tan-nutrijenti għandhom jiġu ddikjarati kif speċifikat fil-kolonna 4, 5 u 6 — Daqs tal-partikola			Dejta għall-identifikazzjoni tal-fertilizzanti — Rekwiżiti oħra		
N	P ₂ O ₅	K ₂ O	N	P ₂ O ₅	K ₂ O
1	2	3	4	5	6
(1) Nitroġenu totali (2) Nitroġenu nitriku (3) Nitroġenu ammo-niaku (4) Nitroġenu ureiku (5) Nitroġenu mill-urea formaldeid		K ₂ O li jinħall fl-ilma	(1) Nitroġenu totali (2) Jekk kwalunkwe waħda mill-forom tan-nitroġenu (2), (3) u (4) tammonta għal mhux inqas minn 1 % tal-piż, dan għandu jiġi ddikjarat (3) Nitroġenu mill-urea formaldeid (4) Jekk il-kontenut ta' bjuret ikun inqas minn 0,2 %, tista' tiżdied il-frażi 'kontenut baxx ta' bjuret'		(1) Ossidu tal-potassju li jinħall fl-ilma (2) Il-frażi 'kontenut baxx ta' klorur' tista' tintuża biss meta l-kontenut ta' Cl ma jkunx iktar minn 2 % (3) Il-kontenut tal-klorur jista' jiġi ddikjarat

C.2.13	Deżinjazzjoni tat-tip:	Soluzzjoni tal-fertilizzant PK			
	Dejta dwar il-metodu tal-produzzjoni:	Il-prodott jinkiseb b'mod kimiku u billi jinħall fl-ilma, mingħajr iż-żieda ta' nutrijenti organiċi ta' oriġni mill-annimali jew veġetali			
	Kontenut minimu ta' nutrijenti (perċentwal skont il-piż) u rekwiżiti oħra:	— Total: 18 % (P_2O_5 + K_2O) — Għal kull wieħed min-nutrijenti: 5 % P_2O_5 , 5 % K_2O			
Il-forom, is-solubilitajiet u l-kontenut tan-nutrijenti għandhom jiġu ddikjarati kif speċifikat fil-kolonni 4, 5 u 6 — Daqs tal-partikola			Dejta għall-identifikazzjoni tal-fertilizzanti — Rekwiżiti oħra		
N	P_2O_5	K_2O	N	P_2O_5	K_2O
1	2	3	4	5	6
	P_2O_5 li jinħall fl-ilma	K_2O li jinħall fl-ilma		P_2O_5 li jinħall fl-ilma	(1) Ossidu tal-potassju li jinħall fl-ilma (2) Il-frażi 'kontenut baxx ta' klorur' tista' tintuża biss meta l-kontenut ta' Cl ma jkunx iktar minn 2 % (3) Il-kontenut tal-klorur jista' jiġi ddikjarat

C.2.14	Deżinjazzjoni tat-tip:	Sospensjoni tal-fertilizzant PK			
	Dejta dwar il-metodu tal-produzzjoni:	Il-prodott f'forma likwida, li fih in-nutrijenti nkisbu minn sustanzi f'soluzzjoni kif ukoll f'sospensjoni fl-ilma, mingħajr żieda ta' nutrijenti organiċi ta' oriġini mill-annimali jew veġetali			
	Kontenut minimu ta' nutrijenti (perċentwal skont il-piż) u rekwiżiti oħra:	— Total: 18 % (P_2O_5 + K_2O) — Għal kull wieħed min-nutrijenti: 5 % P_2O_5 , 5 % K_2O			
Il-forom, is-solubilitajiet u l-kontenut tan-nutrijenti għandhom jiġu ddikjarati kif speċifikat fil-kolonni 4, 5 u 6 — Daqs tal-partikola			Dejta għall-identifikazzjoni tal-fertilizzanti — Rekwiżiti oħra		
N	P_2O_5	K_2O	N	P_2O_5	K_2O
1	2	3	4	5	6
	(1) P_2O_5 li jinħall fl-ilma (2) P_2O_5 li jinħall fiċ-ċitrat tal-ammonju newtrali (3) P_2O_5 li jinħall fiċ-ċitrat tal-ammonju newtrali u l-ilma	K_2O li jinħall fl-ilma		Il-fertilizzanti ma għandux ikun fihom gagazza Thomas, fosfat tal-kalċju-aluminju, fosfati kalċinati, fosfati parzjalment solubilizzati jew fosfati tal-blat (1) Jekk il- P_2O_5 li jinħall fl-ilma jkun inqas minn 2 %, għandha tiġi ddikjarata solubilità ta' (2) biss (2) Jekk il- P_2O_5 li jinħall fl-ilma jkun mill-inqas 2 %, għandhom jiġu ddikjarati solubilità ta' (3) u l-kontenut tal- P_2O_5 li jinħall fl-ilma	(1) Ossidu tal-potassju li jinħall fl-ilma (2) Il-frażi 'kontenut baxx ta' klorur' tista' tintuża biss meta l-kontenut ta' Cl ma jkunx iktar minn 2 % (3) Il-kontenut tal-klorur jista' jiġi ddikjarat

(3) fit-Tabella F.1 tiddaħħal l-entrata 4 li ġejja:

"4	3,4-dimetil-1H-pirażol fosfat (DMPP) Nru KE 424-640-9	Minimu: 0,8 Massimu: 1,6"		
----	--	------------------------------	--	--

(4) fit-Tabella F.2 tiddaħħal l-entrata 3 li ġejja:

"3	It-taħlita tar-reazzjoni tal-N-butyl-tijofosforiku-triammid (NBPT) u l-N-propil-tijofosforiku-triammid (NPPT) (proporzjon 3:1 ⁽¹⁾) Nru KE 700-457-2	Minimu: 0,02 Massimu: 0,3"		
----	--	-------------------------------	--	--

⁽¹⁾ It-tolleranza tal-porzjon tal-N-propil-tijofosforiku-triammid (NPPT): 20 %.

ANNEX II

Fl-Anness IV, it-Taqsima B, tar-Regolament (KE) Nru 2003/2003, jiżdiedu l-metodi li ġejjin:

“Metodu 12.6

Kalkolu tad-DMPP

EN 16328: Fertilizzanti — Kalkolu tat-3,4-dimetil-1H-pirażol fosfat (DMPP) — Metodu li juża l-kromatografija likwida ta' prestazzjoni għolja (HPLC)

Lil dan il-metodu ta' analiżi sarlu t-test taċ-ċirku.

Metodu 12.7

Kalkolu tal-NBPT/NPPT

EN 16651: Fertilizzanti — Kalkolu tal-N-(n-Butil)aċidu tijofosforiku-triammid (NBPT) u l-N-(n-Propil)aċidu tijofosforiku-triammid (NPPT) — Il-metodu li jinvolti l-użu tal-kromatografija likwida ta' prestazzjoni għolja (HPLC)

Lil dan il-metodu ta' analiżi sarlu t-test taċ-ċirku.”

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1258/2014**tal-24 ta' Novembru 2014****li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas- 17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ⁽¹⁾,Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati ⁽²⁾ u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom il-Kummissjoni tiffissal-valuri standard għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu.
- (2) Il-valur standard tal-importazzjoni huwa kkalkulat kull ġurnata tax-xogħol skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, billi jqis id-dejta varjabbli ta' kuljum. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Novembru 2014.

*Għall-Kummissjoni,**F'isem il-President,*

Jerzy PLEWA

Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali⁽¹⁾ ĠUL 347, 20.12.2013, p. 671.⁽²⁾ ĠUL 157, 15.6.2011, p. 1.

ANNEX

Il-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

(EUR/100 kg)

Kodiċi tan-NM	Kodiċi tal-pajjiż terz ⁽¹⁾	Valur standard tal-importazzjoni
0702 00 00	AL	66,6
	IL	45,2
	MA	77,1
	ZZ	63,0
0707 00 05	AL	91,9
	JO	203,0
	TR	135,5
	ZZ	143,5
0709 93 10	MA	35,1
	TR	125,7
	ZZ	80,4
0805 20 10	MA	76,2
	ZZ	76,2
0805 20 30, 0805 20 50, 0805 20 70, 0805 20 90	CN	59,1
	PE	74,4
	TR	72,6
	ZZ	68,7
0805 50 10	TR	77,9
	ZZ	77,9
0808 10 80	AU	203,7
	BR	51,7
	CA	133,4
	CL	82,8
	NZ	96,9
	US	93,2
	ZA	147,3
	ZZ	115,6
0808 30 90	CN	82,7
	US	201,1
	ZZ	141,9

⁽¹⁾ In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1106/2012 tas-27 ta' Novembru 2012 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 471/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar statistika Komunitarja relatata mal-kummerċ estern ma' pajjiżi li mhumiex membri, fir-rigward tal-aġġornament tan-nomenklatura tal-pajjiżi u t-territorji (ĠU L 328, 28.11.2012, p. 7). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "ta' oriġini oħra".

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT